**MALTA**

**DIBATTITI TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI**
**(Rapport Uffiċjali u Rivedut)**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 178**
**L-Erbgħa, 22 ta' Novembru, 2023**

**Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**MALTA**

**Prezz €2.50**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 178**
**L-Erbgħa, 22 ta' Novembru, 2023**

**Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament,**
**il-Belt Valletta, fl-4.02 p.m.**

**Talba**

**Seduta Nru 178**

**L-Erbgħa, 22 ta' Novembru, 2023**

**WERREJ**


MINUTI ........ 827

RULING ........ 827

INFORMAZZJONI MIS-SEDJA ........ 832

MISTOQSIJIET – TWEĠIBIET ORALI ........ 832

TQEGĦID TA' KARTI ........ 834

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

ESTIMI ĠENERALI 2024 - KUMITAT TA' PROVVISTA

IT-TLETTAX-IL SEDUTA STABBILITA - UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU ........ 835

AĠĠORNAMENT ........ 862

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB ........ 863

## MINUTI

*Il-Minuti tas-Seduta Nru 177 li saret fit-22 ta' Novembru 2023 ġew ikkonfermati.*

## RULING

**L-ISPEAKER (Onor. Anġlu Farrugia):** Se nagħti ruling:

Fis-seduta tal-bieraħ, wara l-ħin tal-mistoqsijiet, l-Onor. Darren Carabott bħala Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, talab lis-Sedja hekk:

> "Sur President, nagħmel referenza għal dak li seħħ illum fil-laqgħa tal-Public Accounts Committee. F'isem l-Oppożizzjoni qed nagħmel din it-talba wara li x-xhud li kellna llum taħt ġurament ikkonferma li lbieraħ kien hemm skambju ta' messaġġi, u minbarra l-messaġġi kien hemm skambju ta' mistoqsijiet li kellhom isiru waqt is-seduta tal-istess Public Accounts Committee. Sur President, nitolbok sabiex tieħu l-passi u tinvestiga. Naf li f'fora oħra dak li seħħ illum fil-Public Accounts Committee jammonta għal reat. Se nitolbok sabiex tinvestiga, tieħu l-passi kollha, u tara mhux biss il-mistoqsijiet però anke l-messaġġi li ġew skambjati bejn il-Ministru Clayton Bartolo, li huwa membru fil-Kumitat tal-Public Accounts Committee, u x-xhud li kellna llum, u tara jekk dan jammontax kemm għal ksur tar-regoli tal-Kamra, kemm għal ksur tal-guidelines, kif ukoll ksur tal-etika u kwalunkwe ksur li inti tista' ssib.".

Is-Sedja wieġbet lill-Onor. Darren Carabott:

> "Grazzi. Se nisma' lis-Segretarju Parlamentari u Whip tal-Gvern, l-Onor. Andy Ellul."

Imbagħad l-Onor. Andy Ellul qal:

> "Sur President, nixtieq li forsi l-Onor. Carabott jgħidilna għal-liema klawsola qed jirreferi u jekk qattx il-Membri tal-Oppożizzjoni għaddew xi talba għal ruling."

Imbagħad l-Onor. Darren Carabott wieġeb hekk:

> "Le."

Kien qed jirrispondi lill-Onor. Andy Ellul.

Imbagħad is-Sedja tat il-kelma lill-Onor. Clayton Bartolo fejn dan qal hekk:

> "Mr Speaker, issa jekk jogħġbok id-domandi rrispondejthom."

Imbagħad staqsejt lill-Onor. Clayton Bartolo fejn qal hekk:

> "Sur President, waqt dik l-istess laqgħa ċ-Chairman, l-Onor. Darren Carabott, talabni ngħaddi dawn il-mistoqsijiet lill-Kumitat u dawn għaddejthom mingħajr ebda tlaqliq ... (Interruzzjonijiet) Ma laqlaqt assolutament xejn. Sur President, intlabt ngħaddi dawn il-mistoqsijiet lill-Kumitat, u għaddejthom. Iċ-Chairman għamilhieli ċara u qalli: Mhux lili, lill-Kumitat. U jien għaddejthom lis-Segretarja b'email."

Is-Sedja hawnhekk irringrazzjat lil kulħadd u indikat li se tagħti ruling.

Is-Sedja segwiet ukoll dak li ġara fil-laqgħa tal-PAC tal-bieraħ stess. Matul dik il-laqgħa, tista' tgħid tul is-seduta kollha, l-Onor. Clayton Bartolo għamel diversi domandi lix-xhud, Dr Gordon Cordina. Imbagħad, proprju qabel ma spiċċa l-Kumitat, iċ-Chairperson, għamel din id-domanda lix-xhud:

> "Jekk ma jimpurtax, nistaqsik qabel inti ġejt tixhed hawnhekk kellekx kuntatt ma' xi ħadd biex tipprepara ruħek għal din is-seduta.".

Dr Gordon Cordina wieġeb:

> "Iva."

Iċ-Chairperson qallu:

> "Kellek?"

Dr Gordon Cordina wieġeb:

> "Ilbieraħ irċevejt id-domandi indikattivi mingħand l-Onor. Bartolo."

Iċ-Chairperson qallu:

“Tajjeb. Min-naħa tiegħu personali jew xi ħadd mill-uffiċċju tiegħu?”

L-Onor. Clayton Bartolo wieġeb:

“Le, jien personali.”

Imbagħad l-Onor. Darren Carabott wieġeb hekk:

“Inti personali.”

Imbagħad Dr Gordon Cordina qal:

“Però dik aċċettajtha bħala parti mill-guidelines li bagħtuli, li għandi nistenna indikazzjoni tad-domandi x’se jkunu.”.

Imbagħad hawnhekk iċ-Chairperson qal hekk:

“Minn membru tal-Kumitat? Mhux mill-Kumitat. Inti ma rċevejtx komunikazzjoni ħlief it-taħrika tax-xhieda, ma rċevejtx mingħand l-Iskrivana. Korrett?”

Imbagħad Dr Gordon Cordina qal hekk:

“Irċevejt it-taħrika.”

Imbagħad iċ-Chairperson qal:

“Imbagħad kellek sett ta’ domandi min-naħa ... Jekk fil-każ nitlob sabiex tiġi esebita lill-Kumitat jekk m’hemmx oġġezzjoni għaliha dik il-lista ta’ domandi.”.

Imbagħad l-Onor. Clayton Bartolo qal:

“Mhux problema. Nista’ nibgħathielek.”

Hawnhekk iċ-Chairperson qal:

“Tiġi ppreżentata lill-Kumitat, mhux lili, jekk jogħġbok. Tajjeb. L-istess domandi li għamilt illum.”

Imbagħad l-Onor. Clayton Bartolo qal:

“Le, mhumiex kollha l-istess.”

Hawnhekk iċ-Chairperson wieġeb:

“Mela jekk ma jimpurtax, l-email flimkien mal-attachments iridu jiġu ppreżentati.”

Hawnhekk l-Onor. Clayton Bartolo qal:

“Le, m’għandix.”

Imbagħad iċ-Chairperson qal:

“Le, l-email li ntbagħtet lix-xhud flimkien mal-attachments.”

Hawnhekk l-Onor. Clayton Bartolo qal:

“Dawn kienu d-domandi li ppreparajt jien.”

Iċ-Chairperson qal:

“Sewwa.”

Imbagħad l-Onor. Clayton Bartolo wieġeb hekk:

“Però ma staqsejtx l-istess domandi. Għaliex kien hemm uħud minnhom li ma ħassejtx ir-rilevanza.”

Hawnhekk iċ-Chairperson qal:

“Jien mhux li staqsejt illum. Nixtieq, jekk ma jimpurtax, il-korrispondenza bl-email li ntbagħtet lix-xhud flimkien mal-attachments.”

Hawnhekk l-Onor. Clayton Bartolo qal:

“Ma bgħattlux email.”

Imbagħad iċ-Chairperson reġa’ staqsa:

“Għadu kif qal li bgħatt email.”

Hawnhekk l-Onor. Clayton Bartolo qal:

“L-email mhux jien bgħattha. Jien bgħattlu messaġġ.”

Hawnhekk interferixxa mill-ewwel Dr Gordon Cordina u qal:

“Għandek raġun. Sorry, SMS.”

Iċ-Chairperson qal hekk:

“SMS. Mela jekk ma jimpurtax il-messaġġ flimkien mal-anness tad-domandi.”

L-Onor. Clayton Bartolo hawnhekk qal:

“Nista’ nagħtihulek.”

Hawnhekk iċ-Chairperson qal:

> "Mhux lili imma lill-Kumitat jiġi ppreżentat u jekk ma jimpurtax lill-iskrivana."

Imbagħad hawnhekk iċ-Chairperson irringrazzja lix-xhud, Dr Gordon Cordina, u talbu biex jirtira. Qal ukoll:

> "Grazzi ħafna. Kopji tad-dokumenti għandna esebiti wkoll."

Hawnhekk reġa' intervjena l-Onor. Clayton Bartolo u qal hekk:

> "Nibgħathomlok email Anna?"

Hawnhekk is-Segretarja Anna Brincat qalet:

> "Jekk jogħġbok."

Is-Sedja rat ukoll dak li għadda l-Onor. Clayton Bartolo lis-Segretarja tal-Kumitat. Fil-fatt rat id-dokument kollu li bagħat l-Onor. Clayton Bartolo lil Anna Brincat li huma sett ta' domandi li kienu mibgħuta b'messaġġ lix-xhud Dr Gordon Cordina li kienu dawn. Dawn kienu 12-il domanda, uħud minnhom maqsumin f'diversi domandi, fejn kull domanda hija indikata lil Dr Gordon Cordina biex iwieġeb il-mistoqsijiet minn dan il-Kumitat.

Waħda minnhom tagħmel referenza għall-5 ta' Diċembru tal-2011 fejn l-istess xhud kien għamel preżentazzjoni quddiem il-Bord tal-MEPA u hemmhekk saru domandi fuqha. Saret domanda fuq l-ispiża kapitali ta' dak il-proġett li kien qed jitkellem fuqu u allura domandi fuq il-BWSC. Domanda oħra kienet dwar il-finanzjament tal-proġett, domanda oħra kienet dwar finanzjament dwar l-Enemalta fuq il-proġett u hemm referenza għall-eks Ministru Tonio Fenech. Domanda oħra kienet dwar il-preżentazzjoni li għamel l-istess Dr Gordon Cordina fl-2011 quddiem il-MEPA dwar options ta' ġenerazzjoni tal-elettriku. Issir referenza wkoll għall-prezzijiet tal-gas oil, heavy fuel oil, eċċ.

Ippreżenta domanda oħra lix-xhud dwar l-ispiża tal-ġenerazzjoni tal-enerġija, kemm dik li hija tal-heavy fuel oil u tal-gas oil, u hemmhekk saru diversi domandi dwar il-prezzijiet. Domanda oħra kienet dwar il-prezzijiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija. Kien hemm domanda oħra fuq il-prezzijiet. L-għaxar domanda kienet dwar is-60% li kienet qed titħallas mis-€600 miljun dejn li kellha l-Enemalta u ovvjament hawnhekk saret referenza għall-eks Ministru Tonio Fenech. Il-ħdax-il domanda kienet dwar l-esperjenza tax-xhud bħala ekonomista u allura ntalbet l-opinjoni tiegħu dwar l-effett tal-prezz tal-enerġija u l-ekonomija Maltija.

It-tnax-il domanda kienet dwar il-prezzijiet tal-enerġija u l-cash flow tal-familji u n-negozji. It-tlettax-il domanda kienet dwar il-power station tal-Electrogas u dwar il-bini tagħha u r-roħs sussegwenti fuq il-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Domanda oħra kienet dwar il-Gvern preżenti, dwar ix-xiri ta' elettriku ġenerat mill-gass irħis komparata ma' dak tal-power station tal-BWSC u finalment kien hemm domanda oħra li ġiet ippreżentata bil-miktub lix-xhud dwar studju li għamel l-istess xhud Dr Gordon Cordina dwar il-gass li jiswa aktar biex tiġġenerah mill-heavy fuel oil u allura hemmhekk jagħmel l-analiżi tiegħu x-xhud fid-domanda li ġie mistoqsi.

Is-Sedja semgħet is-seduta kollha tal-PAC tal-bieraħ u dan wara li ntalab ruling. Semgħet ukoll lill-istess Dr Gordon Cordina jispjega fid-dettall kull domanda li saritlu mill-Ministru Clayton Bartolo u domanda waħda, li saret l-aħħar waħda, miċ-Chairperson, l-Onor. Darren Carabott, qabel m'għamel id-domanda tiegħu dwar jekk ix-xhud kellux avviċinament fuq id-domandi minn Membru tal-Kumitat u huwa mill-ewwel qal li kellu mal-Ministru Clayton Bartolo u spjega, l-istess xhud, fejn qal illi kien qed jitħarrek xhud, u nikkwota:

> "Dik aċċettajtha ..."

Ovvjament qed jirreferi għat-taħrika.

> " ... u bħala parti mill-guidelines li bgħattuli, li għandi nistenna indikazzjoni tad-domandi x'se jkunu."

Dak huwa dak li qal Dr Gordon Cordina, li ovvjament imbagħad irrefera għad-domandi li rċieva bil-miktub mill-Onor. Clayton Bartolo li l-Onor. Clayton Bartolo, immedjatament fuq insistenza taċ-Chairperson, għadda d-domandi li kien qed jagħmel referenza għalihom u domandi oħrajn li żied anke mad-domandi li staqsa, li wħud minnhom kienu diġà akonoxxenza tal-istess xhud Dr Gordon Cordina.

Is-Sedja tagħmel referenza għall-guidelines tal-2011 tal-Public Accounts Committee u tagħmel referenza b'mod immedjat għal paragrafu 15, li huwa Guideline 15, li jgħid hekk:

> "The Committee can provide an informal indication of the possible lines of inquiry to witnesses in order to assist them in preparing for the session, however the questions actually put by the Members are not restricted in the lines indicated.".

Is-Sedja rat ukoll dak li ċ-Chairperson, l-Onor. Darren Carabott, il-fatt li kif qal hu, dak li għamel il-Ministru Clayton Bartolo jista' jammonta għal ksur, kemm fl-Istanding Orders, Guidelines u possibbilment anke ksur tal-liġi u dik etika. Is-Sedja rat dak li jgħidu l-istess guidelines, primarjament anke f'dak li għandu x'jaqsam max-xhieda ta' kull xhud quddiem il-Public Accounts Committee, u dan in partikolari 24 li jgħid hekk:

> "Tampering with evidence given by a Witness somehow deterring him/her from giving evidence or threatening a Witness who has appeared before a Committee may constitute a breach of privilege and may be treated as such by the House."

Dan il-guideline huwa ċar u huwa rifless b'dak li diġà huwa indikat fil-*Guide for Witnesses appearing before a Committee of the House of Commons* fil-Kanada mdaħħal f'Ottubru tal-2008.

Is-Sedja semgħet, kif qalet diġà, ix-xhieda kollha ta' Dr Gordon Cordina u fl-ebda istanza ma rat jew tista' tissuspetta li l-persuna li xehed b'xi mod kien qed jagħti bil-ġurament xi evidenza li b'xi mod jew ieħor tidher li hija mbagħbsa jew inkella li kien qiegħed b'xi mod jiġi mhedded waqt li kien qed jagħti x-xhieda tiegħu jew wara li ta x-xhieda tiegħu jew anke qabel ma daħal biex jagħti x-xhieda tiegħu.

Il-fatt li dan ma rriżultalhiex ma jfissirx li dak li għamel il-Ministru Clayton Bartolo li għażel b'mod indipendenti mill-membri tal-kumitat tal-Public Accounts Committee li jgħaddi d-domandi li kien se jistaqsi hu, li kellu kull dritt li jistaqsi waqt il-Kumitat, kif fil-fatt għamel u għażel hu d-domandi li jistaqsi – allavolja pprepara l-lista li għadda lill-istess xhud – il-fatt li għamel din l-inizjattiva qabel ma x-xhud deher quddiem il-Kumitat, is-Sedja, għalkemm l-Istanding Orders ma jitkellmu xejn fuq din il-proċedura u għalkemm jidher li l-interpretazzjoni li s-Sedja tħoss li għandha tagħmel referenza għaliha hija li l-Kumitat, *se mai,* kellu dak l-obbligu li jinforma lill-Membru, ossija xhud, li ġie mħarrek biex jidher quddiem il-Kumitat biex jippreparah fuq il-linji ta' domandi dwar l-inkjesta li tkun għaddejja quddiem il-Kumitat fuq il-kwestjoni tal-Electrogas, il-fatt li dan ix-xhud irċieva dawn il-lines of inquiry permezz ta' domandi, uħud minnhom ġeneriċi, li s-Sedja rat fid-dettall, u dan ma sarx imma sar b'inizjattiva biss ta' Membru tal-Kumitat, is-Sedja tħoss li proċeduralment il-Membru kien skorrett, ma mexiex skont il-proċedura u allura *nonostante* li saru d-domandi li kellhom isiru mill-istess Membru u li kellu kull dritt li jagħmilhom, imma ovvjament kien ikun ferm aħjar illi kieku dawk id-domandi li hu xtaq li jagħmel ippreparati minn qabel, kellu jgħaddihom lill-istess Kumitat *tramite* s-segretarja tal-Kumitat, biex imbagħad iċ-Chairperson jgħaddihom lill-Membri kollha biex waqt li jkunu qed isiru d-domandi lix-xhud, kull persuna li hija membru tal-Kumitat, inkluż iċ-Chairperson, ikun diġà akonoxxenza ta' dawk id-domandi ladarba membru ta' dan il-Kumitat, f'dan il-każ il-Ministru Clayton Bartolo, għażel illi jipprepara d-domandi qabel lix-xhud. Dan qed jingħad biex issir rakkomandazzjoni lill-membri kollha li jaderixxu bl-aktar mod strett ma' dak li jgħid il-Guideline 15 li:

> "The Committee can provide an informal indication ..."

Dan ifisser li "the Committee can provide an informal indication" u mhux inizjattiva personali ta' xi membru ta' dan il-Kumitat.

Is-Sedja tirrimarka wkoll li rat l-Att XI tal-1995 li huwa l-Att tal-1995 biex jemenda l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, Kapitlu 113 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn fl-artikolu 3, sub-paragafu 11, paragrafu (h) li jitkellem dwar il-pieni, jagħmilha ċara li:

> "kull min jikkorrompi, ibeżża', jhedded, iqarraq xhud jew b'xi mod mhux xieraq jinfluwenzah dwar ix-xiehda li jkun imissu jagħti quddiem il-Kamra jew Kumitat tagħha;"

huwa reat li jaqa' taħt il-proċedura *ex officio* tal-Pulizija wara li jkun għadda mill-Kumitat dwar il-Privileġġi.

Is-Sedja, filwaqt li rat b'mod dettaljat dak li xehed l-istess Dr Gordon Cordina matul is-seduta tal-bieraħ, m'għandha l-ebda raġuni għalfejn tista' b'xi mod tissuspetta jew tasal li x-xhud kien - imbeżża', mhedded jew ġie korrott, imqarraq jew - b'xi mod influwenzat dwar ix-xhieda li ta hu. Tant hu hekk illi x-xhud jidher li kien qed jirrispondi bl-aktar mod seren. Min-naħa l-oħra s-Sedja, fiċ-ċirkostanzi, tħoss ukoll li għandha tagħti direzzjoni u tirrakkomanda liċ-Chairperson tal-Kumitat li x-xhud imsemmi, Dr Gordon Cordina, jekk il-Kumitat iħoss li għandu jagħmel domandi addizzjonali, kemm fuq ir-risposti li ta lill-Ministru Clayton Bartolo, inkluż fuq risposta li ta, l-unika waħda lill-istess Chairperson tal-Kumitat, għandu jitkompla l-eżami tiegħu u d-domandi addizzjonali li għandhom isiru jekk il-Kumitat iħoss il-ħtieġa li jsir hekk.

Is-Sedja tirrimarka wkoll dik li hija kienet konxja meta twaqqfet il-Commonwealth Association for Public Accounts Committees (CAPAC) u dan fl-2015, fejn fl-istess Kostituzzjoni ta' din l-Assoċjazzjoni, li saret taħt il-patroċinju tiegħi fil-Parlament, kienet inħasset il-ħtieġa li jiġi rimarkat, u nikkwota:

> "In order to perform its oversight activity, the Public Accounts Committee has to be free to conduct its business without government interference. It is therefore recommended that Ministers are not PAC members. In jurisdictions where a Minister is allowed to be a member of the PAC, ministers should be substituted in case where a conflict of interest clearly exists.".

Dan qed ngħidu mhux għaliex is-Sedja tħoss li l-Ministru Clayton Bartolo kellu xi conflict of interest fir-rigward tas-suġġett li qed jiġi diskuss, imma tajjeb li meta jinqala' każ fejn ministru, b'mod ċar, jista' jkollu konflitt ta' interess għas-suġġett li jkun qed jiġi diskuss fil-PAC, allura tajjeb li l-Kumitat jista' jiddeċiedi fiċ-ċirkostanzi li minflok il-ministru li jkun fil-PAC jiġi sostitwit b'membru parlamentari. Dan huwa indikat ukoll anke fl-istudju li sar riċentement mill-Journal of Accounting, Finance and Auditing Studies tal-2017, f'paġna 73, li jgħid hekk:

> "The same doubts were shared by Cachia (2011) who argued that the current structure might result in conflicts of interest, with the more prominent members scrutinising the outcomes of their own doings. Surely, out of sixty-nine MPs ..."

Illum għandna 79 –

> "... there must be other Parliamentarians who are perceived to be both competent and more independent for adequate membership into this Committee."

Dan qed jingħad mingħajr l-ebda preġudizzju u mingħajr l-ebda ħsieb li kien hemm xi konflitt ta' interess bejn il-Ministru Clayton Bartolo u x-xhud Dr Gordon Cordina. Però tajjeb li l-Kumitat ikun jaf il-pożizzjoni tiegħu, anke għall-fatt li fl-2015 il-Parlament Malti kien il-fundatur ta' din il-Commonwealth Association kif ukoll il-Public Accounts Committee fejn hemm indikat dan il-prinċipju li wieħed, kemm jista' jkun, jimxi ma' din l-osservanza u ma' din ir-rakkmandazzjoni.

Ir-ruling huwa deċiż.

## INFORMAZZJONI MIS-SEDJA

**L-ISPEAKER:** Ninforma lill-Kamra li s-Sedja rċeviet rapport mill-Awditur Ġenerali li se nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Rapport maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika bl-isem *Report by the Auditor General on the Workings of Local Government for the year 2022* datat Novembru 2023.

## MISTOQSIJIET – TWEĠIBIET ORALI

### ĊITAZZJONIJIET FUQ SCOOTERS

**11412. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ċitazzjoni nħarġet fuq scooters f'Ġunju 2023? Jista' jgħid ukoll għal liema raġuni nħarġu dawn iċ-ċitazzjonijiet u minn liema lokalitajiet?

**ONOR. BYRON CAMILLERI (Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza):** L-informazzjoni mitluba qiegħda titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Naomi Cachia, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Sur President, ftit tal-ġimgħat ilu tħabbret l-introduzzjoni ta' skills card għall-ħaddiema fis-settur tal-ospitalità. Fejn jidħlu ħaddiema barranin li jkunu jridu japplikaw biex jaħdmu u jirresjedu f'Malta, mingħajr din l-iskills card dan mhux se jkun possibbli. Naturalment dan ipoġġi r-rwol tal-Aġenzija Identità Malta fiċ-ċentru ta' dan il-proċess. Jista' l-Ministru, jekk jogħġbu, jispjega lil din il-Kamra kif se jkun qiegħed jitħaddem dan il-proċess aktar 'il quddiem?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Byron Camilleri.

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Sur President, is-suġġett tal-ħaddiema barranin f'pajjiżna, speċjalment dan l-aħħar, tkellimna fuqu diversi drabi, kemm min-naħa tal-Gvern, kif ukoll min-naħa tal-Oppożizzjoni. Bħala Gvern kemm-il darba għamilnieha ċara li għalina hemm żewġ prijoritajiet. Fl-opinjoni tiegħi, l-ewwel prijorità hija l-aktar importanti. Min iħaddem m'għandu l-ebda dritt jew jedd li jgħakkes u jabbuża mill-ħaddiem. Sfortunatament, kemm-il darba rajna dan jiġri u anke ġie rrapportat mill-midja. Żgur li kulħadd, xi darba jew oħra, innota dan l-aġir, li mhuwiex aċċettabbli.

Għal dan il-għan, kien hemm diversi azzjonijiet sabiex naraw li dan ma jsirx. Dan mhux biss mill-Ministeru tal-Intern, imma anke minn entitajiet oħra fi ħdan il-Gvern. Fil-fatt is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul illum ħabbar riforma importanti fir-rigward tat-temping agents, li hija

bżonjuża ħafna f'pajjiżna. Inħares 'il quddiem sabiex din ir-riforma taħdem, għaliex ċertu aġir mhux aċċettabbli.

Fl-istess ħin dejjem nitkellmu li rridu nattiraw ħaddiema ta' kwalità. Kellna diskussjonijiet bejn il-Ministeru tal-Intern, bħala awtorità għall-migrazzjoni, u l-Ministeru tat-turiżmu flimkien mal-Ministru Clayton Bartolo u rajna li s-settur tat-turiżmu jkun l-ewwel wieħed fejn nagħmlu din il-qabża ta' kwalità. X'ġie propost minn min iħaddem f'dan is-settur? Ir-realtà hi li f'dan is-settur kulħadd jgħidilna li mhux qed isib ħaddiema biżżejjed u ħaddiema li huma skilled. Kollha kemm aħna xi darba jew oħra morna f'ristorant jew f'xi post ieħor u ninnotaw li s-servizz ma jkunx tajjeb. Ovvjament, ħadd ma jieħu pjaċir b'dan.

Ma naħsibx li dan huwa l-prodott li għandu joffri pajjiżna, mhux biss għat-turisti imma anke għalina ċ-ċittadini Maltin u Għawdxin. Għalhekk il-pass naturali kien li nimxu lejn skills card. Din se tkun maħruġa mill-Institute of Tourism Studies (ITS) jew mill-Ministeru tat-Turiżmu, fejn isir assessment ta' persuna f'affarijiet li huma importanti f'dak il-qasam u jiġi determinat jekk il-persuna għandhiex ir-rekwiżiti tajbin sabiex tkun tista' taħdem f'pajjiżna. Hawn qed nitkellmu fuq persuna li trid taħdem f'ristorant, f'bar jew f'lukanda, fejn se jkun hemm bżonn din l-iskills card, kemm jekk il-persuna tkun għadha barra minn Malta u tkun trid tiġi taħdem f'pajjiżna kif ukoll jekk il-persuna tkun qiegħda hawn Malta diġà.

Jekk ma jkunx hemm din l-iskills card, fil-każ ta' persuna li tkun għadha barra, l-aġenzija Identità Malta ma toħroġx il-permess biex din tiġi f'pajjiżna. Bl-istess mod, għal dawk li diġà qegħdin f'pajjiżna se jkun hemm cut-off date u jekk dawn il-persuni ma jkollhomx l-iskills card, jiddispjaċina, imma jkollu jitwaqqaf il-permess tagħhom. Kif għedt, it-turiżmu se jkun l-ewwel settur fejn se jitħaddem dan il-proċess u naħseb li għandna nieħdu dan l-eżempju f'setturi oħrajn, ħalli nimxu lejn ħaddiema barranin ta' kwalità. Jekk l-employers għandhom bżonn il-ħaddiema, dawn għandhom isegwu dan il-proċess u jkun assigurat li l-ħaddiema jkunu ta' kwalità.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. L-Onor. Joe Giglio, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. JOE GIGLIO:** Sur President, il-mistoqsija tiegħi tikkonċerna l-Akkademija tal-Pulizija. Hemm ilmenti dwar l-istruttura tal-korsijiet għal dawk l-uffiċjali tal-Korp li jkunu jixtiequ jsiru spetturi. L-ilmenti huma prinċipalment dwar il-fatt li dawn għandhom kors li huwa ta' tliet xhur, li jsir f'Lulju, Awwissu u Settembru, imbagħad jagħmlu l-eżami u jekk jgħaddu jsiru spetturi. Però waqt li jkunu qegħdin jagħmlu dan il-kors, xorta waħda jridu jkomplu jlaħħqu bid-dmirijiet tagħhom ta' surġenti jew tal-grad li jkunu fih. Għalkemm naf li l-Akkademja ma taqax direttament taħt il-Korp tal-Pulizija, jista' l-Ministru, jekk jogħġbu, jgħid jekk hemmx xi ħsibijiet li l-mod kif isir dan il-kors jiġi mibdul u mtejjeb?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Byron Camilleri.

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Sur President, ftit tas-snin ilu, qabel jien inħtart Ministru għall-Intern, kien ġie deċiż li l-Akkademja ma tkunx l-Akkademja tal-Korp tal-Pulizija imma tkun l-Akkademja tal-Korpi Dixxiplinati taħt il-Ministeru tal-Intern. Naħseb li dik kienet deċiżjoni tajba u llum għadna qed nibnu fuqha. Xogħolha huwa li tikkordina t-taħriġ tal-korpi dixxiplinati kollha, imma mhux biss. Qed tmur pass lil hinn u din hija xi ħaġa pożittiva ħafna. Insemmi, pereżempju, taħriġ għal min jaħdem mal-aġenzija LESA, taħriġ dwar il-vjolenza domestika, taħriġ marbut ma' immigrazzjoni, inkluż għal dawk l-impjegati ċivili li huma fil-Korp tal-Pulizija, ħidma bejn id-Dwana u ħaddiema oħra li jaqgħu taħt l-Intern, taħriġ għal min jaħdem ma' Transport Malta u riċentement anke taħriġ marbut ma' ċerti vetturi u muturi.

Dan ir-rwol li qed tieħu l-Akkademja huwa tajjeb ħafna. Importanti ngħid ukoll li, għall-ewwel darba, il-korsijiet li qed toffri l-Akkademja qed jiġu akkreditati, jiġifieri ċ-ċertifikat huwa validu, jekk inti tmur taħdem x'imkien ieħor. Illum meta ssegwi kors fl-Akkademja, daqslikieku mort l-MCAST, l-Università, jew fi kwalunkwe istituzzjoni edukattiva akkreditata fil-pajjiż, jiġifieri meta mort b'dak iċ-ċertifikat għal xogħol ieħor, dak iċ-ċertifikat huwa rikonoxxut. Illum l-Akkademja hija istituzzjoni edukattiva ta' livell.

Fir-rigward tal-mistoqsija tal-Onor. Interpellant dwar surġenti jew persuni oħra li qed jagħmlu l-kors ta' spetturi, nifhem li dawn ikunu għadhom għaddejjin bix-xogħol tagħhom waqt li jkunu għaddejjin ukoll bil-korsijiet. Dan ma japplikax

biss għall-kosijiet fl-Akkademja imma anke għal dawk li huma partnerships li qed nagħmlu, fosthom mal-Università ta’ Malta. Se nkun qed nivverifika aktar u nara jekk jistax jinstab metodu aħjar kif forsi jonqos ftit xogħol waqt li jkunu għaddejjin bil-korsijiet. Naf li l-prassi minn dejjem hekk kienet. Però hija xi ħaġa li nistgħu nikkonsidrawha sabiex naraw li, fl-aħħar mill-aħħar, ikun hemm ftit aktar ħin għall-istudju.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Skada l-ħin tal-Mistoqsijiet Parlamentari. Ngħaddu għat-Tqegħid ta’ Karti u nsejjaħ lill-Ministru Byron Camilleri.

## TQEGĦID TA’ KARTI

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Tabella li turi n-numru ta’ ċitazzjonijet li nħarġu fuq scooters f’Lulju 2023 maqsuma skont il-lokalità u skont il-kontravvenzjoni, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 11413;
>
> Tabella li turi n-numru ta’ ċitazzjonijet li nħarġu fuq scooters f’Awwissu 2023 maqsuma skont il-lokalità u skont il-kontravenzjoni, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 11414;

f’isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Tabella li turi n-numru ta’ persuni minn pajjiżi tal-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi li kienu fuq ir-reġistru tax-xogħol f’Awwissu 2023 maqsuma skont il-pajjiż, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 11500;

f’isem il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar inqiegħed fuq il-Mejda tal- Kamra:

> Tabella li turi n-nefqa f’reklamar fuq *Facebook* mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar fil-perjodu bejn Marzu 2022 u Novembru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13542; u

f’isem il-Ministru għall-Ġustizzja nqiegħed fuq il Mejda tal-Kamra:

> Tabella li turi l-kumpens ta’ *ex gratia* mogħtija mill-Ministeru għall-Ġustizzja fil-perjodu bejn l-2015 u Ottubru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13408.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Stqarrijiet ministerjali? Mozzjonijiet? Ordnijiet tal-Ġurnata.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

## KUMITAT TA' PROVVISTA

## ESTIMI ĠENERALI 2024

## IT-TLETTAX-IL SEDUTA STABBILITA

## UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

*L-ordni għall-Kumitat ġie moqri.*

**FIL-KUMITAT**

*Il-Viċi President tal-Kumitati, l-Onor. Michael Farrugia, jippresiedi.*

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Illum il-Kumitat għandu quddiemu biex jiġu diskussi l-Voti tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Nixtieq ninforma lill-Kumitat li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, il-ħin tad-diskussjoni għandu jkun ta' tliet sigħat u għandu jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Jekk jogħġbu, is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul iressaq ir-Riżoluzzjonijiet tiegħu.

**ONOR. ANDY ELLUL (Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali):** Sur President, f'isem il-Prim Ministru nipproponi dawn ir-Riżoluzzjonijiet:

**VOT 1 - UFFIĊĊJU TAL-PRESIDENT**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €5,377,283 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 1 – Uffiċċju tal-President, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT 6 - UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €59,430,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 6 – Uffiċċju tal-Prim Ministru, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT 7 - INFORMAZZJONI**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €1,525,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 7 – Informazzjoni, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT 8 - STAMPERIJA TAL-GVERN**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €1,975,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 8 – Stamperija tal-Gvern, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT 9 - UFFIĊĊJU ELETTORALI**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €9,031,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 9 – Uffiċċju Elettorali, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT 10 - KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €721,859 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 10 – Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT 11 - RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI U TAL-IMPJIEG**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €2,236,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 11 – Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT I - UFFIĊĊJU TAL-PRESIDENT - KAPITAL**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €521,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot I – Uffiċċju tal-President – Kapital, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT III - UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - KAPITAL**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €43,117,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt

il-Vot III - Uffiċċju tal-Prim Ministru - Kapital, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Rimarki? Il-Kap tal-Oppożizzjoni.

**ONOR. BERNARD GRECH (Kap tal-Oppożizzjoni):** Sur President, nipproponi din l-emenda:

**VOT 6 - UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU**

**Personal Emoluments**

**Item 11 - Holders of Political Office**

Ħassar iċ-ċifra "€113,379" u ssostitwixxi minflok iċ-ċifra "€113,376".

Delete the figure "€113,379" and substitute therefor the figure "€113,376".

Sur President, meta nindirizzaw dan il-Kumitat u l-Parlament ta' pajjiżna, ma nistgħux nagħmlu diskorsi li jkunu maqtugħin mir-realtà tan-nies. Dan huwa r-raba' diskors tiegħi f'dan il-Kumitat, li jsegwi r-raba' diskors tiegħi bħala Kap tal-Oppożizzjoni fir-replika tiegħi għall-Baġit. Wara li jintqalu d-diskorsi u wara li l-Prim Ministru jirrispondi, fejn biċ-ċiniżmu tiegħu jipprova jwaqqa' l-argumenti li nkunu bnejna bħala Oppożizzjoni, fl-aħħar mill-aħħar in-nies tagħmel mistoqsija lilha nnifisha: Imma jien qed ngħix aħjar? Meta titkellem man-nies u anke aħna personalment li fl-aħħar mill-aħħar qed ngħixu f'dan il-pajjiż, tinduna li r-realtà hija li filwaqt li l-Gvern ikun qiegħed jagħmel l-impenn tiegħu biex jipprova jtejjeb il-ħajja tan-nies, u jista' jkun li f'xi aspetti jkun qiegħed jagħmel affarijiet tajbin, il-ħajja tagħna mhijiex qiegħda tavvanza 'l quddiem.

Dan mhux qed jgħiduh in-nies biss meta wieħed jitkellem magħhom fid-djar jew fil-pjazez, imma joħroġ ukoll min-numru ta' sondaġġi u studji differenti li jkunu qegħdin isiru. Fost oħrajn, studju miċ-Chamber of SMEs qed jgħid li tmienja minn kull għaxar negozji tal-familja qegħdin jgħidu li pajjiżna sejjer f'direzzjoni ħażina. Għandek iż-żgħażagħ, li tmienja minn kull għaxra qegħdin jgħidu li jridu jitilqu minn pajjiżna. Għandek l-investituri barranin f'pajjiżna li qed jgħidu b'maġġoranza assoluta li jħossu li d-direzzjoni tal-pajjiż sejra għall-ħażin u allura l-investiment tagħhom mhuwiex garantit. Għaldaqstant ma jarawx lilhom infushom li jkomplu jinvestu jew li jibqgħu f'pajjiżna għal numru ta' snin oħra. M'iniex se noqgħod insemmi kull studju u editorjal għaliex illum dawn il-fatti in-nies tafhom. Min qed jgħix f'pajjiżna jaf u jħoss dan li għaddej minnu.

Jekk nieħdu, pereżempju, is-settur tas-saħħa, nhar il-Ħadd li għadda kkwotajt lil xi ħadd li bagħatli messaġġ, u llum reġa' bagħatli ieħor, fejn qalli li ommu li għandha 'l fuq minn 80 sena kellha bżonn intervent urġenti. Tant hu hekk li mill-Erbgħa daħħluha s-Sibt. Lil din il-mara lestewha għall-operazzjoni, għamlet il-preparamenti kollha, kienet sajma, libbsulha l-labbra, imma mbagħad bagħtuha 'l hemm għaliex qalulha li ma jistgħux jagħmlulha l-intervent. Qed nitkellmu dwar mara ta' 'l fuq minn 80 sena li għandha bżonn intervent urġenti.

Kelli messaġġ ieħor matul is-sajf ta' persuna li kellha bżonn tagħmel operazzjoni u għal darba, darbtejn, tlieta jibagħtu għaliha biex tagħmel il-pre-op, tagħmel il-preparamenti kollha u jerġgħu jibagħtuha lura d-dar. Jien u n-nies ngħidu: Għalfejn f'dan il-pajjiż minflok qegħdin immorru 'l quddiem f'numru ta' aspetti qegħdin immorru lura? In-nies tistaqsi u tirrelata.

Fil-qasam edukattiv kellmitni LSE u qaltli li fil-klassi tagħha minn 11-il student jew studenta - ma staqsejtx jekk humiex bniet jew subien jew inkella mħalltin - tmienja huma barranin. Tkompli tistaqsi u n-nies jgħidulek li hemm min mhuwiex komdu juża tal-linja minkejja li hija b'xejn. Dak huwa servizz tajjeb u għalhekk għedt li hemm affarijiet li jkunu qegħdin isiru tajbin jew b'intenzjoni tajba. Wara kollox din kienet proposta tal-Oppożizzjoni. Però n-nies jgħidulek li ma jħossuhomx komdi jużaw tal-linja għaliex illum tal-linja saru mimlijin barranin. Se nagħmilha ċara, kif dejjem għamiltha ċara, ikun żball kbir li nagħmlu distinzjoni għaliex xi ħadd huwa barrani, però rridu nifhmu li llum għandna importazzjoni ta' barranin minn barra l-Unjoni Ewropea.

Din se nagħmilha ċara, qed nitkellmu fuq ħaddiema barranin li qegħdin jiġu minn pajjiżi barra mill-Unjoni Ewropea f'pajjiżna mhux għaliex Malta hija fl-Unjoni Ewropea, kif kien hemm min ipprova jiżgwida lin-nies, imma għaliex qed jiġu importati. Qegħdin jinġiebu

f'pajjiżna għaliex dan huwa Gvern li ma kellux direzzjoni ekonomika ċara u tajba għal pajjiżna, imma kellu biss direzzjoni li jkabbar il-popolazzjoni. Illum għandek setturi li kibru, u li għaliex kibru mingħajr ħsieb u pjan, huma għatxana għal aktar ħaddiema. X'inhi s-soluzzjoni ta' Gvern bla pjan? Importa, ġib u daħħal minn 1,000 sa kultant anke 4,000 fix-xahar. Meta tara l-istatistika ssib li s-sena l-oħra daħlu aktar minn 35,000 barrani f'pajjiżna, li jfisser medja ta' 3,000 ruħ fix-xahar. Dan hu li għamel il-Gvern matul din is-sena u hekk għandu l-pjan li jkompli jagħmel is-sena d-dieħla, ta' warajha u ta' warajha.

Mhux ta' b'xejn li qed ngħixu f'realtà f'Malta u f'Għawdex fejn kulħadd qed iħossu fgat f'pajjiżu stess. Dan huwa dovut għall-fatt, u ħadd ma jista' jmerih, li l-popolazzjoni ta' pajjiżna llum kibret b'mod esaġerat, fejn mill-2013 sal-lum kważi rduppjat. L-istatistika tal-Gvern, u din għedtha kemm-il darba, anke f'dan il-Parlament, u l-Gvern qatt ma innega, qed taħbi l-vera ċifra tal-popolazzjoni f'pajjiżna. Għaliex dan huwa ċar? Għaliex apparti l-indikaturi li għandna minn diversi aspetti u setturi, xi kultant biex il-Gvern jidher li taparsi qed jagħmel xi ħaġa għaliex jaf li l-popolazzjoni qed tkisser il-kwalità tal-ħajja tal-poplu Malti u Għawdxi u ta' kull min jgħix f'pajjiżna, isibu 30 ruħ 'l hemm, 40 ruħ 'l hawn u 50 ruħ 'l hemm, u jgħidulna li dawn mhux suppost kienu f'pajjiżna.

Mela dawn żgur mhumiex parti mill-istatistika. Inkella jfisser li lanqas nafu min dieħel u min ħiereġ minn dan il-pajjiż! Jekk dak hu l-każ, allura għandna problema ta' sigurtà f'dan il-pajjiż u bħala poplu m'għandniex il-garanziji meħtieġa li hemm il-kontroll fuq is-serħan tal-moħħ. In-nies għandhom bżonn Gvern li jserrħilhom rashom li jinsabu indukrati. X'inhi r-risposta tal-Gvern quddiem din is-sitwazzjoni? Ir-risposta tal-Gvern hija li nġibu aktar nies kull sena, jiġu minn fejn jiġu, ikunu ta' liema livell ikunu. Anzi, jimmiraw biex iġibu kemm jista' jkun nies li jaħdmu bil-pagi baxxi.

Dan qed iwassal biex min jaspira li jkollu paga aħjar u jinsab fil-livelli l-aktar 'l isfel tas-salarji f'pajjiżna tilef il-konfort li jekk jistinka jista' jimxi 'l quddiem u jkollu paga aħjar. Dan għaliex f'daqqa waħda se jdaħħlulu lil xi ħaddieħor, jista' jkun wieħed, tnejn, 50 u 100 għaliex il-Gvern iġib bl-eluf, u se jpoġġuh f'kompetizzjoni, minflok f'tiġrija għal fuq, f'tiġrija għal isfel,għaliex hemm xi ħadd lest jagħmel l-istess xogħol b'paga inqas. Għalhekk meta llum u drabi oħrajn nisma' lill-Prim Ministru li jiġi bir-rettorika tal-ekonomija u ta' kemm qegħdin isiru u jagħmlu affarijiet, din tibqa' rettorika. Nerġgħu niġu s-sena d-dieħla f'dan il-Parlament u nerġgħu nagħmlu dan it-test u nistaqsu: Il-poplu mar 'il quddiem jew lura?

Il-problema tidher aktar evidenti kemm hija konsegwenza taż-żieda tal-popolazzjoni mingħajr kontroll u pjan meta tara l-investiment massiċċ li sar fit-toroq, 'il fuq minn €700 miljun u, minkejja dan, in-nies għadhom jeħlu fit-traffiku. Minkejja dan l-investiment, il-poplu mhuwiex moqdi. Issa jekk l-investiment sarx tajjeb, ħażin jew hux bil-fondi Ewropej, mhux importanti. Illum qed nitkellem biss dwar li sar l-investiment. Tajjeb! Però anke hemm għandna problema, għax għadna qed neħlu fit-traffiku! Imbagħad ikollok il-Gvern jgħidlek biex toħroġ tard ħalli ssolvi l-problema tat-traffiku! (Onor. Membri: Hear, hear) Imbagħad ikollok il-Ministru jgħidlek għax kien hemm il-marċi! Kważi jitmejlu bin-nies!

Ilbieraħ il-Ministru qalilna li biex isolvu l-problema tat-traffiku minħabba l-konferenza tas-SiGMA, din għandha tibda tard. Dawn huma s-soluzzjonijiet li għandu l-Gvern? L-ewwel nett, tajjeb li jkollna l-konferenza tas-SiGMA. Emminna fiha u din baqgħet tikber kull sena. Din hija konferenza importanti, li ġġib ħafna nies u ddawwar l-ekonomija. Dan huwa tajjeb. Però ma nistgħux nibqgħu bil-politika tal-lapazzar. Ma nistgħux nibqgħu bil-politika fejn kollox huwa distint minn kollox. Nieħdu d-deċiżjonijiet, imbagħad nindunaw li hemm il-problemi u naraw kif se nindirizzawhom. Għaliex qed jiġri hekk?

Qed jiġri hekk, Sur President, għax dan huwa Gvern bla pjan. Fil-qasam tat-trasport dan ġara wkoll bil-problema tal-Y plates. L-ewwel ħallew lil kull min jiġi minn barra jibda jsuq u jagħtuh il-Y plate u issa, għax hemm problema serja fis-suq u wara l-kritika kbira li għamilna fejn ħriġna kemm hemm nuqqasijiet kbar f'dan is-settur, il-Gvern se jara kif jagħlaq il-vit. Dan huwa l-Gvern li għandna! L-ewwel jiftaħ il-vit kollu, imbagħad jara kif se jagħlqu. Dan huwa l-pjan li għandu dan il-Gvern għall-pajjiż?

Kien għalhekk li ftit tal-ġimgħat ilu tkellimt estensivament fuq il-bżonn ta' tiġdid ekonomiku f'dan il-pajjiż. Meta ngħid tiġdid ekonomiku, dan

ma jfissirx biss li nbiddlu l-mudell ekonomiku, għax minflok inġibu l-flus minn hawn, inġibuhom minn xi mkien ieħor, imma rridu tiġdid fil-mod kif inħarsu lejn id-deċiżjonijiet li nagħmlu fil-poliitka. Kif inħobb ngħid jien, kollox huwa marbut ma' kollox. Fin-negozju, kif ħafna jafu, wieħed mill-elementi l-aktar importanti huwa li jkollok isem tajjeb. Ikollok ristorant li jkun il-favorit tiegħek, tmur għandu għax tkun smajt xi opinjoni tajba dwaru, jogħġbok, terġa' tmur u terġa' ssib l-istess standards tajbin u l-istess prodott ta' livell li jogħġob lilek. U tibqa' tmur u terġa' tmur u forsi anke tissuġġerih lil ħaddieħor.

Dan il-Gvern, minħabba li, fost oħrajn, tellef u kisser ir-reputazzjoni ta' pajjiżna, tant li daħħalna fil-greylist, illum għadu ma fehemx li billi toħroġ mill-grey list biss mhux se ssolvi r-reputazzjoni ta' pajjiżna. Hemm bżonn li dan il-Gvern jifhem li jrid jagħmel ħafna iżjed biex jibni lura r-reputazzjoni ta' pajjiżna. Għalhekk qed ngħid li għandna bżonn mudell ekonomiku ġdid u tiġdid ekonomiku. F'dan it-tiġdid irridu nerġgħu nirrestawraw il-kwalitajiet li lil dan il-pajjiż jerġgħu jgħolluh fil-livelli internazzjonali biex jibqa' u jerġa' jattira lura investiment tajjeb u b'saħħtu. (Onor. Membri: Hear, hear)

Biex immorru minn ekonomija ta' kwantità għal ekonomija ta' kwalità rridu nkunu aħna l-ewwel, bħala pajjiż, li lil min qed iħares lejna, nikkonvinċuh li aħna destinazzjoni ta' kwalità, destinazzjoni affidabbli, destinazzjoni serja, li hawn ma tiġix u tħarbex u taqbeż lil kulħadd, li hawn għandna regoli li nimxu magħhom u li jekk xi ħadd jonqos ikollu jbati l-konsegwenzi ta' għemilu. Jekk tiġi f'pajjiżna biex tinvesti l-mijiet ta' miljuni tiegħek, bħala investitur barrani serju inti trid isserraħ rasek li dak l-investiment se jkun imħares f'pajjiżna. Mhux nagħmlu xi ħaġa u nerġgħu nwaqqgħu l-livell, l-istandards u l-kwalità.

Biex immorru għat-tiġdid ekonomiku, irridu mhux biss inbiddlu l-mudell ekonomiku imma rridu nbiddlu wkoll il-mod kif nagħmlu l-affarijiet. Irridu nagħmlu l-affarijiet b'aktar serjetà. Irid ikollna amministrazzjoni ambjentali li għalina hija parti integrali minn tali tiġdid. Irridu nirrestawraw u nippreżervaw is-sbuħija naturali ta' pajjiżna, imma wkoll il-ġid arkitettoniku u kulturali, li huwa patrimonju nazzjonali u dinji. Għalhekk, mhux biss nitkellmu fuq dawn il-valuri imma npoġġuhom fil-prattika. Meta jkun hemm bżonn joħorġu policies jew deċiżjonijiet, dawn iridu jkunu qegħdin jirriflettu din il-kwalità. F'kulma nagħmlu, kollox huwa marbut ma' kollox.

Għaldaqstant, meta qegħdin nitkellmu fuq amministrazzjoni ambjentali, il-pjan tagħna jinkludi miżuri biex niġġieldu t-tniġġis, nipproteġu l-kosta tagħna u nippromwovu prattiċi ta' enerġija sostenbbli. Bħala Oppożizzjoni se naħdmu bla heda biex verament niżguraw ambjent aktar b'saħħtu għall-ġenerazzjonijiet attwali u futuri. Però dan irridu nagħmluh bis-serjetà. Kif jista' l-Gvern jitkellem fuq pjanijiet u miri ambjentali u tant klixejiet, kliem sabiħ u buzzwords u mbagħad jaf - għax kif diġà għedt f'dan fil-Parlament, għadu m'għamel xejn dwaru - li qed narmu d-drenaġġ fil-baħar!

Għiduli intom kif fl-2023, f'pajjiż fejn suppost qegħdin inħarsu l-kwalità tal-ibħra tagħna, is-saħħa tan-nies u t-turiżmu, huwiex aċċettabbli li narmu d-drenaġġ fil-baħar? Dan apparti l-ħsara ambjentali u anke l-ħsara għall-ħajja fil-baħar. Għaliex qed jiġri dan? Id-drenaġġ huwa parti mill-infrastruttura. It-toroq mhux qed ilaħħqu mal-karozzi għax dan il-Gvern kważi rdoppja l-popolazzjoni. L-isptar mhux qed ilaħħaq mal-pazjenti minħabba ż-żieda fil-popolazzjoni. L-istess is-sistema ta' drenaġġ, is-servizz tal-elettriku u tal-ilma u issa anke l-edukazzjoni. Fil-fatt, fid-Diskors tal-Baġit semmejt klassijiet li qed jikbru u l-edukaturi kontinwament qed jingħataw aktar piżijiet. L-istess, minħabba li kważi rdoppjat il-popolazzjoni ta' pajjiżna, anke s-sistema edukattiva tagħna qiegħda taħt pressjoni.

Fit-tiġdid ekonomiku tagħna rridu responsabbiltà soċjali. Dan ifisser li mhux indaħħlu miżura, nagħmlu xi multa żgħira, u jekk xi ħadd li qed jimpjega jagħmilha, nirreġistrawha, u jekk ma jagħmilhiex jeħel multa, l-aqwa li daħħalnieha. Le! Irridu nistaqsu: Nemmnu fil-prinċipju? Nemmnu fil-valur? Irridu li kulħadd jifhem li biex pajiżna jimxi 'l quddiem kulħadd irid jerfa' r-responsabbiltajiet tiegħu? Jekk irridu dan, dak il-valur irridu ndaħħluh fil-prattika. Bil-programm tagħna rridu nkunu qegħdin nagħtu prijorità lill-benesseri soċjali, il-ġustizzja u l-inklużività u nimmiraw li nipprovdu appoġġ għal dawk fil-bżonn, kemm jekk permezz tal-benefiċċji tal-qgħad, kura tas-saħħa jew opportunitajiet edukattivi. L-għan tagħna jrid

jibqa' primarjament li nibnu soċjetà fejn verament ħadd ma jitħalla lura.

Il-governanza tajba, it-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-kondotta etika se jkunu fil-qalba tal-governanza tagħna. Se nibnu mill-ġdid il-fiduċja li tnaqqret u nerġgħu nirrestawraw il-valuri li jsaħħu demokrazija b'saħħitha. Żgur li fl-aħħar u mhux l-inqas irridu prosperità ekonomika. Se nsegwu politika fejn inrawmu t-tkabbir ekonomiku u nkomplu nkabbru l-ekonomija tal-pajjiż mingħajr ma nżidu aktar piż. Anzi, irridu nnaqqsu l-piż minn fuq l-infrastruttura ta' pajjiżna u paripassu se nkunu qegħdin insaħħu l-infrastruttura b'aktar investiment. Se nkomplu noħolqu impjiegi ta' kwalità u investiment fl-innovazzjoni, għax l-għan tagħna huwa li nipprovdu futur stabbli u prosperu kemm għan-negozji kif ukoll għall-individwi.

Dak li żgur se jkun prijorità, meta jidher li dan il-Gvern se jibqa' jippersisti f'din it-triq, huwa li nġibu fix-xejn il-politika tal-iskjavitù moderna li dan il-Gvern huwa daqstant kapaċi fiha. Ma jistax ikun u mhuwiex aċċettabbli li jkollna l-abbuż tan-nies, huma min huma, ġejjin minn fejn ġejjin, hi x'inhi l-orjentazzjoni tagħhom u hu x'inhu l-livell edukattiv tagħhom. Kull min se jirfes f'pajjiżna għandu dritt għad-dinjità tiegħu, kif għandu dritt min jgħix f'pajjiżna u min jirċievi s-servizzi f'pajjiżna. Hawn nerġa' nsemmi l-anzjani. Dejjem inġib dan l-eżempju, għax inġib quddiem għajnejja lil ommi ta' 92 sena li għamlet l-aħħar sentejn fl-Isptar Karin Grech u f'St Vincent De Paul, fejn irrid nsellem lill-ħaddiema kollha li tawha servizz eċċellenti.

Hawn qed nirreferi kemm għall-ħaddiema Maltin kif ukoll għall-ħaddiema barranin, imma hemm il-limitazzjonijiet. Fl-aħħar ftit xhur, toqgħod kemm toqgħod magħha u tqassamna kemm tqassamna, biex tiekol kellha bżonn, għax hekk kienet l-ordni, li jitimgħuha biss l-istaff. Kif jista' jkun ommi ta' 92 sena u muġugħa tipprova tikkomunika - għalkemm taf titkellem bl-Ingliż - bil-lingwa li mhijiex nattiva tagħha? Anke jekk min qed jitmagħha qed jagħmel dan bl-imħabba, bil-kura u bl-attenzjoni, mhux qed jifhimha fejn hi muġugħa u li weħlilha l-ikel fi griżmejha u qed tifga. Din hija r-realtà f'pajjiżna llum. Meta nitkellmu fuq dawn l-affarijiet, qed nitkellmu fuq l-esperjenzi u l-weġgħat tan-nies. Dawn il-weġgħat ma nistgħux intaffuhom bil-paroli, bil-kliem fieragħ u bil-PR.

Dawn il-weġgħat irridu nindirizzawhom bis-serjetà. Għalhekk meta ġejna f'dan il-Parlament biex nivvotaw biex ma nibqgħux nagħtu miljuni lill-Vitals u lil Steward, tlabna lill-Gvern bil-ħniena, imma dan baqa jippersisti, meta kien jaf li qed jisirquna. Tawhom €70 u €80 miljun oħra, meta kienu jafu li mhux qed jinvestu fl-isptarijiet tagħna. Kif jista' jkollhom il-wiċċ li jibqgħu jippersistu u jinjoraw il-weġgħat tan-nies? Għalhekk nitkellem b'passjoni u rabja għax nistenna li m'għandniex għalfejn ngħidu lill-Gvern aħna biex jagħmel is-sewwa. In-naħa tal-Gvern qegħdin fil-politika u telgħu fil-Parlament biex jagħmlu s-sewwa u mhux biex jaqdu lil ftit. Għalhekk hemm bżonn is-serjetà, l-għaqal u l-għożża fil-politika tagħna, għax jekk nitilfu dawn, nitilfu kollox.

Jien ma neħux pjaċir niġi hawn u ngħidilhom li tilfu r-ruħ Soċjalista tagħhom, li bħala partit suppost tiġi l-ewwel u qabel kollox. Raqdu ma' min seraqna minflok mal-batut kif inhu d-dmir tagħhom fl-ideoloġija tagħhom. M'iniex kuntent li ngħidilhom hekk, imma rridhom li jagħmlu dak li huwa sewwa, għax in-nies minn dan jimpurtahom. Insemmi l-għoli tal-ħajja li qed jaffettwa lil kulħadd. Biex jipprovaw jagħlqulna ħalqna jgħidulna li l-problema ġejja minn barra. Tajniehom is-soluzzjonijiet u għednielhom x'nistgħu nagħmlu; pereżempju, li ma nintaxxawx il-COLA u li nagħmlu fond nazzjonali biex ngħinu lil min qed jimporta u ma jistax jagħmel mod ieħor ħlief li dak il-piż tal-għoli li għandu hu jgħaddih lill-konsumatur.

Irridu ngħinu lil min qed jesporta ħalli ngħinu l-manifattura biex inkomplu nkabbru kemm il-kumpaniji tal-manifattura jistgħu jesportaw. X'għamel dan il-Gvern? Xejn! Minflok, attakka lin-negozji. Mhux se jsolvu l-affarijiet billi jipprovaw jagħmlu eżerċizzju tal-PR. L-aqwa li f'moħħhom qed jattakkaw lin-negozji biex jidhru sbieħ man-nies! Mhijiex soluzzjoni li jġelldu lill-konsumatur ma' min qed ibigħ. Is-soluzzjoni hija li nindirizzaw il-problemi tal-konsumatur u ta' min qiegħed ibigħ.

Nagħlaq billi nitkellem dwar l-integrità fil-politika, Sur President. Għandna obbligu li noffru l-ispirazzjoni u nuru integrità fil-politika. Irridu nitkellmu - din diġà semmejtha - dwar it-trasparenza f'dak li nagħmlu u fid-deċiżjonijiet tagħna. X'jiġifieri jkollok Ministru li ftit tal-ġranet ilu qalilna li mhux se jippubblika r-rapport kollu għax ma jafdax lill-Partit Nazzjonalista!

Bir-rispett kollu, dan huwa insult lejn in-nies. Il-Ministru mhux jafda lilu nnifsu u l-ħmieġ li jaf li hemm f'dak ir-rapport biex qed jaħbih! (Onor. Membri: Hear, hear) Mhux jafda u jistma lill-poplu Malti meta ħa dik id-deċiżjoni u mhux il-Partit Nazzjonalista. Hu xogħol l-Oppożizzjoni li żżomm lill-Gvern in check. Jiġifieri issa se nibdew prattika ġdida? Nistaqsi lill-Prim Ministru: X'se jagħmel? Kull rapport li jkollu se jkompli jaħbih kif diġà għamel fil-passat? Nafu x'ġara fil-passat meta ħbew il-kuntratti tal-Vitals u Steward. Illum nafu għalfejn ħbewhom u ħarġu bil-linji suwed. Però l-Qorti qaltilhom li kienu kompliċi ma' min iffrodana u ffrodaw lil pajjiżna magħhom.

L-aħħar waħda, Sur President, inzertat tikkonċerna lill-istess Ministru Clayton Bartolo. Ġrat ilbieraħ fil-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi (PAC). Fil-fatt illum għadna kemm ingħatajna ruling mill-Ispeaker fejn dan il-Ministru nstab ħati li naqas. X'jiġifieri tagħmel kuntatt max-xhud personalment biex tgħidlu x'se tistaqsih, imbagħad tagħmillu dawk il-mistoqsijiet jew xi wħud minnhom? Dan huwa oltraġġ! Fejn hi t-trasparenza? Fejn hi s-separazzjoni fir-rwoli tagħna? Fejn hu r-rispett lejn dawn l-istituzzjonijiet?

X'se jagħmel issa l-Prim Ministru? Se jħalli lill-Onor. Clayton Bartolo fil-PAC? L-Onor. Bartolo għandu jirriżenja immedjatament mill-PAC u jekk ma jagħmilx dan, il-Prim Ministru jrid ineħħih immedjatament. (Onor. Membri: Hear, hear) Dan l-aġir mhuwiex aċċettabbli. L-Onor. Bartolo nqabad b'mod flagranti! Ovvjament l-Ispeaker ma kellux għażla, għax dan ammetta li għadda l-mistoqsijet lix-xhud b'messaġġ u x-xhud qal li rċeviehom mingħandu. Kieku dak li ġara ma ħariġx ċar b'dan il-mod, kieku jaraw kif iduru magħha, imma l-verità ma tistax tiġġildilha jew taħbiha.

Bħala Oppożizzjoni se nibqgħu nagħmlu xogħolna biex nagħtu tama u direzzjoni lil dan il-pajjiż u lil dan il-poplu. Irridu nagħmlu politika differenti, li taħdem għan-nies u mhux taħdem lin-nies, kif kienet il-politika tal-Gvern Laburista f'dawn l-aħħar għaxar snin. Se nkunu hemm għan-nies, għax hemm bżonn tmexxija u direzzjoni differenti. Illum nafu li l-Gvern ma jridx jaqbad direzzjoni differenti. Nafu li jrid ikompli jżid il-popolazzjoni bl-għexieren ta' eluf kull ftit xhur. Dan ifisser li jridu jkomplu jgħakksu lil dan il-pajjiż u l-infrastruttura u jridu jkomplu jeqirdu il-kwalità tal-ħajja tan-nies.

Sur President, bħala Oppożizzjoni deċiżi u determinati li rridu naħdmu għal pajjiżna b'direzzjoni, f'tiġdid ekonomiku. Il-mudell ekonomiku ġdid tagħna huwa bbażat fuq l-integrità, l-għaqal u l-għożża li jġibu l-kwalità u jbiegħdu l-kwantità, il-bulk buying u l-medjokrità ta' dan il-Gvern. Nemmnu li b'hekk biss jista' verament ikollna mhux biss ekonomija b'saħħitha imma ekonomija li tikber u taħdem għan-nies, sabiex ħadd ma jibqa' lura. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Darren Carabott.

**ONOR. DARREN CARABOTT:** Sur President, ippermettili nibda dan id-iskors billi nirreferi għal dak li għadu kif qal il-Kap tal-Oppożizzjoni u nirringrazzjah talli segwa mill-viċin il-ħidma li qed issir fil-Public Accounts Committee. Din hija ħidma fejn min-naħa jsiru mistoqsijiet ġustifikati min-naħa tal-Oppożizzjoni u min-naħa l-oħra, nafu li qed isiru mistoqsijiet 'planted' min-naħa tal-Membri tal-Gvern. Però ngħaddi sabiex niddiskuti t-tema tal-lum, li hija l-amministrazzjoni pubblika.

Illum nixtieq nitkellem mhux biss bħala kelliem tal-Oppożizzjoni għall-amministrazzjoni pubblika u nieqaf hemm, imma rrid niddedika dan id-diskors għal dawk li f'pajjiżna jemmnu f'amministrazzjoni pubblika tajba għal pajjiżna. Kultant tasal fi stadju, għax jiġru episodji, mhux biss politiċi imma fil-ħajjiet personali tagħna, fejn irridu niddependu fuq l-entitajiet u l-awtoritajiet pubbliċi. Hemm min fil-professjoni jew fix-xogħol tiegħu bilfors jiddependi mill-amministrazzjoni pubblika. In-nies jafu, għax jesperjenzaw, in-nuqqasijiet li għandha l-amministrazzjoni pubblika f'pajjiżna, kif ukoll l-avvanz li tagħmel u li hemm bżonn li tibqa' tagħmel.

Għalhekk, qabel ma ngħaddi biex nidħol fis-suġġett, nixtieq nagħti ħarsa lejn dak li qegħdin naraw fl-Estimi ta' dan il-Baġit għas-sena d-dieħla. Meta niġu f'din il-Kamra niddiskutu l-Estimi - bħalissa fil-Parlament qed niltaqgħu filgħodu u filgħaxija biex niddibattu suġġetti relatati mad-diversi Ministeri – il-Membri tan-naħa tal-Gvern suppost ikunu qegħdin jagħtuna

spjegazzjoni dwar x'inhu l-pjan għall-allokazzjoni li ħadu, fejn se tmur in-nefqa, kif se jitjieb is-settur responsabbli u kif se jitjiebu s-servizzi. Min-naħa tagħna bħala Oppożizzjoni, huwa xogħolna li nikkritikaw dak li seħħ ħażin fil-passat u, fl-istess ħin, nixprunaw u nipproponu l-affarijiet li, fl-opinjoni tagħna, ikunu tajbin sabiex nimxu 'l quddiem f'pajjiżna.

Dak huwa suppost x'qed jiġri f'dawn id-dibattiti dwar l-Estimi tal-Baġit. Però, jiddispjaċini ngħid li meta tiġi biex tisma' d-diskorsi tal-Ministri, il-maġġorparti tagħhom qed iħarsu lejn żewġ direzzjonijiet. Suppost qed iħarsu 'l quddiem, imma minflok qed iħarsu lura sabiex jaraw minn fejn se jaqilgħu xi ħaġa biex iqajmu kontroversja, jew inkella qed iħarsu faċċata u jgħajru lil din in-naħa minflok iħarsu 'l quddiem u jispjegaw kif se jinvestu dik l-allokazzjoni li ngħataw fil-Baġit sabiex naraw lil Malta timxi 'l quddiem b'opportunitajiet billi ninċentivaw, f'dan il-każ illum, l-amministrazzjoni pubblika.

F'dan il-Baġit il-Gvern għamel il-wegħda ta' Malta ġusta. Għalhekk kien id-dover tal-Ministri li minflok jinħlew iħarsu lura u jgħajru lil tal-faċċata, kien imisshom spjegaw x'se jkunu qed jagħmlu fid-dekasteri u l-portafolli tagħhom biex jagħmlu lil Malta ġusta, kif qegħdin iwiegħdu. Għalhekk bilfors ikolli ngħidilhom: Uruna kif Malta se tkun ġusta fl-ambjent u l-iżvilupp. Uruna kif se twaqqfu d-degradazzjoni tal-ambjent. Uruna kif se tipproteġu l-ambjent rurali tagħna. Uruna kif se ssebbħu l-ambjent urban tagħna. Uruna kif se nagħmlu riforma fl-ambjent. Uruna kif se tingħaqdu magħna fil-ġlieda biex inwelldu d-dritt fundamentali għall-ambjent fil-Kostituzzjoni, sabiex l-ambjent jibda jgawdi l-ogħla livell ta' protezzjoni. Uruna kif Malta se tkun ġusta fil-qasam soċjali. Irrid ngħid li ma smajt l-ebda diskors dwar kif il-Gvern se jindirizza l-iskandlu tal-benefiċċji soċjali għax-xiri tal-voti. Ma smajt l-ebda kelma kif Malta se tkun ġusta fil-qasam soċjali.

Inkompli ngħidilhom, Sur President: Uruna kif Malta se tkun ġusta fis-settur tat-traffiku. Kumbinazzjoni bħalissa, bix-xita li nieżla f'pajjiżna, hawn filmati ta' vetturi li qed jegħrqu fit-toroq tagħna. (Interruzzjonijiet) Mhux qed nivvinta, imma hawn filmati li qed juru dan. Dan qed jiġri meta suppost għandna infrastruttura b'toroq li qed titjieb. Mela le, isir investiment. Però kumbinazzjoni proġett minnhom qed jiġi investigat fuq fondi Ewropej u proġett ieħor qed jiġi investigat mill-Awditur Ġenerali.

Uruna kif se tagħmlu Malta ġusta fil-Qrati tagħna, meta n-nies qed jidħlu l-Qorti u jibqgħu jistennew il-ġustizzja għal snin twal, għax il-waiting list biex jinstemgħu l-kawżi qed tibqa' tikber. Uruna kif Malta se tkun ġusta ma' dawk li dan is-sajf għamlu ljieli mqajma minħabba l-qtugħ fil-provvista tad-dawl. Nittama li mhux se jimxu fuq dak li wiegħdu s-sena li għaddiet. Din is-sena ħarġu bis-slogan ta' 'Malta Ġusta'. Is-sena li għaddiet is-slogan kien 'Ċertezza u Stabbilità'. Dan meta l-Gvern jaf li din is-sena għalih kienet kollox barra ċerta u stabbli! Hawnhekk nerġa' nagħmel l-appell tiegħi: Uruna kif Malta se tkun ġusta fis-settur tas-saħħa billi ġġibu lura dawk l-€400 miljun li nsterqu mill-fondi pubbliċi. Kien grazzi għalina bħala Oppożizzjoni li ġibna l-isptarijiet lura. Ejja ningħaqdu sabiex Malta verament tkun ġusta f'dan is-settur. (Onor. Membri: Hear, hear)

Tibda tisma' d-diskorsi min-naħa tal-Gvern u ma tismax kif se nimxu 'l quddiem fuq setturi u deċiżjonijiet li huma ovvji u loġiċi. Il-Gvern jaħrab mill-problemi minflok jindirizzahom. Jitkellmu fuq kontradizzjonijiet jew jipprovaw iqajmu konfużjoni politika partiġġjana. Le, mhux dak li rridu nisimgħu meta qed niddikutu l-Estimi tal-Baġit. Suppost qegħdin hawnhekk biex juruna fejn se jinvestu.

Hawn nixtieq nagħmel enfasi partikolari dwar l-amministrazzjoni pubblika. Illum qed nindirizzaw l-estimi tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru u waqt li kont qed nipprepara għal dan id-diskors, sibt kwotazzjoni li nixtieq naqsam mal-Membri sħabi ta' din il-Kamra. Din tgħid hekk:

> "Good governance never depends upon laws but upon the personal qualities of those who govern."

Din hija frażi li ntużat snin ilu u għadha tapplika sal-lum. Nemmen li għandna npoġġu din il-frażi quddiemna, speċjalment meta niġu biex nitkellmu dwar l-amministrazzjoni pubblika. Hawn ikun tajjeb li nagħmlu distinzjoni. Din il-frażi li semmejt tagħmel enfasi fuq il-politiku, li qiegħed f'pożizzjoni li jieħu d-deċiżjonijiet. Il-politiku ntgħażel b'mod demokratiku, bil-mandat li ta l-poplu, u għandu l-privileġġ u l-vantaġġ li

għal ħames snin huwa fdat li jieħu d-deċiżjonijiet fis-settur tiegħu.

Fl-amministrazzjoni pubblika hemm parti oħra importanti. Hemm il-parti taċ-Ċivil u tas-settur pubbliku. Hemm il-parti tal-ħaddiema, mhux blu u aħmar, li jaħdmu fl-amministrazzjoni pubblika u għandhom il-funzjoni li jaraw is-settur pubbliku jibqa' jimxi 'l quddiem. Minn hawn nixtieq insellem il-ħidma ta' dawn il-ħaddiema fis-setturi vasti li jkopru. Però hawn irrid nagħmel punt importanti. Sfortunatament, anke minħabba stejjer li joħorġu, ir-reputazzjoni ta' dawk li qegħdin jaħdmu fl-amministrazzjoni pubblika qed tiġi affettwata minħabba skandli politiċi. Ejja nagħmlu din id-distinzjoni. Meta hemm skandlu politiku jrid jerfa' r-responsabbiltà l-politiku u dawk involuti, li jistgħu jkunu ġejjin mil-qasam amministrattiv.

Qatt m'għandna nħalltu l-funzjoni u l-qadi tal-amministrazzjoni pubblika ta' dawk li huma fis-servizz pubbliku u fiċ-Ċivil u naffettwaw ir-reputazzjoni tal-professjoni tal-ħidma tagħhom ma' dak li jkun qed jagħmel xi politiku jew xi wħud mill-uffiċjali li qegħdin jiżbaljaw f'dik il-kariga. Ir-responsabbiltà għandha tintrefa' minn dawk li għamlu l-ħażin, filwaqt li nissalvagwardaw li l-iżball ma jirrepetix ruħu f'oqsma oħra fl-amministrazzjoni pubblika. Nifhem li din hija xi ħaġa diffiċli għax meta qegħdin nitkellmu fuq iċ-Ċivil qed nitkellmu fuq eluf ta' ħaddiema li jaħdmu fl-amministrazzjoni pubblika u qed nitkellmu fuq ir-reputazzjoni u l-għajxien ta' ħafna ħaddiema u familji. Dawn il-ħaddiema għandhom id-dmir li jagħtu kontribut sabiex naraw is-settur pubbliku jibqa' javvanza u li jkollna servizz effiċjenti fl-entitajiet, fl-awtoritajiet u fil-Ministeri, imma fl-istess ħin għandhom il-piż li dawn qed jagħmlu għażla.

Illum persuna għandha l-għażla li jew tapplika biex taħdem mal-privat jew tapplika biex taħdem maċ-Ċivil. X'inhi l-motivazzjoni llum? Qed nitkellmu dwar reputazzjoni. Pereżempju, xi ħadd li qed ifittex biex jimpjiega miegħu persuna u qed jara l-kredenzjali tagħha, taħseb li jkun hemm distinzjoni bejn xi ħadd li għandu esperjenza fiċ-Ċivil u xi ħadd li għandu esperjenza fil-privat? Sfortunatament, u dan huwa ħażin, qed jinħoloq dan is-separju u qed jingħata timbru ħażin fuq dawk li jaħdmu fis-servizz ċivili. Dan m'għandux ikun. Però minħabba l-ammont ta' skandli politiċi li qegħdin jirrepetu ruħhom, qed ikun hemm dan l-impatt fuq l-amministrazjzoni pubblika ta' pajjiżna. Nerġa' ngħid, dan m'għandux ikun. Anzi, għandna nkunu aħna li nixprunaw il-kwalità fit-titjib tas-servizz biex insaħħu r-reputazzjoni tal-ħaddiema fiċ-Ċivil u r-reputazzjoni tas-servizz li qed jingħata fiċ-Ċivil.

Meta qed nitkellem dwar il-ħaddiema taċ-Ċivil bilfors ikolli nsemmi dak li ġie propost lejlet dan il-Baġit, li fil-mekkaniżmu tal-COLA m'għandux ikun hemm diskriminazzjoni ma' xi ħadd li jaħdem fiċ-Ċivil. Din tkellmu fuqha mhux biss il-Partit Nazzjonalista imma anke l-unions. Il-mekkaniżmu tal-COLA, kif inhu llum, irid jiġi rranġat għax lill-ħaddiema taċ-Ċivil mhux qed jolqothom u qed ikun hemm diskriminazzjoni. Però lanqas din it-talba ma tintlaqa'.

Lanqas intlaqa' d-dritt li xi ħadd ikollu 'equal pay for equal work', liema prinċipju suppost inħaddmuh dejjem sabiex naraw li ntejbu s-servizz tal-amministrazzjoni pubblika u ntejbu l-effiċjenza fl-ekonomija ta' pajjiżna u fis-settur pubbliku li jaffettwa s-settur privat ukoll. Għalhekk għandna nħarsu lill-ħaddiema fis-settur pubbliku, u jkun ta' nuqqas li ma nisimgħux il-ħaddiema, il-unions u l-karba tal-Oppożizzjoni sabiex il-mekkaniżmu tal-COLA ma jibqax diskriminatorju mal-ħaddiema fiċ-Ċivil.

Fil-bidu għamilt distinzjoni bejn dawk li jaħdmu fis-settur pubbliku u dawk li huma fi rwol politiku. Min jokkupa rwol politiku għandu pożizzjoni ta' fiduċja għax jekk inti tkun intgħażilt bil-voti tkun ingħatajt il-fiduċja mill-pubbliku. Il-politiku mbagħad jagħżel lin-nies li jkunu miegħu. Għalhekk l-appell irid imur lill-Membri tal-Gvern li rridu naraw li ngħollu l-livell ta' kwalità tal-politiku f'pajjiżna. Ilkoll kemm aħna fejn naraw li l-kollega tagħna qed jonqos irridu nieħdu azzjoni. Ejja naraw li f'dan il-pajjiż mhux tibqa' tirrenja l-mentalità li aħna ħaġa waħda mal-ħomor jew ħaġa waħda mal-blu u allura kollox jgħaddi u jibqa' taħt it-tapit. Le, il-politika m'għandhiex tkun hekk.

Għandna naraw li jinħolqu mekkaniżmi ta' checks and balances, anke fuq il-Membri politiċi fl-amministrazzjoni pubblika. Pereżempju, ftit tax-xhur ilu għamilt mistoqsija parlamentari lil kull Ministru sabiex jipprovdi lista ta' konsulenti li għandu miegħu. Kien hemm Ministri li kkollaboraw. Fl-aħħar mill-aħħar, hawn qed nitkellmu dwar fondi pubbliċi u għalhekk il-poplu għandu dritt ikun jaf lil min il-Ministru ta

konsulenzi. Dawn huma nies li ngħataw fiduċja mill-Ministru u jifformaw parti mit-tim tal-Ministru permezz ta' fondi pubbliċi. Kif ikollok Ministri li jew jaħbu l-ismijiet jew isemmu biss l-iskala u ma jgħidux min huma l-persuni magħżula. Jew inkella jkollok Ministri li, agħar minn hekk, jirrifjutaw li jagħtu l-lista tal-konsulenti li qed jingaġġaw u jinħbew wara risposti bħal li qed jimxu skont il-mekkaniżmu li dejjem intuża'.

X'jiġifieri! Fejn hi t-trasparenza? Għalfejn qed tinħoloq diskriminazzjoni bejn Ministeru u ieħor? Għandek Ministri li qed jikkollaboraw u jagħtu l-informazzjoni kollha u għandek Ministri oħrajn li lanqas biss qed jagħtu din il-lista ta' min huma l-konsulenti tagħhom. Mela hemm min qed jipprova jaħbi l-informazzjoni, mhux minna d-Deputati imma mill-pubbliku, għax dawn il-konsulenti qed jitħallsu mill-fondi pubbliċi u mit-taxxi tan-nies. In-nies jaħdmu għal kull ewro li jaqilgħu u jħallsu t-taxxi tagħhom biex jaraw investiment lura fis-settur pubbliku u biex pajjiżna jimxi 'l quddiem. Minflok qed isibu bibien magħluqa.

Bħala Oppożizzjoni qed nistaqsu lil min qed inħallsu u l-Ministri jgħidulna li ma jridux jagħtuna l-informazzjoni. X'jiġifieri! B'liema awtorità? Dak huwa n-nuqqas fil-klassi politika li qegħdin nitkellmu dwaru. Hawn bilfors irrid ngħaddi għall-prinċipju li semmejt fil-bidu ta' dan id-diskors dwar l-amministrazzjoni pubblika. Jien dejjem nagħmel enfasi li nżid kelma oħra wara l-amministrazzjoni pubblika; amministrazzjoni pubblika tajba.

Hawn irrid insellem il-ħidma li qed issir mill-Ombudsman, l-Imħallef Emeritu Joseph Zammit McKeon, li ftit tal-ġimgħat ilu waqt konferenza tkellem dwar l-inizjattiva dwar id-dritt fundamentali għall-amministrazzjoni tajba. Din hija xi ħaġa li din il-Kamra għandha tibda taħdem fuqha sabiex tattwaha fil-leġiżlazzjoni tagħha. Għandu jkun hawn sforz konġunt bejn l-Oppożizzjoni u l-Gvern biex naraw li mhux biss ikollna d-dritt tal-amministrazzjoni, imma jkollna d-dritt tal-amministrazzjoni tajba sanċita fil-leġiżlazzjoni tagħna. Għandu jkun obbligu fundamentali li kull Malti u Maltija jkollhom id-dritt għall-amministrazzjoni tajba f'pajjiżna. S'issa dan għadu ideali. Naqbel ħafna mas-suġġeriment li qed iressaq l-Ombudsman u nemmen li dik hija t-triq 'il quddiem li rridu naraw f'pajjiżna. B'hekk inkunu qed nimxu b'mod simili għal ħafna pajjiżi oħrajn u mmorru fid-direzzjoni li jkollna leġiżlazzjoni sabiex il-poplu Malti jingħata amministrazzjoni tajba ta' pajjiżna, kif ħaqqu.

Ngħaddi għall-aħħar punt ta' kritika qabel ma nimxi biex nitkellem dwar il-proposti u l-punti fis-settur pubbliku li nemmnu fihom bħala Oppożizzjoni. Mil-lat ta' punt ta' kritika u nuqqas, sfortunatament, is-settur pubbliku sejjer f'direzzjoni li sar jiddependi ħafna mill-Ministru u mill-Ministeru. Dan minflok qegħdin nimxu f'direzzjoni fejn naraw li l-entitajiet pubbliċi tagħna jkunu aktar awtonomi, fejn biex xi ħadd jinqeda m'għandux għalfejn imur għand il-Ministru jew il-Ministeru. Din hija xi ħaġa li nemmen li f'pajjiżna li hawn nuqqas kbir fiha.

Nemmen li għandna bżonn aktar qafas leġiżlattiv li bih inkunu qegħdin nassiguraw li l-mod kif isiru ċerti ħatriet f'entitajiet pubbliċi jkunu aktar trasparenti b'mekkaniżmi aħjar. B'hekk nassiguraw distinzjoni bejn il-Ministeru u l-entitajiet pubbliċi li jaqgħu taħt il-portafoll ta' dak il-Ministeru. Dawn m'għandhomx ikunu ħaġa waħda u influwenzati minn xulxin. Anzi, għandu jkun hemm mekkaniżmu li bih naraw li l-entità pubblika tkun aktar awtonoma u indipendenti fid-deċiżjonijiet tagħha. Kwotazzjoni oħra li sibt waqt li kont qiegħed nipprepara għal dan id-diskors tgħid li:

> "The Government is best which makes itself unnecessary."

Hawn qed ngħidu li l-aqwa Gvern hu dak li jagħmel lilu nnifsu mhux neċessarju, cjoè li meta jiġi xi ħadd biex jinqeda mis-Servizz Pubbliku m'għandux għalfejn imur jitkarrab għand il-Ministeru jew il-Ministru sabiex jinqeda. Bħala Oppożizzjoni nemmnu f'awtonomija tal-entitajiet pubbliċi.

Niġi issa biex inħares lejn l-amministrazzjoni pubblika mil-lat tal-proposti li qegħdin nagħmlu bħala Oppożizzjoni. Il-Partit Nazzjonalista jemmen fi tliet prinċipji kardinali. Irridu naraw servizz aħjar fis-Settur Pubbliku, awtoritajiet u entitajiet tal-Gvern aktar responsabbli u metodi tal-għoti tal-kuntratti tal-Gvern aktar trasparenti u kontabbli. Dawn huma l-prinċipji li se jmexxuna meta nkunu qegħdin infasslu l-politika tagħna f'dan ir-rigward.

Niġi issa biex insemmi wħud mill-proposti li qed nagħmlu bħala Oppożizzjoni fejn tidħol l-amministrazzjoni pubblika. Wieħed mill-akbar prinċipji hi li jkollna allokazzjoni ta' fondi akbar għal dawk li huma fil-frontline tas-Servizz Pubbliku. B'hekk, meta xi ħadd jiġi biex jinqeda mis-Servizz Pubbliku, in-nies li qed jagħmel kuntatt magħhom ikollhom allokazzjoni ta' fondi akbar sabiex naraw li s-Servizz Pubbliku jkun aħjar u aktar responsabbli u kontabbli għal dak li qiegħed jinqeda minnu. Irridu naraw li minflok jitberbqu l-miljuni f'salarji esaġerati ta' pożizzjonijiet inutli ta' fiduċja, naraw li l-ħaddiema fil-kura tas-saħħa, fl-oqsma soċjali, l-edukaturi, ħaddiema f'korpi dixxiplinarji u oħrajn jingħataw aktar allokazzjoni bħala bonus annwali ekwivalenti għas-salarju bażiku ta' erba' ġimgħat paga tal-impjegat rispettiv.

Proposta oħra li dejjem tkellimna fuqha bħala Partit Nazzjonalista fir-rigward tal-amministrazzjoni pubblika hija li nbiddlu l-politika tal-outsourcing imħaddma mill-Gvern preżenti. Irridu mmorru fid-direzzjoni li nassiguraw li jitħaddem il-prinċipju ta' 'equal pay for equal work' fl-entitajiet tal-Gvern. Irridu ninċentivaw lill-ħaddiema sabiex jifformaw u jissieħbu f'intrapriżi soċjali u koperattivi biex jitjiebu l-kondizzjonijiet tal-istess ħaddiema. Irridu naraw li jkun hemm forma ta' servizz tal-customer care tal-Gvern aħjar fis-servizz tal-ħin li jipprovdi. Fil-fatt, fl-aħħar elezzjoni konna wegħedna li jkollna Servizz Pubbliku li jkun 24/7. Għalfejn m'għandniex inħarsu lejn dik id-direzzjoni? Illum l-esiġenza tal-ekonomija ta' pajjiżna qed tinbidel.

Għalhekk irridu naraw li s-settur pubbliku jaġġorna u javvanza ma' kif sejra l-ekonomija. Irrid aktar inċentivi, bħal applikazzjonijiet teknoloġiċi f'kull livell ta' Gvern, fejn inwettqu l-prattika tal-Once-Only Principle (OOP). Ħafna mill-professjonisti u l-ħaddiema li jagħmlu użu mis-servizzi ċivili jafu bin-nuqqas li hemm, għalkemm naf li kien hemm avvanz meta niġu għall-użu ta' sistemi teknoloġiċi ta' numru ta' awtoritajiet pubbliċi, wieħed aktarx jispiċċa jdur minn awtorità għall-oħra. Għalhekk tajjeb li jkollna servizz iċċentralizzat, b'informazzjoni utli li tkun aktar imxerrda sabiex intejbu s-settur pubbliku.

Sur President, nagħlaq b'appell, din id-darba bħala l-President tal-PAC. Ejja naraw li jkun hemm aktar responsabbiltà fl-infiq tal-fondi pubbliċi. Fl-aħħar sena u nofs, sfortunatament, kien hemm tliet istanzi fejn bħala Oppożizzjoni ħassejna l-bżonn li nirrikorru għand l-Awditur Ġenerali, kif inhu fid-dmir tagħna, sabiex ikun hemm investigazzjoni dwar nuqqasijiet fil-mod kif qed jiġu amministrati l-fondi pubbliċi. Nemmen li bħala deputati ta' din il-Kamra għandna naħdmu aktar flimkien sabiex naraw li t-taxpayer ikollu redditu fuq l-investimet aħjar għat-taxxi, partikolarment fejn tiħdol l-amministrazzjoni pubblika. Nirringrazzjak.

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Napprezza li jkun hawn aktar silenzju fil-Kamra u ma jkunx hawn interruzzjonijiet. Aktar rimarki? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** Sur President, illum se nitkellem fuq ir-relazzjonijiet industrijali u l-ħaddiema fir-rigward ta' dak kollu li qiegħed jiġri fid-dinja tax-xogħol. Meta tisma' lill-Membri tan-naħa tal-Gvern jitkellmu, tisħajjel li dawn huma xi Soċjalisti mill-kbar, li qalbhom tuġagħhom għall-ħaddiema u li huma l-uniku partit li sejħu lilhom infushom il-partit tal-ħaddiem u tal-vulnerabbli. Fir-realtà, biex tkun verament Soċjalist u partit tal-ħaddiema, ma jfissirx li tiġi għall-Baġit bil-bagalja ħamra biss, però trid tisma' l-weġgħat tal-ħaddiema u tindirizzahom. Personalment jiddispjaċini ngħid li verament nemmen li dan il-Partit Laburista huwa l-aktar partit anti-Soċjalist u antiħaddiem li qatt kellna f'pajjiżna.

Hawn se nispjega għaliex qiegħed ngħid dan. Insemmi l-Wage Regulations Orders (WRO), fejn tul dawn l-aħħar tliet leġiżlaturi kull Ministru li kien inkarigat mir-relazzjonijiet industrijali wiegħed li se jkun qiegħed jindirizza dawn l-anomaliji li jeżistu fil-Wage Regulation Orders. Kellek lil Helena Dalli, illum Kummissarju Ewropew, li wiegħdet li se tagħmel xi ħaġa, l-Onor. Carmel Abela li wkoll wiegħed li kien se jindirizza din il-kwestjoni, u llum għandna lill-Onor. Andy Ellul li qiegħed jgħid l-istess ħaġa. Jalla jkun qiegħed jagħmel dan. Però nispera li dawn ma jkunux tibdiliet kożmetiċi, fejn niġbdu linja għal kulħadd, inneħħu biss dak li m'għadux relevanti u ma nindirizzawx dawk ix-xogħlijiet li llum il-ġurnata ma jaqgħux taħt Kap. 452 u l-ebda Wage Regulation Orders. Għandna setturi ta' impjieg li għadhom fis-sħab.

Biex infiehem aħjar, f'dawn l-aħħar tliet leġiżlaturi ilna nitkellmu fuq nies li jaħdmu

f'settur ta' impjieg, fejn jekk imutilhom xi ħadd qarib tagħhom, bħall-omm jew il-missier, kulma huma intitolati hija ġurnata waħda bereavement leave, meta persuni oħrajn f'settur ieħor ikunu intitolati għal tlett ijiem bereavement leave. Din hija ġustizzja? Nistgħu nagħmlu distinzjoni bejn il-weġgħa li jkun qed iħoss persuna meta jmut xi ħadd mill-qraba tiegħu? Għalhekk huwa importanti li nirregolarizzaw u nindirizzaw dawk is-setturi ta' impjieg li ma jaqgħu taħt l-ebda liġi. Kburi ngħid li bħala Partit Nazzzjonalista, anke bin-nuqqasijiet kollha tar-riżorsi li għandna, komparat mar-riżorsi li għandu l-Gvern, se nkunu qegħdin nindirizzaw dawn l-anomaliji għax verament jinteressana minn pajjiżna. Qed nagħmlu dan mill-Oppożiżżjoni, aħseb u ara x'nagħmlu kieku qegħdin fil-gvern.

Niġi issa għat-temping agencies, Sur President. Illum l-Onor. Andy Ellul għamel konferenza stampa fejn qalilna li se jkunu qegħdin jintroduċu numru ta' regolamenti ġodda fil-liġi u li għada se joħroġ l-avviż legali. Jien tajthom daqqa t'għajn u nista' ngħid li ħafna minnhom huma tajbin u naqblu magħhom, għax dak li hu sewwa trid tgħid li hu sewwa. Kumbinazzjoni dalgħodu saret il-konferenza stampa u llejla għandna d-diskors dwar l-estimi tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, imma dik hija forma ta' strateġija. Però għandna sitwazzjoni fejn wara 11-il sena fil-gvern ma sar l-ebda tibdil f'dawn ir-regolamenti. Dan meta daħħalna ħaddiema barranin f'pajjiżna bl-amment u bla ebda strateġija ta' xejn. Fil-fatt, jekk irridu nkunu verament onesti, l-unika raġuni li din il-liġi qiegħda tiġi indirizzata hija minħabba l-protesti qawwija tan-nies dwar li hawn ħafna ħaddiema u żdiedet il-popolazzjoni.

Għalhekk issa l-Gvern qed jara kif se jagħmel ħalli jipprova jirranġa ftit is-sitwazzjoni. Però dan huwa pass fid-direzzjoni t-tajba. Nispera li ma jiġrix bħalma ġara fl-2018 dwar l-avviż legali 272/2018 fejn sar tibdil anke f'dawn ir-regolamenti imma mbagħad ma ġiex applikat. Ir-regolamenti għall-equal pay for work of equal value li l-Gvern qal li daħħal fl-2018 ma daħlux fl-artikolu prinċipali u allura donnhom ma jeżistux. Illum l-Onor. Ellul qal li se jkun qiegħed jindirizza din is-sitwazzjoni. Tajjeb infakkru li dawn il-liġijiet diġà jeżistu u kulma jrid jagħmel hu li japplikahom.

Irrid insemmi wkoll l-employment agencies fejn għandna sitwazzjonijiet li hemm bżonn li jiġu indirizzati. Kif għedt, ir-regolamenti għat-temping agencies se nkunu qed ndaħħluhom minn għada. Però fir-rigward tal-employment agencies, id-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u Impiegi (DIER) diġà jista' jagħmel blacklisting meta dawn ikunu se japplikaw għal xi tender skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku. Wieħed jitħasseb meta d-DIER qed jirċievi lmenti fuq ċerti employment agencies u mhux talli ma titteħidx azzjoni u ma jiġux blacklisted, imma jingħataw iżjed tenders. X'qed jagħmlu dawn l-employment agencies?

Pereżempju, dawn qegħdin ibiddlu l-isem minn fuq ir-raġel għal fuq il-mara jew għal fuq iz-zija u kollox jibqa' l-istess! Jekk verament irridu nindirizzaw il-problema u ma nħalluhiex tikber, mhux biżżejjed li mmorru nagħmlu konferenza stampa ħalli n-nies jaraw li qed nagħmlu xi ħaġa. Hawn nagħmel appell ġenwin. Aħna lkoll mislufin f'din il-Kamra għal tliet snin oħra, jekk Alla jrid. Mela ejja nagħmlu d-differenza li hemm bżonn. Il-Gvern se jsib l-appoġġ minn din in-naħa tal-Kamra jekk dak li se nagħmlu huwa fl-interess nazzjonali u fl-interess tal-ħaddiema.

Hawn irrid infakkar dwar Direttiva tal-EU, li m'għandix dubju li l-Gvern huwa konxju tagħha. Però, ġeneralment, f'ħafna mil-liġijiet li għandhom x'jaqsmu mar-relazzjonijiet industrijali noqogħdu nistennew id-Direttiva tal-EU kważi tagħlaq u mbagħad, ftit xhur qabel, nippanikkjaw biex indaħħluha fil-liġijiet tagħna. Id-Direttiva tal-EU dwar il-pay transparency trid tidħol fis-seħħ sad-9 ta' Ġunju, 2026. Qed ngħid dan tliet snin qabel. Din hija Direttiva verament importanti li tindirizza l-pay gap bejn is-sessi. F'pajjiżna nistgħu mmorru pass lil hinn għax fil-liġijiet tagħna diġà għandna l-prinċipju tal-equal pay for work of equal value. Però, sfortunatament, fiċ-Ċivil qed naraw li dan il-prinċipju qed jiġi injorat.

Għandek ħaddiema li ġew mill-Enemalta, mill-Air Malta u minn ħafna postijiet oħra bil-pagi li kellhom u llum qed jaħdmu fuq il-bankijiet tax-xogħol flimkien ma' ħaddiema oħra taċ-Ċivil, jagħmlu l-istess xogħol, però l-paga hija kompletament differenti. Din hija xi ħaġa li għandna bżonn nindirizzaw. Ejja ma nibqgħux npposponuha għaliex qed nagħmlu inġustizzja ma' dawk il-ħaddiema taċ-Ċivil li qegħdin jagħmlu xogħolhom, u minn hawnhekk insellmilhom, imma qed jitħallsu inqas għall-istess xogħol li qed tagħmel persuna oħra maġenbhom. F'ċerti każi l-paga hija kważi d-

doppju tal-paga tagħhom. Din hija inġustizzja kbira!

Niġi issa għall-minimum wage, Sur President. Il-pariri li taw il-unions kienu li m'għandniex ngħollu l-minimum wage kull meta jfettlilna, hekk bl-amment, għalkemm din ma saritx bl-amment, imma hemm il-Minimum Wage Directive tal-EU, li kienet qed timponilna li bħala pajjiż ngħollu l-minimum wage. Dan ifisser li din ma kinitx idea tal-Gvern li qal li jrid jgħolli l-minimum wage. Però, fil-verità, kien hemm ftehim mal-imsieħba soċjali li jiġi rivedut din is-sena u l-Gvern żamm kelmtu u għolla l-minimum wage.

Sur President, illum il-ġurnata rridu nħarsu lil hinn mill-minimum wage u naraw kif se ninvolvu iżjed il-collective bargaining biex ikollna ż-żidiet li għandna bżonn. Infakkar li l-Minimum Wage Directive hija maqsuma f'żewġ partijiet: il-parti li tiżdied il-minimum wage u l-parti li nżidu bil-collective bargaining f'pajjiżna. Dan irid jiżdied sa 80%, u sa fejn naf jien għadna 56%, jiġifieri baqgħalna x'nagħmlu. Se nkun qed nitkellem fuq il-collective bargaining u l-mandatory trade union membership aktar tard fid-diskors tiegħi. Importanti li naraw kif se nħajru iżjed nies jingħaqdu fi trade union.

Niġi issa għall-Public Service Collective Agreement u l-COLA. Hawnhekk għandek sors ta' tilwima industrijali. Għandek erba' unions ewlenin tal-ħaddiema tagħna li jiftiehmu fuq xi ħaġa komuni. Din hija xi ħaġa verament storika, għax in-naħa l-oħra tal-Kamra għandhom ħabta jgħidu li għamlu ftehim storiku! Dawn l-erba' unions tal-ħaddiema kitbu lill-Prim Ministru dwar iż-żieda tal-COLA, u fakkruh fil-ftehim li sar is-sena l-oħra li se jkun hemm żieda extra biex ma tintilifx ir-relattività tal-COLA, li din is-sena intilfet għalkollox. Hawn se nikkwota l-ħabib tagħna, is-Sur Josef Vella tal-UHM Voice of the Workers, li qal li l-Ministru għall-Finanzi ċempillu u qallu: Aħna se nagħmluha bħas-sena l-oħra? U dan min-naħa tiegħu qallu: Mhux hekk, allaħares mhux hekk, għax ikollna rebus sħiħ!

Però, Alla jbierek, jidher li l-Ministru għall-Finanzi nesa! Jien naf storja oħra li din il-kwestjoni ttieħdet minn idejn il-Ministru għall-Finanzi u ngħatat lil ekonomista ieħor li ra li biż-żieda li ta l-Gvern jolqot 95,000. Għalhekk għalissa nsew il-ħaddiema taċ-Ċivil u s-Servizz Pubbliku u raw li jolqtu lil aktar nies. Jien ngħid li huwa importanti li lqatna lil 95,000 ruħ, però huwa importanti wkoll li ma ninsewx lil dawk il-55,000 ħaddiem taċ-Ċivil u s-Servizz Pubbliku li s'issa baqgħu mingħajr din iż-żieda għax, safejn naf jien, għadu ma sarx ftehim għal dawk li jaħdmu fiċ-Ċivil u s-Servizz Pubbliku.

Fir-rigward tar-relazzjonijiet industrijali, irridu naraw li dawn jissaħħu iżjed f'pajjiżna. Nieħu pjaċir meta jingħalaq ftehim kollettiv u nisma' li l-ħaddiema marru aħjar, però, f'ġieħ is-sewwa, irridu nagħtu kredtu fejn xieraq. Ma jistax il-Gvern jagħti t-torturi tad-dinja kollha lill-unions u l-ħaddiema li jirrappreżentaw ikollhom jagħmlu azzjonijiet industrijali ta' kull tip, u mbagħad il-Gvern joħroġ ikanta vittorja u jgħid li ta dak li l-ħaddiema u l-unions xtaqu. Ħalli nsemmi l-ftehim mal-Malta Union of Midwives and Nurses (MUMN) li l-Gvern sejjaħlu ftehim storiku u qal li ta l-akbar żidiet li qatt ingħataw. Però tajjeb insemmi x'kienet is-sitwazzjoni qabel intaħaq dan il-ftehim.

Fost tant rapporti fil-midja qrajna li:

> "Commissioner for Health urges Health Ministry and MUMN to resolve ongoing dispute."
>
> "MUMN to hold widespread industrial action as salary talks reach impasse. Nurses told to expect industrial action over negotiation 'humiliation'."
>
> "MUMN calls off press conference as government presents fresh proposals."
>
> "Union claims there's no money for nurses as industrial action continues. MUMN orders industrial action for nurses over 'humiliating' proposals."
>
> "Strict standards to regulate temping agencies in the pipeline: PM."

Jalla dan isir, għax hekk nieħu pjaċir nisma', però ejja nkunu ftit serji. Jekk iż-żidiet fl-aħħar mill-aħħar xorta waħda jkunu se jingħataw, mela x'inhi l-problema li mmorru mill-ewwel għan-negozjati, b'mod speċjali fejn jidħlu salarji, u niddiskutu l-proposti. Ejja ma ninsewx li dawn id-diskussjonijiet l-ewwel saru mal-Ministeru tas-Saħħa u weħilna u mbagħad ittieħdu mill-Ministeru tas-Saħħa u marru f'idejn l-OPM. Wara

ħafna torturi, il-Gvern ta, mhux se ngħid xi rigal imma, dak li dawn il-ħaddiema kien ħaqqhom.

Nerġa' niġi biex nitkellem dwar id-DIER, li huwa dipartiment importanti ħafna f'pajjiżna. Dan l-aħħar sar tisbiħ tal-bini u jien avviċinajt lill-Onor. Andy Ellul u għedtlu prosit għaliex kull ħaddiem jixraqlu post tax-xogħol diċenti. Però l-investiment ma jridx isir fil-bini biss imma anke fil-ħaddiema u fir-riżorsi. Il-ħaddiema fid-DIER huma mkissrin bix-xogħol. Jekk verament irridu nżidu l-infurzar u naraw li d-drittijiet tal-ħaddiema jkunu mħarsa, mela f'ġieħ is-sewwa, irridu nżidu r-riżorsi, speċjalment meta rajna l-popolazzjoni li splodiet, jew aħjar il-Gvern splodieha 'l fuq. Dan id-Dipartiment irridu nattrezzawh aħjar sabiex inserrħu rasna li l-ħaddeima għandhom ir-riżorsi biex jagħmlu xogħolhom.

Ngħaddi issa għat-Tribunal Industrijali. Jien għamilt mistoqsija parlamentari fejn staqsejt x'inhi l-medja ta' żmien li każ jinqata' fit-Tribunal Industrijali. Infakkar li l-liġi tistipula li każ irid jinqata' fi żmien erba' xhur sabiex issir ġustizzja mal-persuna li tkun ressqet il-każ quddiem it-Tribunal. It-tweġiba li ngħatajt kienet dik ta' għaxar snin! Ħaddiem li ħass li saret inġustizzja miegħu, li tant kienet kbira li kellu jmur quddiem it-Tribunal Industrijali biex jipprova jġibha żewġ, qed indewmuh għaxar snin jistenna! Possibbli l-Gvern mhux qed jinduna li din hija redikola? Mhux qed jinduna li rridu nagħmlu investiment ħalli l-ħaddiema li ħassew li saritilhom inġustizzja, issir ġustizzja magħhom fi żmien raġunevoli? Ejja npoġġu lilna nfusna fis-sitwazzjoni ta' dawn in-nies. Il-Ministru jistenna għaxar snin biex issir ġustizzja miegħu? Ikun kuntent li jistenna għal tant snin? Għax jien, u naħseb bħali ħadd mhu kuntent b'din is-sitwazzjoni.

Sur President, niġi issa għan-negozjati tal-Public Administration Collective Bargaining Unit (PACBO). Għall-benefiċċju ta' min qed isegwina, dan il-unit huwa magħmul minn tnejn min-nies, li għalija huma eroj, li jmorru jiddiskutu u jiftiehmu fuq il-ftehimiet kollettivi kollha taċ-Ċivil kif ukoll is-settur pubbliku. Dawn it-tnejn min-nies iridu jlaħħqu ma' ma nafx kemm il-ftehim kollettiv fis-sena. Kif jista' jkun li nibdew nagħlqu ftehimiet kollettivi fil-ħin b'unit li jaħdem bi tnejn min-nies biss! Issa tawhom segretarja li tagħmlilhom l-appuntamenti.

U ejja, f'ġieħ is-sewwa, irridu nistennew ftehim kollettiv jiskadi b'sena biex nibdew nagħmlu t-taħditiet? Irridu ngħidu li ftehim kollettiv ma tagħlqux f'ġimagħtejn, imma d-diskussjonijiet ġieli jibqgħu sejrin xhur u anke snin. Dan il-Gvern berbaq u rema tant miljuni, għal dan il-unit mhux qed isib il-flus biex jiġi attrezzat bir-riżorsi li hemm bżonn? Min qiegħed ibati f'dan kollu? Qiegħed ibati l-ħaddiem. Imbagħad jgħidu li huma Gvern Soċjalista u li l-ħaddiema qegħdin f'qalbhom! Fejn huma l-ħaddiema f'qalbhom?!

Insemmi l-liġi tal-work-life balance, li hija liġi tajba li ddiskutejna f'dan il-Parlament. Però l-Gvern ta tassew l-inqas lill-ħaddiema tagħna. Insemmi l-ħaddiema tax-xatt li lanqas il-COLA ma jieħdu. Dawn il-ħaddiema qatt ma ħadu żieda fi 11-il sena li ilhom jistennew. Il-ħaddiema tax-xatt u l-casual workers tax-xatt huma minsijin. Anzi, naraw kif nagħmlulhom il-ħajja aktar diffiċli billi nattrezzaw fejn jaħdmu b'apparat li jieħu iżjed ħin biex ilestu xogħolhom. Mela minflok ngħinuhom u naraw kif se jkunu aktar produttivi, nagħmlulhom il-ħajja tagħhom aktar diffiċli.

Sur President, dan huwa Gvern bla soluzzjonijiet. Is-soluzzjonijiet li għandu huwa li biex jitnaqqas it-traffiku, għandek tmur tard għax-xogħol jew inkella nwaqqfu l-festi! Is-soluzzjoni biex teħles mill-iskart organiku hi li titfgħu fil-freezer! Is-soluzzjoni għall-qtugħ tad-dawl hija li taqra ktieb fid-dlam! Dan huwa Gvern dilettant u fqir fil-politika! L-Eks Prim Ministru jgħid li għamel in-nies sinjuri żgħar, imma nesa l-100,000 ruħ li jinsabu fil-faqar! Il-Prim Ministru, fir-replika tiegħu, jgħid li sar investiment f'St Luke's Hospital. Dan x'investiment hu? Il-barumbara tal-ħamiem! Dan il-Baġit mhuwiex ġust mal-ħaddiema li l-Gvern qed jiklilhom it-taxxa mill-COLA.

Sur President, nagħlaq billi nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lill-ħaddiema kollha ta' pajjiżna. Nawgura li naħdmu iżjed fl-interess tal-ħaddiema għax baqgħalna ħafna iżjed x'nagħmlu. Nirringrazzjak.

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Skada l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u issa l-ħin kollu li fadal huwa għall-Gvern. Rimarki? Il-Prim Ministru.

**ONOR. ROBERT ABELA (Prim Ministru):** Sur President, ma tgħaddix ġurnata waħda fejn

ma nkunx nista' nitkellem mal-poplu tagħna dwar miżura oħra ta' twettiq tal-manifest elettorali. Illum mhux ġurnata differenti. Infakkar ukoll li l-Baġit li ħabbarna ftit tal-jiem ilu kellu fih 240 miżura li joħorġu mill-manifest elettorali *Malta Flimkien.* (Onor. Membri: Hear, hear)

Bi Gvern Laburista dak li nkunu ħabbarna fil-Baġit jibda jitwettaq minnufih. Kien għalhekk li aktar kmieni llum il-Gvern, permezz tas-Segretarju Parlamentari Andy Ellul, spjega kif għall-ewwel darba fl-istorja ta' dan il-pajjiż se nkunu qegħdin nirregolaw dawk l-aġenziji li jġibu l-ħaddiema barranin f'pajjiżna. Hawnhekk qed nitkellem dwar is-settur tat-temping agencies. Kelli l-opportunità li nitkellem dwar il-prinċipji ġenerali f'dawn l-aħħar jiem u ġimgħat ukoll, u llum spjegajna b'mod ċar id-dettalji ta' kif se jkun qiegħed jaħdem dan il-qafas regolatorju ġdid. Ħabbarna kif sa nofs is-sena d-dieħla dan il-qafas regolatorju ġdid se jkun qiegħed jidħol fis-seħħ u implimentat fit-totalità tiegħu. Fissirna pass pass kif se niżguraw li l-awtoritajiet Maltin ikollhom il-kontroll sħiħ tas-sitwazzjoni fejn jidħol id-dħul tal-ħaddiema barranin prospettivi f'pajjiżna.

Hawnhekk m'aħniex qed indaħħlu biss regoli ġodda, imma qed nitilqu mill-punt tat-tluq ta' regoli ġodda, tista' tgħid rivoluzzjoni legali f'dan is-settur, imma mbagħad, ikkomplementat ma' dawk ir-regoli ġodda, qed indaħħlu sanzjonijiet, pieni u saħansitra multi b'saħħithom għal min ma jikkonformax ruħu ma' dawn ir-regolamenti. Dan ifisser li, bħala punt tat-tluq, min idaħħal il-ħaddiema barranin f'pajjiżna jrid l-ewwel japplika biex jifforma parti minn dan il-qafas regolatorju ġdid u dan il-qafas regolatorju jiġi japplika għalih. Min ma jikkonformax ruħu ma' dan il-qafas regolatorju jfisser li ma jistax idaħħal ħaddiema barranin fil-pajjiż. Iva, ikolli nistqarr dak li ħabbar is-Segretarju Parlamentari jifforma parti mir-regolamentazzjoni li hija waħda stretta, iżda li fl-istess waqt hija bilanċjata kif ukoll meħtieġa.

Ħadt pjaċir insegwi d-diskors tal-Kap tal-Oppożizzjoni għax nifhem kemm verament jeċċella fl-inkonsistenza. Qed ngħid dan, għaliex għamel diskors mibni fuq, tista' tgħid, dan l-antagoniżmu kontra d-dħul ta' ħaddiema barranin, iżda fl-istess waqt qalilna u rrikonoxxa li qegħdin nagħlqu l-vit fejn jidħlu l-ħaddiema barranin. Jien ngħidlu: Iddeċiedi, jew qed tgħid li dan il-Gvern qiegħed idaħħal il-ħaddiema barranin bla rażan jew li qed nagħlqu l-vit. Ir-realtà hija li qed nagħlqu l-vit fejn hemm bżonn. (Onor. Membri: Hear, hear) Però d-diffikultà li għandu l-Kap tal-Oppożizzjoni hi li meta jkollu udjenza ta' min iħaddem quddiemu, jgħidilhom li l-Gvern huwa fi kruċjata kontrihom għax ma jridx iġibilhom ħaddiema minn barra l-pajjiż. U meta jkun qiegħed jitkellem mal-bqija tal-pajjiż jaqleb id-diska ta' taħt fuq, u jgħid li ma jridx ħaddiema barranin.

Tajjeb nispjega x'inhuma l-motivazzjonijiet ewlenin li mbottawna 'l quddiem biex inressqu l-qafas ta' dawn ir-regolamenti. L-ewwel nett, hawn qed nitkellmu fuq bnedmin. Meta qed nitkellmu fuq ħaddiema barranin, irrispettivament minn liema pajjiż ġejjin, inkluż pajjiżi terzi li huma dawk il-pajjiżi lil hinn mill-Unjoni Ewropea, qed nitkellmu dwar persuni umani. Għalhekk irid ikollok liġijiet b'saħħithom li ma jippermettux li jkun hemm sfruttament tal-bniedem, li jkun hemm min jikkapitalizza minn persuni vulnerabbli u li ma jkunx hemm min jagħmel purament il-qligħ tiegħu minn fuq il-ikkapitalizzar tas-sitwazzjoni vulnerabbli ta' dawn il-ħaddiema. L-Onor. Ivan Castillo għadu kif semma kif nistgħu ngħidu li aħna Gvern Soċjalista. Iva, aħna Gvern Soċjalista, fost oħrajn, għaliex naħsbu u nipproteġu l-iżgħar fost is-soċjetà tagħna.

Però ma tistax titkellem li tħaddan prinċipji Soċjalisti u li tipproteġi l-iżgħar fost is-soċjetà tagħna meta l-iżgħar fost is-soċjetà tkejjilhom bil-kulur tal-ġilda, bir-razza tagħhom u bin-nazzjonalità ta' liema pajjiż ġejjin minnu. (Onor. Membri: Hear, hear) Għidli jien bħala mexxej ta' partit, li kburin li aħna Soċjalisti, kif qatt nista' nirrikonċilja l-prinċipji tiegħi ma' li jkollna Baġit li ħadem kemm felaħ u introduċa miżuri biex jipproteġi liż-żgħir u lill-batut, però meta mbagħad jiġi biex jindirizza s-sitwazzjoni ta' ħaddiema li ġejjin minn pajjiżi barranin, nagħlqu għajnejna u nħalluhom jiġu kkalpestati. Le, aħna dik id-distinzjoni ma nagħmluhiex. (Onor. Membri: Hear, hear)

It-tieni, jien u n-naħa ta' din il-Kamra m'aħna se naqgħu qatt fin-nassa tal-populiżmu sfrenat. Dak li smajt mill-Kap tal-Oppożizzjoni llum huwa l-mera tal-agħar tal-populiżmu. Din in-naħa ma naqgħux fin-nassa tal-populiżmu sfrenat, għaliex m'aħniex politiċi f'paniku. Dan żgur ma nistgħux ngħiduh għall-Kap tal-Oppożizzjoni li qiegħed jaqa' għall-populiżmu, għax mhux qiegħed

hemmhekk biex joffri viżjoni alternattiva għat-tmexxija ta' dan il-pajjiż, imma jiddispjaċini ngħid li għandu viżjoni tat-taqbida interna li għandu fil-partit tiegħu stess biex jipprova jippreżerva s-siġġu tiegħu.

Din hija taqbida kontinwa għas-sopravvivenza tiegħu li qed twasslu biex imur għal dawn it-tattiċi msieken ta' populiżmu estrem. Però dawn huma tattiċi li jigdmuk għaliex l-interess nazzjonali u t-tmexxija tajba ma tista' qatt takkwistahom bil-populiżmu. X'rajna wara l-jum tat-30 ta' Ottubru, 2023 li fih tħabbar il-Baġit? Rajna l-Kap tal-Oppożizzjoni li nħakem minn paniku u ferneżija u nxteħet f'dagħdigħa sfrenata ta' argumenti illoġiċi li kawża tagħhom id-Deputati tiegħu stess spiċċaw jitfixklu f'saqajhom stess.

Kellna lill-Onor. Ivan Castillo, li qed jitbissem, li qalilna li jrid iġib il-popolazzjoni tal-pajjiż lura għal dik li kienet fl-2013, jiġifieri 110,000 inqas milli hija llum. Sieħbu l-Onor. Ivan Bartolo qalilna li jrid iżid il-popolazzjoni tal-pajjiż b'60,000 persuna oħra minn dik li hija llum. (Onor. Membri: Hear, hear) Imbagħad kellna l-Onor. Rebekah Borg li qaltilna li skont hi d-daqs preċiż tal-popolazzjoni huwa dak li huwa llum. Populiżmu tiela', populiżmu nieżel, popolazzjoni tielgħa, popolazzjoni nieżla! Bħal dejjem, però, hemm konsistenza waħda.

Din hija fil-konfużjoni konsistenti u totali! Bħalma huwa l-kaos li joħolqu fihom infushom. Però dan il-kaos illum il-ġurnata drajnieh u huwa sintomatiku mal-Oppożizzjoni. Dan għaliex meta inti tħalli t-twemmin u l-prinċipji tiegħek minflok jiggwidawk, jiġu mmexxija minn dak li jkun għaddej fuq il-midja soċjali, dak hu li jiġrilek. Tispiċċa inkonsistenti miegħek innifsek, konfuż u mitluf. Dan huwa dak li proprju qegħdin naraw jiġri lill-Oppożizzjoni bħalissa.

Però, agħar minn hekk, għax il-konfużjoni drajnieha u ilna narawha numru ta' snin, meta mill-konfużjoni mbagħad tinżel għall-populiżmu perikoluż, hemmhekk tkun qed taqbeż ċerti linji li fil-fehma tiegħi huma perikolużi ħafna, anke meta qed nitkellmu f'dibattitu nazzjonali. Litteralment ftit inqas minn siegħa ilu smajna diskors tal-Kap tal-Oppożizzjoni li tista' tgħid li l-pern u l-bażi tiegħu kienet li joħloq din il-qasma bejn il-Maltin u l-barranin. Qasma totali min-nofs! Il-ħin kollu jirrepeti l-istess argument dwar popolazzjoni, popolazzjoni żejda u joħloq din id-diviżjoni. Imbagħad, fl-istess diskors - nixtieq li wieħed jerġa' jisma' dan id-diskors - fejn ipprova joħloq din il-qasma, qal ukoll li jkun żball li nagħmlu din id-distinzjoni għaliex xi ħadd huwa barrani.

Però fl-istess waqt li l-Kap tal-Oppożizzjoni qed jgħid li jkun żball li nagħmlu dawn id-distinzjonijiet fuq in-nazzjonalità, għax xi ħadd barrani jew xi ħadd mhuwiex, nistieden lil kulħadd iħares lejn il-gazzetta tal-Partit Nazzjonalista li issa waslet biex titkellem fuq popolazzjoni indiġena. Għiduli intom x'diskors hu dan li titkellem fuq popolazzjoni indiġena! (Onor. Membri: Hear, hear) Min hu indiġenu u min mhuwiex? Dan it-tip ta' diskors huwa tal-mistħija! (Onor. Membri: Hear, hear) Dan huwa diskors tal-lemin estrem li qegħdin jipprovaw ideffsu fil-moħħ tal-poplu Malti. Verament diskors li jbaxxihom u huwa tal-mistħija.

Sur President, dan huwa diskors razzjali perikoluż ħafna. (Onor. Membri:Hear, hear) Kemm hija ħaġa kerha li għal darb'oħra qegħdin naraw li fil-Partit Nazzjonalista qed terġa' terfa' rasha 'l fuq din id-distinzjoni li qed jipprovaw jittimbraw in-nies skont il-kulur. Rajna dan jiġri fil-passat u qed jerġgħu jipprovaw jagħmlu dan illum ukoll. Lill-Membri tal-Oppożiozzjoni nistaqihom: Kif qed tqisuhom lin-nies? Skont ir-razza, skont il-kulur jew skont in-nazzjonalità? Għadkom lanqas tafu kemm sejrin żball. Ara taħsbu li l-poplu xi mkien qiegħed japprezza dan id-diskors perikoluż li qed tagħmlu. X'irid il-poplu, ħbieb tiegħi? Irid mexxejja li joffrulu viżjoni u direzzjoni strateġika li ma jkunux iddettati mill-populiżmu. F'dan il-qasam il-poplu tagħna ma jridx żgur sitwazzjoni ta' free for all, liberalità jew libertà assoluta, imma jrid assigurazzjoni waħda; dik li l-awtoritajiet Maltin ikollhom il-ħin kollu l-kontroll sħiħ tas-sitwazzjoni.

Meta nitkellmu dwar l-immigrazzjoni, kif l-istess jingħad għal kull settur ieħor li jeħtieġ regolamentazzjoni tal-awtoritajiet tagħna, il-poplu jrid li l-awtoritajiet tagħna jkollhom il-kontroll tas-sitwazzjoni. Però nistqarr li meta qed nitħaddtu fuq il-kwestjoni tal-immigrazzjoni, nitkellem bl-akbar kumdità għaliex l-aktar parti tal-immigrazzjoni diffiċli biex xi ħadd qatt jimmaniġġjaha, jiġifieri dik tal-immigrazzjoni irregolari, li ħafna jifhmuha bħala l-immigrazzjoni ta' dawk id-dgħajjes li jiġu lejn pajjiżna, hemmhekk, minkejja l-isfidi massivi,

bl-awtoritajiet tagħna rnexxielna jkollna l-kontroll tas-sitwazzjoni.

Jekk immur lura għall-2020, meta kellna sfida bħal qatt qabel ta' immigrazzjoni irregolari f'dan il-pajjiż waqt pandemija, b'dgħajjes ġejjin minn kullimkien min-naħa tal-Afrika ta' Fuq b'mijiet ta' persuni fuqhom, kulħadd infettat bil-COVID-19, dakinhar kellna l-Kap tal-Oppożizzjoni tal-lum, li nzerta li kien f'taqbida biex isir Kap tal-Partit mal-Kap tal-Oppożizzjoni preċedenti, u kien qalilna: Malta mhijiex full up! Mela llum fejn tidħol l-immigrazzjoni regolari qed jgħidilna li Malta full up - naturalment skont l-udjenza li jkollu quddiemu - u dakinhar meta konna qed nitkellmu fuq l-immigrazzjoni irregolari ta' min jidħol f'pajjiżna irregolarment kien qalilna li Malta mhijiex full up! Dan biex tifhem il-pożizzjonijiet inkonsistenti li jieħu l-Partit Nazzjonalista fuq dan is-suġġett.

Però tajjeb nispjega dak li għamilna fl-immigrazzjoni irregolari. Minkejja l-isfidi li kultant ma jkollokx kontroll fuqhom, jew ikollok kontroll diffiċli immens għax tkun qiegħed titkellem dwar umani li ssibhom f'nofs ta' baħar u tinqabad bejn l-għażla jekk hux se ssalvahom mill-mewt jew hux se ddaħħalhom fil-pajjiż u żżid il-pressjoni immigratorja fuq il-pajjiż, aħna rnexxielna nagħmlu t-tnejn. Irnexxielna nikkontrollaw is-sitwazzjoni kif ukoll insalvaw il-ħajjiet. Dan minkejja li fil-proċess ħafna minn tal-faċċata u l-alleati tagħhom ipprovaw jixħtuna l-ħabs talli għamilna xogħolna. (Onor. Membri: Hear, hear) Però fir-realtajiet li jiżviluppaw matul iż-żmien, kemm jekk inkunu qed nitkellmu fuq l-immigrazzjoni irregolari kif ukoll jekk inkunu qed nitkellmu fuq l-immigrazzjoni regolari, xogħolna bħala Gvern jibqa' li nindirizzaw dawn ir-realtajiet b'mod sensibbli. Nagħmlu hekk għaliex għandna dak il-konfort li qed naħdmu fuq dak li l-poplu fdana biex nagħmlu.

Nista' nsemmi diversi eżempji konkreti. Kif semmejt aktar qabel, qed nagħmlu riforma fejn jidħol it-twaqqif tar-regolamentazzjoni tat-temping agencies. Riforma riċenti oħra hija dik li għamilna fis-settur ta' min juża l-vetturi bil-Y plates. Hemm ir-riforma għal dawk li jsuqu vetturi li jittrasportaw il-passiġġiera f'pajjiżna li jrid ikollhom liċenzja tas-sewqan jew Maltija jew li tkun maħruġa mill-Unjoni Ewropea u minn ebda pajjiż ieħor. Hemm ir-riforma li għamilna fis-settur tat-turiżmu bl-introduzzjoni tal-iskills card. U bħalissa qegħdin fil-proċess li niffinalizzaw riforma oħra fejn se nkunu qegħdin insaħħu l-kontrolli ta' kontra min jabbuża mill-kirjiet, jiġifieri ta' dawk is-sidien ta' proprjetajiet li f'appartament jagħżlu li jdaħħlu numru ta' residenti lil hinn minn dak li huwa permissibbli.

Regolamenti hemm diġà, però b'dak li qegħdin nagħmlu bħalissa se nkomplu nsaħħu kemm dawk ir-regolamenti kif ukoll is-sanzjonijiet għal min jiksirhom. Dawn il-miżuri li għadni kif semmejt - magħhom hemm diversi oħrajn - kollha magħdudin flimkien, huma maħsubin biex dejjem inżidu s-saħħa u l-kontroll ta' jdejn l-awtoritajiet Maltin. B'hekk, f'kull settur li qegħdin nitkellmu dwaru, jekk hux l-immigrazzjoni, il-kirjiet, il-qasam tax-xogħol, hu x'inhu s-suġġett, il-kontroll dejjem ikun f'idejn l-awtoritajiet tagħna. Però biex ikollok dan il-kontroll f'idejn l-awtoritajiet żgur li m'hemmx għalfejn tinżel fid-dibattitu baxx li qiegħda tipprova tinżel fih l-Oppożizzjoni.

X'inhuma l-prinċipji meta qed nitkellmu fuq is-suq tax-xogħol, partikolarment meta qed nitkellmu fuq il-ħaddiema barranin li ġejjin 'il barra mill-Unjoni Ewropea? L-ewwel nett, jiġi f'Malta biss min għandu bżonn il-pajjiż, min għandu bżonn is-settur tax-xogħol u min għandha bżonn l-ekonomija ta' pajjiżna. Għal min qed jaqla' l-flus b'mod abbużiv minn fuq dahar il-ħaddiema barranin, temping agents, kumpaniji jew individwi li raw opportunità li jaqilgħu lira ta' malajr billi jġibu ħaddiema fil-pajjiż li mhux neċessarjament ikollhom xogħol reali lest għalihom, qed nibagħtilhom messaġġ ċar: Dak iż-żmien spiċċa! (Onor. Membri: Hear, hear) Ikkonformaw ruħkom mar-regolamenti inkella l-infurzar se jinżel b'saħħa fuqkom. Mhuwiex aċċettabbli għalija li jkun hemm min jipprova jikkapitalizza mill-vulnerabbiltà tan-nies biex jaqla' lira ta' malajr u jżid il-pressjoni fuq l-infrastruttura tal-pajjiż meta l-ħteġijiet tal-pajjiż ma jkunux qegħdin hemmhekk. Il-messaġġ ċar huwa: Biddlu l-mod kif taħdmu, inkella l-alternattiva se tkun li ssibu l-bieb magħluq. U ebda ammont ta' pressjoni li se ssir mhu se sservi biex b'xi mod nillaxkaw dawn ir-regolamenti.

Però, fl-istess waqt imbagħad, huwa ħażin ħafna li nipprovaw nagħmlu l-iżball li qed tagħmel in-naħa l-oħra li qisu kull min iġib il-ħaddiema barranin f'dan il-pajjiż qiegħed jopera b'xi mod irregolari, jew illegali, jew qed iġib ħaddiema li l-pajjiż m'għandux bżonnhom. Hawn qed nindirizza lil dawk li għandhom bżonnijiet

ġenwini ta' ħaddiema barranin fil-qasam li joperaw fih, bħal fil-qasam tas-saħħa, fil-qasam tal-ospitalità, fil-qasam tal-manifattura u f'diversi setturi oħrajn li huma ġenwini. Jien m'iniex se ngħid jew nibgħat messaġġ żbaljat kif għamel l-Onor. Ivan Castillo, li jrid iniżżel il-popolazzjoni għal kif kienet qabel l-2013.

Dik faċli tagħmilha. Rajnieha tiġri waqt il-COVID-19 u l-konsegwenzi kollha nafu x'ikunu. Iħobbu jsemmu ħafna l-2013, sfortunatament, b'nostalġija. Il-poplu jiftakar sew kemm dak iż-żmien ġab staġnar ekonomiku. (Onor. Membri: Hear, hear) Però l-kriterji huma ċari. Fejn hemm bżonn ġenwin ta' ħaddiema u fejn hemm ir-rieda li l-imprendituri, jiġifieri min iħaddem, hija li jtejjeb il-ħiliet u l-kondizzjonijiet tax-xogħol, hemmhekk se jsibu lil dan il-Gvern magħhom kif dejjem kien biex nibqgħu nkabbru l-ekonomija tagħna b'mod sostenibbli.

Għaliex tikber l-ekonomija, Sur President? L-ewwel nett huwa kruċjali li nibqgħu nkabbru l-ekonomija jekk irridu nibqgħu ntejbu l-kwalità tal-ħajja tan-nies, il-kondizzjonijiet tax-xogħol tan-nies u b'mod ġenerali l-mod kif jgħixu n-nies. Mela ara ma nitilqux minn xi punt ta' tluq ta' xi ħadd li jipprova jbellagħha li t-tkabbir ekonomiku mhuwiex il-bażi ta' kollox. Dak jibqa' l-kmandament li minnu rridu nitilqu. Però l-ekonomija tikber għaliex l-ekonomija tagħna hija diversifikata u għax għandna Gvern li kostantement jieħu d-deċiżjonijiet li jimbottaw 'il quddiem it-tkabbir ekonomiku. Hawn mhux qed nitkellmu fuq tkabbir ekonomiku akkost ta' kollox. Anzi, qed nitkellmu fuq tkabbir ekonomiku li huwa wieħed sostenibbli u li jinfirex tista' tgħid f'żewġ binarji: wieħed li jabbraċċja t-transizzjoni diġitali u l-ieħor li jabbraċċja t-transizzjoni ambjentali.

X'sitwazzjoni kellna minn dakinhar li ħabbarna l-Baġit? Rajna l-Kap tal-Oppożizzjoni u l-Oppożizzjoni kollha kemm hi jagħmlu sforz kbir biex il-Baġit ma jsemmuhx, anzi qalulna li riedu jnessuh saħansitra qabel ma ġie mħabbar. Fejn semmewh għaliex ma kellhomx għażla oħra, qabdu argumenti li kienu illoġiċi, li ma jagħmlu ebda sens u li ġabuhom għal darba oħra f'konfużjoni fihom infushom.

Nibda billi nitkellem fuq l-argument li bdieh il-Kap tal-Oppożizzjoni fir-replika għall-Baġit, meta tkellem fuq il-kwestjoni tad-dejn nazzjonali. Kampanja sħiħa, tista' tgħid jirrepeti, jirrepeti u jirrepeti fuq id-dejn tal-pajjiż. Fil-kontroreplika tiegħi diġà kelli l-opportunità li nindirizza dan is-suġġett, fejn dakinhar għedtlu kemm kien żbaljat f'dak li beda jgħid. Illum m'hemmx biss dak li għedt jien, imma hemm ukoll il-konfort tal-esperti f'dan is-settur. Proprju l-Kummissjoni Ewropea qalet li r-rata ta' dejn ta' dan il-pajjiż hija inqas minn dik tal-Unjoni Ewropea nnifisha. (Onor. Membri: Hear, hear) Għall-kuntrarju ta' dak li qal il-Kap tal-Oppożizzjoni fejn tidħol il-kwestjoni tad-dejn, ikkummentat ukoll l-aġenzija ta' kreditu internazzjonali Moody's.

Kontra dak li sostna l-Kap tal-Oppożizzjoni, l-esperti ma esprimew ebda tħassib fuq id-dejn nazzjonali ta' Malta. Il-konklużjoni ta' Moody's fuq dan is-suġġett kienet l-istess bħal dak li għedt jien f'din il-Kamra fil-kontroreplika. Huma qalu li minkejja l-għajnuna massiva kollha li tajna kemm waqt il-pandemija kif ukoll meta bdiet il-gwerra fl-2022 sal-lum il-ġurnata, ir-rata ta' dejn għadha ferm inqas minn dak li jitolbu r-regoli Ewropej u ferm inqas minn dak li kienet fi żmien il-Partit Nazzjonalista fil-gvern. Hawn se nikkwota ħalli ħadd ma jgħid li b'xi mod qiegħed niċċita ħażin dak li ngħad fir-rapport:

> "Despite the severity of the pandemic shock, followed by the current energy crisis, Malta's debt to GDP ratio remains lower than its 2011 peak."

Moody's tiċċita li dakinhar ir-rata ta' dejn kienet 70%. Jiġifieri r-rata ta' dejn illum hija ferm inqas minn żmien GonziPN li n-naħa l-oħra tant jidolizzaw. (Onor. Membri: Hear, hear) Infakkar li dan ġara f'kontest ta' kriżi ekonomika li kienet ferm iċken minn dik li hemm bħalissa internazzjonalment u fejn ma kienu għenu lil ħadd, ħlief lil xi tnejn tal-qalba. Ara x'distinzjoni! L-esperti qed jgħidulna li l-peak tat-tkabbir ekonomiku tiġri taħt Gvern Laburista u taħt Gvern Nazzjonalista d-dejn nazzjonali kien tela' għal 70%.

It-tieni argument daqstant ieħor illoġiku li ħareġ bih il-Kap tal-Oppożizzjoni, wara l-argument fuq id-dejn nazzjonali li, kif għadni kif spjegajt, m'għandu ebda bażi, kien fuq il-kwestjoni tan-nefqa, fejn qalilna li qed nonfqu żżejjed. X'qaltilna l-Kummissjoni Ewropea dwar din il-kwestjoni tan-nefqa? Hawn se nikkwota testwalment mill-konklużjoni tar-reazzjoni li

għadha kif ħarġet ilbieraħ stess il-Kummissjoni Ewropea:

> "The growth of net nationally financed primary expenditure is projected to respect the recommended maximum growth rate."

Dan ifisser li r-rata li biha se nonfqu hija skont dak irrakkomandat mill-Kummissjoni Ewropea.

X'qalilna wkoll il-Kap tal-Oppożizzjoni? Qalilna li qed innaqqsu - ma nafx minn fejn ivvintaha din - mill-ispiża kapitali. X'qalet il-Kummissjoni f'dan ir-rigward? Nikkwota:

> "Malta is expected to preserve nationally financed public investment."

Dan ifisser li l-investiment iffinanzjat minn fondi nazzjonali mhux se jonqos. Fil-fatt, l-estimi juru li se jiżdied. (Onor. Membri: Hear, hear)

Imbagħad smajna l-famuża diska tal-mudell ekonomiku ġdid li qabdet l-Oppożizzjoni. L-istess, kampanja sħiħa jgħidulna li l-ekonomija tagħna ma tistax tibqa' sejra hekk. Hawn nerġa' ndur għal dak li qalet il-Kummissjoni Ewropea, fejn mhux biss qaltilna li nistgħu nibqgħu sejrin hekk, imma qaltilna wkoll li l-ekonomija tagħna hija l-aktar waħda li qiegħda tikber fost l-istati membri kollha tal-Unjoni Ewropea. (Onor. Membri: Hear, hear)

Imbagħad il-Kap tal-Oppożizzjoni dar fuq is-suġġett l-ieħor li tant iħobb jitkellem dwaru; dak taċ-cheap labour. Replika sħiħa għaddej jitkellem fuq iċ-cheap labour. Xi jgħidu l-esperti ta' Moody's dwar dan? Jgħidu li pajjiżna huwa:

> "An economy that is dynamic, wealthy and diversified."

Fl-istess ħin għandek pajjiżi oħrajn li wkoll ġew ivvettjati mill-istess aġenzija, bħal Franza, l-Istati Uniti u r-Repubblika Ċeka, li kollha ngħataw prospett negattiv. Lill-ekonomiji ġganti ħdejn tagħna jagħtuhom ratings 'l isfel u jikkonsidrawhom bħala negattivi u l-kumment konklużiv dwar l-ekonomija tagħna huwa wieħed ta' stabbilità. F'kontest fejn għandek sitwazzjoni internazzjonali li hija diffiċli u mwiegħra, il-credit ratings u t-tbassir tat-tkabbir ekonomiku ta' pajjiżi oħra qed jitniżżel 'l isfel u tagħna jtellgħuh 'il fuq. Dak huwa l-kobor tal-ekonomija ta' dan il-pajjiż.

Sur President, ir-rapport kollu tal-Kummissjoni Ewropea qrajtu dettaljatament u jkolli nistqarr, għaliex inkella ma nkunx leali lejn is-sewwa, li hemm punt fejn il-Kap tal-Oppożizzjoni u l-Kummissjoni Ewropea jaqblu preċiżament flimkien. It-tnejn li huma jridu li l-Gvern Malti jnaqqas kemm jista' jkun malajr is-sussidju li qegħdin nagħtu fuq l-enerġija. Hemmhekk il-Kummissjoni u l-Kap tal-Oppożizzjoni jaqblu. L-argument li ġġib il-Kummissjoni huwa li dan huwa investiment sostanzjali. Dan huwa minnu, tant li għas-sena d-dieħla għandna allokati fuq l-enerġija €350 miljun ta' għajnuna lill-poplu u lin-negozji tagħna, jiġifieri €1 miljun kuljum. Jgħidulna li forsi din l-għajnuna nistgħu nużawha mod ieħor. Però għalina din il-kwestjoni tas-sostenn fuq il-prezz tal-enerġija hija kwestjoni ta' prinċipju. Din hija l-pern tad-diskussjoni fuq l-ekonomija ta' dan il-pajjiż. Żgur li mhijiex xi deċiżjoni biex nintgħoġbu man-nies jew man-negozji tagħna. Għalina din hija deċiżjoni strateġika li tifforma l-pern tal-istrateġija ekonomika tagħna.

Hawn nixtieq immur lura, forsi se nagħmel l-istess żball li jħobbu jagħmlu huma. Imma tajjeb li nfakkar is-sena 2013 li hija l-famuża sena li tant isemmu b'nostalġija, meta dan il-moviment beda jmexxi lil dan il-pajjiż. Dakinhar kien hemm esperti li kienu qalulna li m'hemmx għalfejn immissu l-kontijiet tal-enerġija għax il-kontijiet jerfgħuhom in-negozji u n-nies. Kienu qalulna wkoll li l-ekonomija, skont huma u skont dawn l-esperti, xorta tista' timxi 'l quddiem. Qalulna li dik tkun deċiżjoni kawta. Ikolli ngħid kemm għamilna sew dakinhar li dawn il-pariri warrabniehom fil-ġenb. Kieku żammejna l-politika li tixħet il-piżijiet fuq spallet in-negozji u l-poplu u minflok ma adottajniex, kif għamilna, il-politika tal-inċentiv, kieku pajjiżna kien jibqa' kif kien taħt GonziPN, pajjiż ekonomikament staġnat u li ma jista' jimxi 'l quddiem qatt. (Onor. Membri: Hear, hear)

Mur għidli kieku din il-politika ekonomika ta' inċentiv lin-nies, primarjament fil-qasam tal-enerġija, kellek twarrabha issa. Mur għidli kieku ħallejna f'idejn dak li qal il-Kap tal-Oppożizzjoni ftit tax-xhur ilu u li rrepetieh konsistentement - almenu hemm kien konsistenti - li l-prezz tas-suq internazzjonali, skont hu, jiddetta l-prezz lokali. Mur ġib taddotta dik il-politika f'kontest ta' sentejn u nofs pandemija u f'kontest fejn il-prezzijiet tal-enerġija internazzjonalment splodew fi Frar 2022 minħabba l-konsegwenzi

tal-gwerra bejn l-Ukrajna u r-Russja, u fl-isfond ta' bħalissa fejn għandek dawn il-prezzijiet li qed jitilgħu 'l fuq minħabba tensjonijiet internazzjonali ġeopolitiċi. Mur ara kieku kellna naddottaw dik il-politika li ma ngħinux lin-nies u nixħtu l-piż fuqhom u fuq in-negozji.

Sur President, qed naraw x'qed jiġri f'dawk il-ħafna pajjiżi, tista' tgħid il-pajjiżi kollha għajr tagħna, li qed jagħżlu li ma jaddottawx il-politika ekonomika ta' sostenn sħiħ fil-prezzijiet tal-enerġija. Rajna tkabbir ekonomiku li għeb. Litteralment għandek pajjiżi li jew qed jitkellmu fuq riċessjoni jew li t-tkabbir ekonomiku tagħhom huwa żero. Dan qed narawh madwar il-bqija tal-Ewropa u lil hinn mill-Ewropa wkoll. Huwa evidenti li dan huwa konsegwenza diretta ta' nuqqas ta' addottar ta' sussidji fuq il-prezzijiet tal-enerġija. Lanqas temmen meta qed naraw pajjiżi b'ekonomija ħafna akbar minn tagħna fejn il-faqar qed jerġa' jerfa' rasu. Għandek inċertezza u nuqqas ta' investiment f'tant pajjiżi viċin tagħna u mhux wisq 'il bogħod minna.

Dawk huma r-realtajiet ta' pajjiżi, li għal xi raġuni jew oħra ma jistgħux jgħinu bis-saħħa fil-qasam tal-enerġija, li qed ikollhom iħabbtu wiċċhom ma' dawn il-konsegwenzi. F'pajjiżna din mhijiex it-triq li se nagħżlu. Din hija t-triq li ħaddieħor qed jipprova jdaħħalna fiha. Però t-triq li nwaqqfu l-għajnuniet tal-enerġija lin-nies u lin-negozji mhijiex it-triq li aħna se naddottaw. (Onor. Membri: Hear, hear) Se nibqgħu naddottaw politika progressiva f'dan ir-rigward u se nibqgħu ninċentivaw lin-nies għax aħna nemmnu fil-familji, nemmnu fin-negozji u nemmnu li rridu nibqgħu nagħtuhom l-inċentiv biex huma jkunu jistgħu jimirħu u joħolqu prosperità ġdida.

Aktar kmieni llum il-Kap tal-Oppożizzjoni ċċita ma nafx kemm-il survey - lanqas stajt ngħoddhom tant kemm semma - u qal li l-ħajja tan-nies skont dawn is-surveys mhijiex tavvanza 'l quddiem. Issa ħalliha li interpreta b'mod ħażin kompletament lil dawn is-surveys. Però survey wieħed naqas li jsemmi; dak li juri li huwa konsistentement sejjer ħażin. Ara dak is-survey ma semmieh qatt! (Onor. Membri: Hear, hear)

Sur President, li nista' nassigura lin-nies huwa li ħabbarna Baġit b'saħħtu, però mhux se nieqfu hawnhekk. Se nieħdu inizjattivi, inkluż dawk li jridu jarawna niffaċilitaw is-servizz li nagħtu bħala Gvern, li bih, fost oħrajn, innaqqsu l-burokrazija żejda. Semmejna fil-Baġit kif se noħolqu dan ir-repożitorju komuni u ċentrali tad-data li se jkun qiegħed jiffaċilita l-proċess ta' identifikazzjoni tal-applikanti meta dawn jiġu biex jagħmlu negozju f'pajjiżna. Anke fis-Servizz Pubbliku għandna proġetti li huma ambizzjużi ħafna. Però qabel nidħol biex nitkellem dwar dawn il-proġetti, nixtieq niċċara punt li għamlu n-naħa l-oħra, konvenjentement jew għax mhux informati jew inkella riedu jagħtu informazzjoni ħażina.

Kemm l-Onor. Ivan Castillo kif ukoll l-Onor. Darren Carabott, li qegħdin hawnhekk u nsellmilhom, qalulna li l-ħaddiema tas-Servizz Pubbliku ma tajniehomx il-COLA bħal ħaddieħor. Ngħidilhom li mhumiex informati tajjeb. Żbaljati kompletament! (Onor. Membri: Hear, hear) Nappellalhom biex jiċċekkjaw il-fatti sew, anke billi jitkellmu u jikkonfermaw mal-unions li kelli l-privileġġ li niltaqa' magħhom il-ġimgħa li għaddiet. Għal darb'oħra qed jaqgħu fl-istess żball li qed jagħmel il-Kap tagħhom li ma jkunx informat fuq il-fatti. Irrid niċċara u ngħidha għal darb'oħra f'din il-Kamra li l-ħaddiema tas-Servizz Pubbliku se jkunu qed jirċievu ż-żieda fil-COLA bħal ħaddieħor. (Onor. Membri: Hear, hear) (Interruzzjonijiet) M'intomx informati!

Sur President, issa niġi għal xi rridu naraw li jsir fuq livell ta' proġett fis-Servizz Pubbliku. Fiż-żgur irridu servizzi li jkunu aktar effiċjenti b'konformità mal-istrateġija li għandna tad-diġitalizzazzjoni. Nista' nħabbar ukoll li ġie ppubblikat tender, li issa qed jiġi evalwat, li se jkun qed jaqleb is-sistemi tal-Gvern fejn jidħol il-filing manwali għal wieħed li huwa paperless, permezz ta' corporate electronic document management system. Il-mira se tkun li dejjem nirfinaw il-proċessi interni b'konsiderazzjonijiet anke ta' protezzjoni ta' data u regolamentazzjoni. Imbagħad wara li tiġi evalwata u aġġudikata din it-tender, is-sena d-dieħla tkun stallata s-sistema ċentrali tal-MITA li l-ewwel se tkun qed tibda mill-uffiċċju tiegħi u l-entitajiet kollha li jaqgħu taħtu. Minn hemm imbagħad, fuq medda ta' snin, nibdew nifirxu ftit ftit fuq is-sistema ċentralizzata. Jekk nitkellmu dwar il-MITA biss, hemm investiment ta' €20 miljun. Eventwalment dan l-investiment se jibqa' jiżdied u jilħaq sa €40 miljun.

Anke hemmhekk, nitkellmu dwar dawn l-investimenti għaliex għandna l-kredibilità. Saħansitra Malta żammet l-ewwel post fl-Ewropa

fejn jidħol e-government, skont benchmark maħruġ mill-Kummissjoni Ewropea. (Onor. Membri:Hear, hear) L-isfida hija li mhux biss iġġib l-ewwel post, imma mbagħad kemm tkun konsistenti li żżomm l-ewwel post. Hekk irnexxielna nagħmlu minn sena għall-oħra. Bl-investimenti kontinwi li se nibqgħu nagħmlu, anke bis-saħħa tas-servizz.gov, qed nimmiraw li nibqgħu fuq quddiem nett fuq livell ta' pajjiżi Ewropej fejn jidħol dan is-servizz. Meta qed nitkellmu fuq il-qasam tad-diġitalizzazzjoni, dan huwa wkoll mod kif tkompli ssaħħaħ u timmodernizza l-infrastruttura tal-pajjiż. Ċertament nemmnu li l-infrastruttura diġitali tibqa' fuq quddiem nett tal-prijoritajiet.

Daqstant ieħor hija importanti l-ħidma fil-qasam ambjentali. Dawn iż-żewġ setturi tant huma importanti u nemmen li hemm rabta intima bejniethom, jiġifieri bejn l-ambjent u d-diġitalizzazzjoni. Nifhmu li l-ambjent għal ħafna jfisser aktar spazji ħodor u miftuħa. Għalhekk irridu definittivament inkomplu nsaħħu l-investiment tagħna kemm b'dak li ħabbarna diġà u anke b'dak li rridu nibqgħu naħdmu konsistentement fuqu. Insemmi inizjattivi ġodda, fosthom proċess ġdid li bdejnieh ftit ilu u li għaddej bejn il-Ministeru tal-Ambjent u l-Ministeru responsabbli mill-Awtorità tal-Artijiet. Hawn qegħdin jiġu identifikati numru ta' artijiet pubbliċi, jiġifieri artijiet li qegħdin fuq il-kotba tal-Gvern, mela huma proprjetà tal-Istat, biex inkunu nistgħu nużawhom għal spazji miftuħa, bħal proġetti ħodor fl-urban.

Sur President, issa, nixtieq nippreċiża li hawn qed nitkellmu fuq artijiet li huma fl-iskema. Xi jfisser dan? Bil-pjan lokali kif inhu, jekk hux dak li għamlet in-naħa l-oħra fl-2006 jew qabel, dawn huma artijiet pubbliċi li jista' jsir żvilupp fuqhom skont il-pjan lokali. Mela dawn huma artijiet li jistgħu jinbnew u li magħhom għandek marbut valur kbir ta' għexieren ta' miljuni ta' ewro jew saħansitra iżjed. Il-ħsieb huwa li kmieni s-sena d-dieħla niffinalizzaw l-ewwel parti ta' dan il-proġett, jiġifieri l-identifikazzjoni ta' dawn l-artijiet, li mbagħad jiżdiedu mal-proġetti li diġà qegħdin naħdmu fuqhom. Dan ma jfissirx li kull art tal-Gvern li hawn madwar il-pajjiż u li hija fl-iskema se tkun qed tingħata għal dan it-tip ta' proġetti ambjentali.

Se nindividwalizzaw numru ta' artijiet proprjetà tal-Gvern u minflok ma l-Gvern jiżviluppahom fi proprjetajiet, jew joħroġhom b'tender għall-privat kif ilu jsir għal għexieren ta' snin, se naqbdu eluf ta' metri kwadri ta' dan it-tip ta' artijiet u nużawhom għal spazji ħodor. L-eventwali ħsieb mhuwiex biss li mmorru għall-artijiet li jiswew għexieren ta' miljuni, imma li nkomplu nżidu artijiet li għandhom tista' tgħid miljuni ta' ewro ta' valur fis-suq u, kif qed ngħid, minflok nibnuhom se nkunu qegħdin nagħmlu proġetti ħodor u ambjentali fuqhom li jkunu jistgħu jiġu ppreżervati għall-poplu tagħna. (Onor. Membri: Hear, hear) Dan sabiex il-familji fi tmiem il-ġimgħa, wara ġimgħa xogħol, ikunu jistgħu jmorru mal-ħbieb u mal-familja tagħhom jikkreaw ruħhom f'dawn l-ispazji ħodor.

Il-pjan tagħna għal qalba ambjentali jinkludi l-ħolqien ta' aktar spazji ħodor u miftuħa fejn m'hemmx illum jew ir-riġenerazzjoni ta' spazji ħodor li hemm illum imma li huma mitluqin u fi stat dilapidat. Però dan mhuwiex kollox. Tista' tgħid li waħda mill-ewwel miżuri b'saħħithom li ħadna meta l-poplu fdana biex nieħdu t-tmexxija ta' dan il-pajjiż f'idejna lura fl-2013 kienet il-bidu ta' proċess li rana nagħmlu qalbiet kbar fil-qasam tal-enerġija minn dak li ħallielna ħaddieħor, il-heavy fuel oil, għall-qalba għall-gass naturali. (Onor. Membri: Hear, hear) Konsegwenza ta' din il-qalba kellna t-traħħis tal-prezzijiet u, fuq kollox, enerġija aktar nadifa. Hekk se nkunu qegħdin inkomplu nagħmlu. Issa ejja nifhmu ħaġa; ma jistax ikollok suċċess ekonomiku u suċċess soċjali jekk ma nippreżervawx l-għajnuna li qed nagħtu fuq il-prezz tal-enerġija.

Għalija dik tibqa' deċiżjoni fundamentali u katalista tas-suċċess ekonomiku li kellu l-pajjiż f'dawn l-aħħar snin. Kienet deċiżjoni katalista għas-suċċess soċjali u katalista għal dawk il-ħafna miżuri soċjali li għamilna f'dan il-Baġit. Fuq kollox, rajna li nżommu l-prezzijiet tal-enerġija konsistentement baxxi u stabbli meta sibna ma' wiċċna l-agħar sfida fl-2020 tal-pandemija u t-tieni l-agħar sfida li kienet tiġbor fiha dak li ħolqot il-pandemija u l-kriżi tal-prezzijiet internazzjonali fl-2022. Però l-mistoqsija loġika, u nifhimha, hija: Kif jista' jkun li żżommu l-prezz stabbli meta l-prezz internazzjonali huwa daqstant sparat 'il fuq konsistentement, issa ilu hekk għal numru twil ta' xhur, u m'aħniex qed naraw xi previżjonijiet li dik is-sitwazzjoni tista' tinbidel wisq? Il-punt ta' tluq huwa li nerġa' nagħti dik il-garanzija ta' stabbilità fil-prezzijiet tal-enerġija. (Onor. Membri: Hear, hear)

Lil min jistaqsini dwar kif nistgħu nsostnu dik id-deċiżjoni għall-futur, inwieġbu li r-risposta hija l-investiment. X'inhu dan l-investiment li għandna ppjanat li nagħmlu fuq diversi fronti? Għandek il-proġett multimultinarju tal-waste-to-energy li jiġbor ġo fih żewġ strateġiji. Insemmi l-immaniġġjar tal-iskart, fejn dak li tradizzjonalment konna nqisuh bħala skart u li llum jinxteħet fil-miżbliet tagħna se jibda jservi bħala sors ta' enerġija. It-tieni proġett huwa dak tal-interconnector li jrid ikun implimentat sas-sena 2026. Imbagħad għandek ukoll il-proġetti rivoluzzjonarji li se jesploraw potenzjal ta' dan il-pajjiż li qatt ma ġie esplojtat qabel. Hawn qed nirreferi għall-proġetti tal-floating wind and solar energy, partikolarment fejn jidħol il-qasam tal-ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli mir-riħ, b'imtieħen li jiġu mpoġġija 'l barra mill-ibħra territorjali tagħna fl-Exclusive Economic Zone (EEZ). X'ifissru dawn il-proġetti?

Forsi wieħed jgħidli li dawn huma proġetti sbieħ, imma mbagħad kif se jgħinu biex inżommu l-prezzijiet tal-enerġija stabbli? Mod kif iżżomm il-prezzijiet tal-enerġija stabbli huwa billi tibqa' tagħti s-sussidji kif qegħdin nagħmlu llum. Però għal min jistaqsina kif nistgħu nibqgħu nagħtu dan il-volum ta' mijiet ta' miljuni f'sussidji għal dejjem, għandek strateġija medium u long-term li biha tbaxxi l-prezz li bih dan il-pajjiż jixtri l-enerġija u b'hekk iżżomm il-prezzijiet tal-enerġija stabbli għall-konsumaturi tagħna, kemm il-popolazzjoni privata kif ukoll in-negozji. Biex iżżomm dik l-istabilità fil-prezzijiet trid tara wkoll li l-cost ta' kull kilowatt li nikkonsmaw jiġi irħas għall-pajjiż u dak it-traħħis ikun jista' jiġi mgħoddi lill-konsumatur biex nibqgħu nżommu l-prezzijiet tal-enerġija baxxi. (Onor. Membri:Hear, hear)

Dawn il-proġetti kollha magħdudin flimkien, kemm jekk qed nitkellmu fuq l-interconnector, fuq il-proġett tal-waste-to-energy, kif ukoll fuq enerġija rinnovabbli fl-EEZ u f'areas oħrajn, eventwalment se jikkontribwixxu biex innaqqsu l-carbon footprint ta' dan il-pajjiż, jiġifieri l-emissjonijiet. Hemmhekk għandek benefiċċju ambjentali kif ukoll benefiċċju fiskali u ekonomiku. Dan kollu juri kemm verament għandna Gvern li huwa ffokat fuq kif se jibqa' jgħin lill-familji u lin-negozji Maltin b'mod sostenibbli. Nafu fejn jeħtieġ li ninvestu u nemmen li dan is-sostenn se jibqa' jrendi biex pajjiżna dejjem jibqa' miexi 'l quddiem. Jekk ma ngħinux, ma ninċentivawx, ma nagħtux il-motivazzjoni u ma nwiżnux fit-twettiq tal-aspirazzjonijiet lill-familji u lin-negozji tagħna biex jibqgħu mexjin 'il quddiem, għidli kif nistgħu nitkellmu fuq Malta ġusta.

Sur President, Malta ġusta tfisser li nwieżnu lill-familji tagħna fil-bżonnijiet tagħhom biex dejjem ngħinuhom jibqgħu mexjin 'il quddiem. (Onor. Membri: Hear, hear) Ma jistax ikollna Malta ġusta jekk ma nħallux lin-negozji jaħdmu u ninċentivawhom biex jibqgħu mexjin 'il quddiem. Ma jistax ikollna Malta ġusta jekk nerġgħu mmorru lura għat-triq tal-awsterità li tant temmen fiha n-naħa l-oħra. (Onor. Membri: Hear, hear) It-triq tagħna hi li kif għamilna f'dan il-Baġit, nagħtu l-akbar żieda li qatt tajna fil-pensonijiet u fiċ-chidlren's allowance. (Onor. Membri: Hear, hear)

Rajna ħolqien ta' allowance ġdida għal dawk l-istudenti li jibqgħu jistudjaw fuq livell postsekondarju. Tajna benefiċċji ġodda li ma kenux jeżistu qabel. Komplejna ninvestu fl-Għawdxin u l-Maltin u komplejna nimmodernizzaw lil dan il-pajjiż. Dan il-Baġit huwa t-tieni minn ħamsa fil-pjan tagħna li bih nibqgħu nsaħħu lil dan il-pajjiż. (Onor. Membri: Hear, hear) Fuq kollox, dan huwa Baġit li permezz tiegħu komplejna noħolqu Malta ġusta. (Onor. Membri:Hear, hear)

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? Is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul.

**ONOR. ANDY ELLUL:** Sur President, x'differenza fil-lingwaġġ li jintuża mill-kelliema tal-Oppożizzjoni u mill-kelliema tal-Gvern! (Onor. Membri: Hear, hear) Fuq naħa smajna l-Kap tal-Oppożizzjoni jitkellem fuq il-ħaddiema barranin, qisu qed jitkellem fuqhom bħala oġġetti. Qalilna li dawn qed jiġu importati, qed joħolqu problema ta' sigurtà u li ma jafux jitkellmu bil-Malti. Min-naħa l-oħra mbagħad tisma' lill-Prim Ministru jitkellem fuq ir-regoli li daħħalna llum.

Minn hawnhekk nirringrazzjah tal-fiduċja li wera fija biex immexxi 'l quddiem din il-leġiżlazzjoni. Permezz ta' konferenza stampa ħabbarna d-drittijiet li se nagħtu lil dawn il-ħaddiema barranin, kif se ntejbulhom il-kondizzjonijiet u l-pagi, kif se nattiraw ħaddiema barranin ta' kwalità f'pajjiżna, u kif se jaħdem dan il-qafas regolatorju robust, fost dettalji oħra. L-Onor. Ivan Castillo qalli li mort għamilt konferenza stampa

biex ngħid xi ħaġa. Nistiednu jiftaħ il-Gazzetta tal-Gvern u jara ż-żewġ liġijiet li se nippubblikaw.

L-Onor. Castillo jaħseb li nqumu filgħodu u niddeċiedu li nirregolaw it-temping agencies. L-ewwel nett, din kienet wegħda fil-manifest elettorali li wettaqna. L-Onor. Castillo tajjeb jara x'għedna fil-konferenza stampa ta' qabel. Fil-fatt ilna sena għaddejjin b'diskussjonijiet mal-imsieħba soċjali li, għal darba, darbtejn tlabna u lqajna l-proposti tagħhom. Fl-uffiċċju tiegħi lqajt ir-rappreżentanti ta' min iħaddem kif ukoll tal-ħaddiema flimkien ma' operaturi fis-settur. Għalhekk illum ħabbarna dan il-qafas regolatorju b'saħħtu sabiex l-awtorità jkollha aktar viżibilità dwar dak li qed isir f'pajjiżna.

Jiddispjaċini nisma' lill-Kap tal-Oppożizzjoni jgħid li moħħna biex inġibu aktar nies. Jidher li ma segwiex x'ħabbarna llum. Nispera biss li din ir-retorika ma toħloqx firda inutli bejn il-Maltin u l-barranin. Se nislet xi ftit punti li qalu l-Membri tal-Oppożizzjoni u nikkummenta fuqhom u mbagħad inkompli bid-diskors tiegħi, ħalli forsi l-Onor. Castillo jifhem aħjar xi jsir fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg.

Issemmiet il-greylist b'tant pompożità mill-Kap tal-Oppożizzjoni, u ngħid x'differenza! Kemm jilgħab għall-partiġjaniżmu u jinsa dejjem l-interess nazzjonali, meta l-istorja tatu opportunità jqum għall-okkażjoni, jirrispetta l-kariga kostituzzjonali li jġorr u jipprova għal darba juri li jista' jkun Gvern alternattiv. Però, kif qed ngħid, dejjem jilgħab għall-partiġjaniżmu. Hekk għamel fil-pandemija, hekk għamel fil-proċess tal-Financial Action Task Force (FATF), hekk għamel waqt il-gwerra tal-Ukrajna u hekk għamel meta pajjiżna kien qed jiffaċċja sfidi tal-immigrazzjoni irregolari.

Dawn huma ftit eżempji fejn l-Oppożizzjoni ma ġibditx il-ħabel ta' Malta, imma minflok attakkat biss lill-Gvern. Rajnieh anke din il-ġimgħa jitkellem fuq il-Fit for 55, Direttiva Ewropea, fejn f'daqqa waħda jitkellem favur l-ambjent u darba oħra jikkritika din id-Direttiva meta sħabu fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea tgħidx kemm ftaħru li hija 'a key legislation'. Però l-Kap tal-Oppożizzjoni jrid jiddeċiedi jekk hux 'l hawn jew 'l hemm, jekk hux favur l-ambjent jew kontra l-ambjent!

Il-Kap tal-Oppożizzjoni jgħidilna li qisna qed nagħmlu xi kruċjata kontra n-negozjanti Maltin u l-importaturi, però mbagħad fl-istess ħin ma jgħidx jekk hux qiegħed fuq in-naħa tal-familji u jekk hux se jagħti support lill-Gvern biex nipprovaw intaffu l-piżijiet minħabba dawk li qed jagħmlu qligħ esaġerat. Fejn jaqbillu jgħid li huwa favur l-istituzzjonijiet u fejn jaqbillu jgħid kontra. Illum smajnieh ifaħħar ir-ruling tal-Ispeaker, meta kien hu li fl-ewwel seduta parlamentari mar jiġri jivvota kontrih. Ma tantx se nsemmi ħafna fuq il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi (PAC), imma tellajna l-ewwel xhud u tathom rashom. Jien ngħidilhom biex jistennew ftit għaliex il-kbir għadu ġej!

Sur President, l-Onor. Castillo semma t-Tribunal Industrijali. Jien ngħidlu li aħjar idur dawra ma' sħabu u forsi jissuġġerilhom li juru rispett lil min jippresiedi t-Tribunal Industrijali, għaliex kienu huma li fetħulhom kawża personali, imma dawn sabu lill-Gvern jappoġġjahom. Semma wkoll id-Direttiva tal-work-life balance, fejn minkejja li ddiskutejnieha f'din il-Kamra u spjegajtlu kif m'għandux raġun, qal li morna mal-minimu possibbli. Dan mhu veru xejn għaliex din kienet miftuħa għall-koppji tal-istess sess, għal min jaddotta u għall-foster parents. Daħħalna wkoll il-carers' leave.

L-Onor. Castillo, li tant jifhem fis-settur tad-drittijiet tal-ħaddiema, semma wkoll il-Wage Regulation Orders (WRO) u qal li diversi Ministri bdew dan l-eżerċizzju. Jien ħabbart li se ndaħħal liġi li tirregola d-digital platform work, u daħħaltha. Fil-fatt konna wieħed mit-tliet Stati Membri tal-Unjoni Ewropea li għamilna dan, tant li issa qed jiġu għandna u jieħdu parir mingħandna. Wegħedna wkoll li se nirregolaw it-temping agancies u hekk ħabbarna llum. Però jidher li l-Onor. Castillo mhu qed jifhem xejn dwar dan is-suġġett, għaliex qed iħallat it-temping agencies mal-outsourcing agencies u mar-recruitment agencies. Se nkun qed nispjegalu x'inhuma għaliex ilu għaddej b'din it-taħwida.

L-Onor. Castillo spjega wkoll ... (Interruzzjonijiet) Ħallini nitkellem! Jien ma interrompejt lil ħadd. Jien, għal dnubieti, qgħadt nisma' lill-Onor. Castillo, lill-Kap tal-Oppożizzjoni u lill-Onor. Darren Carabott. L-Onor. Castillo qal li konna sfurzati ngħollu l-paga minima minħabba d-Direttiva. L-ewwel nett kien

hemm ftehim storiku li jmur lura għas-sena 2017 li l-imsieħba soċjali kollha, inkluż l-Eks Kap tal-Oppożizzjoni Simon Busuttil, iffirmaw. Dan il-ftehim kien jobbliga lill-Gvern li sal-aħħar ta' din is-sena, aħna għamilnieha qabel f'Ottubru, kellu jżid il-paga minima. Dakinhar qbilna mal-imsieħba soċjali, minkejja li l-Kap tal-Oppożizzjoni l-ewwel qal li din se jġorrha min iħaddem u mbagħad fl-istess ħin beda jgħid li għandha tkun aktar. Il-Kap tal-Oppożizzjoni jrid jiddeċiedi, f'kull qasam, biex naraw fejn qiegħda l-fibra politika tiegħu.

Lill-Onor. Castillo ngħidlu li għall-kuntrarju ta' dak li ġara fl-2017, fejn kien ġie l-Kap tal-Oppożizzjoni ta' dak iż-żmien Simon Busuttil jiffirma, din id-darba kellna lil kulħadd magħqud flimkien, bi qbil mal-imsieħba soċjali kollha, inkluż min iħaddem, u l-Kap tal-Oppożizzjoni Bernard Grech ma tfaċċax. (Interruzzjonijiet) Mhux u ejja! Ma tfaċċax! Il-verità hi li jien ċempiltlu darba, darbtejn, ċempilli lura u bgħattlu stedina jien personali bil-miktub permezz ta' email. Dik hi l-verità! Mhux veru li bgħattlu sigħat qabel. Mhu veru xejn! Jekk il-Kap tal-Oppożizzjoni qed jigdbilhom, dik problema tagħhom.

L-Onor. Castillo semma wkoll l-investiment fil-ħaddiema tad-DIER. Jien nitolbu jibqa' hawnhekk għad-diskors tiegħi fejn se nkun qed nispjega x'jagħmlu l-ħaddiema tad-DIER, li minn hawnhekk nirringrazzjahom għax-xogħol kbir li jagħmlu, speċjalment matul dawn l-aħħar ġimagħtejn li qattajna flimkien biex ikkonkludejna din il-liġi li għada se tiġi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern. Din il-liġi se tkun qed tirregola l-aġenziji tax-xogħol, li jinkludu tlieta differenti, li se nkun qed nispjegahom għall-benefiċċju tal-Onor. Castillo. Nista' nkompli nirribatti dak li qalu l-kelliema tal-Oppożizzjoni, speċjalment dak li qal il-Kap tal-Oppożizzjoni u nistaqsih: Taħseb li pajjiżna qiegħed f'xi xifer ta' falliment?

Jien nistiednu, kif qal tajjeb il-Prim Ministru, sabiex jara biss ir-Rapport ta' Moody's li jgħid kompletament l-oppost ta' dak li qed jgħid il-Kap tal-Oppożizzjoni. Dan ir-rapport jitkellem fuq l-akbar tkabbir ekonomiku fiż-Żona Ewro, l-inqas rata ta' qgħad, kif ukoll kif l-ekonomija ta' Malta splodiet. Ta' min isemmi li din id-darba dan il-Baġit kellu l-akbar nefqa fis-soċjal, fis-saħħa, fil-ġustizzja u anke fid-dekasteru tiegħi.

Il-Baġit li ħabbar il-Gvern huwa msejjes fuq l-aspirazzjonijiet tal-familji Maltin u Għawdxin. Dan huwa Baġit li b'wiċċi minn quddiem u b'fiduċja ngħid li se jkompli jsaħħaħ id-drittijiet tal-ħaddiema u jżid l-għajnuna għal min għadu jibda fin-negozju u saħansitra għal dawk li jridu jkomplu jimirħu fin-negozju tagħhom. Ma naħsibx li għandi għalfejn nirrepeti kemm gawdew minn dan il-Baġit studenti, anzjani, pensjonanti, first-time buyers u l-firxa kollha tas-soċjetà Maltija. Meta wieħed iħares lejn il-miżuri ma tridx tkun xi espert biex tiddetermina li dan il-Baġit ġie mfassal permezz ta' djalogu man-nies u għan-nies.

Nistgħu nixhdu li d-djalogu soċjali u d-drittijiet tal-ħaddiema huma l-qofol tal-ħidma ta' dan il-Gvern. Dak hu li nkunu qegħdin nagħmlu meta mmorru nżuru n-negozji u l-familji. Bħala Gvern nisimgħu u niġbru l-proposti mingħand l-imsieħba soċjali, u se nkun qed nispjega x'għamilna differenti din id-darba fil-Malta Council for Economic and Social Development (MCESD), biex imbagħad inkunu nistgħu nfasslu l-politika tagħna għan-nies.

Irrid insemmi drittijiet oħrajn tal-ħaddiema li fl-aħħar snin assigurajna li jiddaħħlu, fosthom il-ġranet tal-leave għall-festi li jaqgħu fi tmiem il-ġimgħa, xi ħaġa li kienet ittieħdet minn gvernijiet preċedenti u li aħna rajna li nerġgħu nintroduċu. Kellna djalogu soċjali b'saħħtu bejn il-Gvern, min iħaddem u r-rappreżentanti tal-ħaddiema, liema djalogu fl-agħar żmenijiet globali żamm lil dan il-pajjiż miexi 'l quddiem. Id f'id flimkien mal-imsieħba soċjali rajna li meta pajjiżi oħrajn kienu għarkopptejhom, aħna komplejna naqdfu. Meta l-Kap tal-Oppożizzjoni joqgħod jikkwota l-imsieħba soċjali, jien ngħidlu li għandu jdur fuq l-imsieħba soċjali u jistaqsihom dwar x'fisser is-sapport ta' dan il-Gvern fi żmien il-pandemija, x'qed ifisser is-sapport ta' dan il-Gvern ta' €1 miljun kuljum biex huma jibqgħu jirċievu kontijiet tad-dawl u l-ilma bi prezz baxx u x'qed ifisser is-sapport tal-Gvern biex huma jibqgħu jinvestu fin-negozji tagħhom u jimxu 'l quddiem.

Dan hu dak li nitlob lill-Kap tal-Oppożizzjoni jistaqsihom lill-imsieħba soċjali, għaliex meta jiġu quddiemna, dawn ilkoll jirringrazzjawna u jgħidulna li bis-saħħa tas-sussidju li qed jagħti l-Gvern jistgħu jibqgħu għaddejjin. X'differenza mis-sena 2008! X'differenza meta kellna n-nies jiġru wara x-xogħol u n-negozjanti jagħlqu x-

shutters tagħhom! Kemm konna nitkellmu fuq sensji! Forsi tajjeb li nfakkarhom ftit. Illum għandna sitwazzjoni bil-kontra. Illum għandna x-xogħol jiġri wara n-nies!

Illum għandna l-imsieħba soċjali jiġu għandna u jgħidulna biex ngħinuhom għaliex għandhom bżonn il-ħaddiema. Iva, għandna ħafna negozji li qed ikollhom jirrikorru għall-ħaddiema barranin biex jimlew il-postijiet tax-xogħol. Din is-sitwazzjoni ovvjament ġabet sfidi ġodda fejn jidħlu d-drittijiet tal-ħaddiema. Rajna sfruttament tal-ħaddiema u aġenziji li ħafna drabi jkunu huma stess li jġibu dawn il-ħaddiema u mbagħad ma tantx ikunu qed jittrattawhom tajjeb. Irrid ngħid, kif diġà għedt fil-konferenza stampa tal-lum, li meta ltqajt mal-operaturi kont sorpriż kemm hawn kumpaniji serji u li jispeċjalizzaw f'dan is-settur.

Bħalma l-ekonomija aċċellerat fuq diversi fronti, kibret anke f'dan is-settur u kien għalhekk, li kif spjega tajjeb il-Prim Ministru, qed nieħdu ċerti deċiżjonijiet. Irrid nagħmel parentesi dwar it-temping agencies. Hemm tlieta differenti u aħna rregolajniehom kollha u kklassifikajniehom bħala aġenziji tax-xogħol. Għandek ir-recruitment agencies li jagħmlu l-interviews, jagħmlu l-matching, jagħżlu l-ħaddiema u jgħadduhom għand il-kumpanija li titlobhom is-servizz sabiex dak il-ħaddiem jiġi fuq il-payroll ta' dik il-kumpanija li tkun talbet għalih. Dak huwa xenarju wieħed ta' reklutaġġ.

Hemm imbagħad it-temping agencies li meta jgħaddu s-servizz ta' ħaddiem lil kumpanija oħra, is-superviżjoni diretta u kontroll ikunu qed jiġu eżerċitati għand dik il-kumpanija li tħaddem lil dak il-ħaddiem, jiġifieri l-user undertaking. Din hija xi ħaġa li dejjem jirreferi għaliha l-Onor. Castillo. Illum nifhem għalfejn ġejt mistoqsi ċerti mistoqsijiet minn ġurnalista partikolari li għoġobha tagħmel xogħolha, tiġi għall-konferenza stampa, u tistaqsi għalfejn l-equal pay for work of equal value ma ġiex infurzat. Min-naħa tiegħi spjegajt li dan il-prinċipju japplika fis-Settur Pubbliku u bħala Gvern naqqaxnieh fil-manifest elettorali li bih ingħatajna l-fiduċja u allura n-nies żgur se jserrħu rashom li dan se nwettquh.

Kif tiġi varata din il-liġi li, kif għedt, għada se tkun ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern, se nkomplu bid-diskussjonijiet quddiem l-Employment Relations Board għaliex meta tbiddel il-Liġi Industrijali trid tmur tiddiskuti quddiem dan il-Bord. Dan ma tqumx filgħodu u tgħid li se tbiddel liġi. Qed nagħmlu dan ukoll fil-Wage Regulation Orders, fejn fil-bidu ta' din is-sena ħtarna kumitat ta' esperti u ltqajna darba, darbtejn, tlieta mal-Employment Relations Board f'dan ir-rigward. Nista' nassigura li bħalma daħħalt fis-seħħ id-Digital Platform Work Regulations u l-Employment Agencies Regulations, dawn se nkun qed inwettaqhom ukoll.

L-aġenziji l-oħra, li l-Onor. Castillo naħseb tfixkilhom ftit, huma l-outsourcing agencies, fejn inti tibgħat il-ħaddiema għand user undertaking, jiġifieri għand kumpanija, però mbagħad ikun l-aġent stess li jeżerċita superviżjoni fuq il-ħaddiema. Dik hija outsourcing agency. X'għamilna bħala Gvern? Aħna ridna li kulħadd jinqabad f'din il-liċenzja biex ma jkollniex min jipprova jaħrab minn din il-leġiżlazzjoni billi juża xi definizzjoni partikolari. Għalhekk għedna li dawn it-tliet forom ta' aġenziji kollha se jiġu klassifikati bħala aġenziji tax-xogħol; kemm ir-recruitment agencies, kemm it-temping agencies kif ukoll l-outsourcing agencies.

Minn hawnhekk nixtieq nirringrazzja lid-DIER li kompla jaħdem qatigħ fuq kwestjonijiet tad-drittijiet tal-ħaddiema. Nirringrazzja wkoll lill-MCESD u l-istaff tal-istess Kunsill, li matul l-aħħar sena komplew jaraw li d-djalogu soċjali f'dan il-pajjiż ikompli jkun wieħed b'saħħtu. Dan ma sarx f'sitwazzjoni globali feliċi, kif diġà spjegajt. Kif jista' jixhed kulħadd, l-inflazzjoni dinjija kompliet togħla u ridna naraw anke permezz tal-MCESD kif l-aħjar ngħinu lin-negozji tagħna, filwaqt li l-ħaddiema jkomplu jgħixu ħajja diċenti.

Ngħaddi issa għad-DIER, Sur President. Funzjoni ewlenija ta' dan id-Dipartiment hija l-ħarsien tal-kondizzjonijiet tax-xogħol. Id-Dipartiment għandu s-sezzjoni tal-Customer Care li tilqa' każijiet mill-pubbliku, anke b'mod anonimu, li jaslu permezz ta' emails, telefonati, kif ukoll b'mod personali, dawk li jissejħu walk-ins. F'din is-sezzjoni jiġu ttrattati numru konsiderevoli ta' mistoqsijiet b'rabta mal-kondizzjonijiet tax-xogħol li jaslu kemm mill-ħaddiema kif ukoll minn min iħaddem. Bejn Jannar u Settembru ta' din is-sena, din is-sezzjoni wieġbet total ta' kważi 21,000 telefonata fuq iż-żewġ linji tal-freephone, fejn waħda hija

ddedikata għall-ħaddiema u oħra ddedikata għal min iħaddem.

Dawn kienu jikkonsistu f'16,200 telefonata fuq in-numru li huwa ddedikat għall-ħaddiema u 4,700 telefonata fuq in-numru li huwa ddedikat għal min iħaddem. Barra minn hekk, din is-sena l-uffiċjali fis-sezzjoni tal-customer support wieġbu total ta' kważi 9,600 email li jikkonċernaw mistoqsijiet fejn il-klijenti jew il-pubbliku inġenerali jitolbu xi tip ta' informazzjoni dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol. Bejn Jannar u Settembru ta' din is-sena kien hemm aktar minn 2,000 persuna li fiżikament żaru d-Dipartiment biex jitolbu informazzjoni.

Taqsima importanti tad-Dipartiment li twettaq l-infurzar tal-liġi hija l-ispettorat. Wieħed mir-rwoli prinċipali tal-ispettorat huwa li jissorvelja u jiżgura li d-drittijiet kollha stabbiliti fil-liġi jiġu osservati kemm minn min iħaddem kif ukoll mill-ħaddiema. Fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar ta' din is-sena u Settembru, id-Dipartiment investiga total ta' 933 każ li 86 minnhom kienu għadhom fl-impjieg, 590 minnhom kienu temmew l-impjieg u investigazzjonijiet ġeneriċi kienu jammontaw għal kważi 260. Id-Dipartiment huwa wkoll involut fil-proġett ta' spezzjonijiet ta' negozji li qed jiġi kordinat mill-Inspections Coordination Office, liema proġett jinvolvi xogħol minn awtoritajiet ta' spettorati oħrajn ukoll, fejn jiġu investigati operaturi tan-negozju f'setturi differenti tax-xogħol.

Id-Dipartiment janalizza l-kondizzjonijiet tax-xogħol, fosthom kuntratti, payslips, ħlas ta' overtime, bonuses, sick leave u vacation leave, fost oħrajn. Fejn jinstabu irregolaritajiet bħal, pereżempju, fejn il-prinċipal ma jkunx qed iħallas il-pagi dovuti skont il-liġi jew ma jimxix mal-proviżjonijiet tal-Wage Regulation Orders, id-Dipartiment jiggwida lill-operatur tan-negozju biex ikun konformi mal-liġi. F'każ li wieħed jippersisti fl-irregolarità, id-Dipartiment ma jkollux triq oħra ħlief li jipproċedi bil-Qorti.

F'Mejju ta' din is-sena ġiet introdotta sistema hekk imsejħa 'Track my Case' li permezz tagħha wieħed li jkun fetaħ każ mad-Dipartiment ikun jista' jara l-progress tal-każ tiegħu online mill-kumdità ta' daru minflok iżur id-Dipartiment fiżikament. Id-Dipartiment jipproċessa wkoll notifiki ta' impjegati li jiġu stazzjonati Malta. Fl-aħħar tas-sena l-oħra konna ħabbarna sistema għal dawk li jissejħu 'posting of workers' u bejn Jannar u Settembru ta' din is-sena kien hemm 301 notifika li ġew rikonoxxuti.

Sar ukoll eżerċizzju ta' pegging. Funzjoni oħra importanti tad-Dipartiment hi dik li tesegwixxi dak li jissejjaħ 'pegging' li jikkonsisti f'analiżi li d-Dipartiment jagħmel biex jiġi żgurat li l-impjegati tal-aġenziji tax-xogħol li qed jagħtu servizz mas-Settur Pubbliku u dawk impjegati direttament mas-Settur Pubbliku jkollhom l-istess paga bażika daqs ħaddiema tas-Servizz Pubbliku li jkunu qed jagħmlu l-istess xogħol. Sa Settembru ta' din is-sena saru 40 eżerċizzju tali u dan wara rikjesti mis-Settur Pubbliku u dak Ċivili.

L-Onor. Castillo qalilna li għandna nsaħħu d-DIER u ovvjament jien ma nistax ma naqbilx miegħu dwar dan. Però rrid ngħid li matul din is-sena d-Dipartiment kompla jsaħħaħ l-istaff tiegħu fi sforz biex ikun jista' jkompli jaqdi l-funzjoni tiegħu b'aktar effiċjenza u b'mod aktar effettiv. Fil-fatt minn Jannar sa Settembru ngħaqdu mad-Dipartiment żewġ skrivani, tliet Assistant Managers, sitt Managers Compliance Officers I u Assistent Direttur. Din is-sena d-Dipartiment laqa' wkoll erba' studenti li qed isegwu korsijiet ta' studji fil-qasam tal-edukazzjoni terzjarja taħt l-Iskema tal-Institute for the Public Services (IPS).

Illum fil-konferenza stampa ħabbart ukoll li se nkunu qed inżidu n-nies fid-DIER biex jilqgħu għal din il-liġi ġdida li se tkun qed tidħol fis-seħħ fl-1 ta' April li ġej, imma li l-applikazzjonijiet tagħha se jibdew jintlaqgħu mid-DIER fl-1 ta' Jannar ta' din is-sena. Kien hemm ħafna taħriġ lill-istaff li attendew diversi korsijiet. Id-Dipartiment kien involut ukoll f'dik li tissejjaħ proċess ta' verifika meta jintalab jagħmel għotja ta' rikonoxximent ta' trade union, li tiġi l-unika trade union li tkun tista' tinnegozja f'post tax-xogħol. Bejn Jannar u Settembru ta' din is-sena d-Dipartiment għamel 16-il eżerċizzju ta' verifika fi sħubija f'union. Saru wkoll diversi laqgħat ta' konċiljazzjoni u soluzzjonijiet għal tilwim industrijali. Tajjeb ngħid li kien hemm 21 laqgħa ta' konċiljazzjoni, li fi 17 minnhom id-Dipartiment irnexxielu jilħaq ftehim.

Pjattaforma oħra ta' djalogu soċjali f'pajjiżna hija l-Bord għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjiegi. Mill-bidu ta' din is-sena s'issa saru tmien laqgħat li fihom ġew diskussi bosta materji

relatati mal-impjiegi u r-relazzjonijiet industrijali u ġew ippubblikati emendi fil-liġi, anke wara konsultazzjoni ma' dan il-Bord. Fost oħrajn, dan il-Bord iddiskuta l-leave urġenti tal-familja, it-temping agencies li ħabbarna llum, il-ħlas ta' paga f'kont bankarju għal kull ħaddiem, emendi fir-regolamenti ta' ħaddiema stazzjonati f'Malta, kif ukoll id-Direttiva tal-UE dwar Paga Minima Adegwata. L-Onor. Castillo ħaseb li din id-Direttiva smajna biha għaliex qalilna biha hu!

Kellna wkoll rinnovar ta' aktar minn €700,000 f'binja storika li kienet tintuża mid-DIER u li issa ġiet mgħammra bl-aqwa teknoloġija fejn mhux biss il-ħaddiema jistgħu jaħdmu b'mod diċenti, imma wkoll fejn min jirrikorri għal xi tip ta' servizz se jsib uffiċini tal-ogħla livell li joffru kunfidenzjalità kif ukoll aċċess għall-persuni b'diżabilità, skont il-kriterji stabbiliti mill-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD). Din hija binja state of the art.

Din is-sena ppubblikajna abbozzi ta' kuntratti li ssibhom online li jirrigwardaw diversi setturi. Dawn jistgħu jirrikorru għalihom ħaddiema u anke min iħaddem, u fihom issib dettalji bażiċi ta' drittijiet li wieħed għandu jkollu skont il-liġi. Ovvjament, dan sar biex niffaċilitaw l-abbozzi tal-kuntratti kemm għal min iħaddem kif ukoll għall-ħaddiema. Tkompla l-iżvilupp fis-sistema ewlenija tad-Dipartiment, dik li għandha x'taqsam mat-teknoloġija, imsejħa DIERS, biex tibqa' titjieb is-sistema u anke issa sabiex nilqgħu għal din il-liġi tat-temping agencies. Sar ukoll studju dwar in-negozjar kollettiv f'pajjiżna. Għal darba'oħra, l-Onor. Castillo ħaseb li sirna nafu b'dan il-proċess ta' negozjar kollettiv li jrid jidħol fis-seħħ bis-saħħa tiegħu!

Kellna wkoll kampanja ta' informazzjoni mid-DIER li pparteċipa f'diversi laqgħat, fosthom fl-MCAST u f'seminars organizzati min-National Commission for the Promotion of Equality (NCPE), mill-JA Malta Foundation, kif ukoll minn JobsPlus. Id-Dipartiment ħa sehem ukoll fil-Public Service Expo li nżammet matul il-ġimgħa ddedikata għas-Servizz Pubbliku. Hawnhekk irrid infaħħar ix-xogħol ta' min jaħdem fis-Servizz Pubbliku kif ukoll nirringrazzja lis-Segretarju Permanenti Ewlieni għax-xogħol li qed jagħmel biex ikollna Servizz Pubbliku tal-aqwa kwalità f'pajjiżna.

Il-Prim Ministru semma wkoll kif, f'dak li għandu x'jaqsam ma' teknoloġija, bħala pajjiż qegħdin minn ta' quddiem nett. Uffiċjali tad-DIER ipparteċipaw f'laqgħat ta' gruppi ta' esperti fuq it-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar il-Paga Minima Adegwata. Ingħataw ukoll rikonoxximent ta' good practice mill-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, għall-website li konna nidejna dwar il-ħaddiema stazzjonati f'pajjiżna u għall-ispezzjonijiet komprensivi li jsiru fis-settur tat-trasport.

Sur President, ma nistax ma nsemmix il-konferenza li saret bejn il-5 u 16 ta' Ġunju, fejn id-Dipartiment mexxa delegazzjoni fis-sezzjoni tal-konferenza tal-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol (ILO) f'Ġinevra fl-Iżvizzera. Jien kelli l-opportunità li nattendi u nipparteċipa f'din il-konferenza li hija tant importanti għad-dinja tax-xogħol. Id-delegazzjoni Maltija pparteċipat f'żewġ kumitati importanti ħafna: wieħed dwar il-protezzjoni tal-kondizzjonijiet tax-xogħol u ieħor dwar l-apprendistat ta' kwalità f'pajjiżna. Id-Dipartiment jirrappreżenta lil Malta wkoll fuq l-aġenzija Eurofound.

Nixtieq insemmi wkoll it-Tribunal Industrijali li qed jagħmel xogħol importanti ħafna. Bħala Gvern se nibqgħu nsaħħu u anke nirriformaw jekk hemm bżonn l-istruttura tat-Tribunal Industrijali. Jien diġà kelli l-opportunità li niltaqa' maċ-chairpersons kollha tat-Tribunal Industrijali, fejn tkellimt magħhom biex nifhem ir-realtajiet u x'hemm bżonn isir biex intejbu dan it-Tribunal tant importanti, li l-Onor. Castillo ħaseb li sirt naf bih ilbieraħ!

Bħala pjanijiet għas-sena 2024 tkellimna mal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi u se nkunu qed indaħħlu regolamenti biex kull ħaddiem jirċievi s-salarju tiegħu b'kont bankarju, speċjalment għal dawk il-kumpaniji fis-settur privat li għadhom ma jużawx dan il-mod. B'hekk jitnaqqas ir-riskju ta' sfruttament, filwaqt li nżidu l-kontabilità u t-trasparenza ta' min iħaddem. Fost affarijiet oħra, hemm il-leave urġenti tal-familja li qed nipproponu li jiġi estiż minn 15-il siegħa għal 32 siegħa. Nerġa' nsemmi l-eżerċizzju tant importanti tal-Wage Regulation Orders, li ma tqumx filgħodu u taqbad u tbiddilhom, kif jaħseb l-Onor. Castillo. Kif għedt diġà, id-diskussjoni mal-imsieħba soċjali fuq dawn il-bidliet li hemm bżonn isiru ilha għaddejja.

Irridu ngħidu li dawn huma liġijiet antiki ħafna li joħolqu diskriminazzjoni u anomaliji. L-Onor. Castillo semma li xi żewġ Ministri qabli bdew il-proċess u ma komplewhx. Però jien ngħidlu li l-proċess lanqas biss kien beda. Min-naħa tagħna bdejnieh u għaddejjin bil-ħidma, mentri f'25 sena ta' Gvern Nazzjonalista dawn il-liġijiet żgur li ma ntmissewx. L-istess ġara fir-rigward tal-pensjonijiet li ma kinux tmissew, anzi ġew iffriżati. L-istess ġara dwar il-paga minima li ma tmissitx, anzi ġiet iffriżata. U l-istess ġara bil-leave tal-ħaddiema li ġie misruq lilhom.

Sur President, niġi issa għall-MCESD. Matul din is-sena, l-MCESD kompla juri d-dedikazzjoni tiegħu għall-inklużività, fejn irrikonoxxa l-importanza kbira li l-partijiet interessati kollha jiġu involuti fi djalogu sinifikanti u li jagħti valur. Hawnhekk nirringrazzja liċ-Chairperson tal-Kumitat, il-Perit David Xuereb u l-istaff tiegħu. Naf kemm jaħdmu biex id-djalogu soċjali f'pajjiżna jkompli jissaħħaħ. Is-suċċess tal-MCESD jinsab fil-kapaċità li jħaddan proposti u rispons mill-imsieħba soċjali, proprju sabiex jintużaw fit-tisħiħ u fil-ħsieb tal-Gvern u tal-pajjiż meta niġu biex infasslu policies u liġijiet. L-MCESD rawwem ambjent ta' kollaborazzjoni li qed tinħass.

Wera wkoll li huwa strumentali fit-tfassil ta' djalogu, filwaqt li qed jiżgura li jkun verament rappreżentattiv tal-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet tas-soċjetà tagħna. Matul l-2023 il-membri tal-Kunsill iltaqgħu f'diversi okkażjonijiet sabiex jindirizzaw firxa wiesgħa ta' kwestjonijiet u temi kurrenti, kemm soċjali kif ukoll ekonomiċi, li jkunu għaddejjin f'pajjiżna. Sa Ottubru li għadda l-Kunsill tlaqqa' 18-il darba. Permezz tal-imsieħba soċjali tiegħu u numru ta' esperti l-Kunsill iddiskuta aktar minn 30 suġġett ta' interess li qed jirriżultaw fil-formulazzjoni ta' punti ta' konverġenza tanġibbli.

Qed jiġu prijoritizzati suġġetti varji, bħal dawk relatati mar-riċerka u l-innovazzjoni, l-intelliġenza artifiċjali, l-iżvilupp sostenibbli, trasport, Għawdex, is-saħħa mentali, il-fondi tal-Unjoni Ewropea għal Malta, ir-riformi inklużi f'dak li qed isir fir-riforma għall-ġustizzja, ir-riforma tas-sistema edukattiva, l-akkwist pubbliku, il-futur tal-ħiliet f'Malta, l-industrija tal-kostruzzjoni, is-sigurtà tal-provvista tal-ikel, il-politika kontra r-razziżmu u l-effetti tad-direttivi tal-Unjoni Ewropea fuq l-industrija marittima, fost oħrajn. L-MCESD se jkompli għaddej bil-laqgħat biex inkunu nistgħu nifhmu aktar x'qed tirrikjedi minna s-soċjetà. Fil-ġranet li ġejjin se nkunu qed niddiskutu t-turiżmu u l-anzjanità attiva.

Kif qed jaħdem l-MCESD? Il-Kunsill jaħdem billi jiġbor punti ta' konverġenza u mbagħad jgħaddihom lill-Gvern biex jiġu konsidrati. Din id-darba, anke għall-fini ta' baġit, imxejna b'mod differenti, fejn l-imsieħba soċjali taw il-proposti tagħhom. Għall-ewwel darba nħatar espert fejn ġabar dawn il-proposti permezz ta' online poll bejn l-imsieħba soċjali stess. Wara dawn ġew kategorizzati, ingħataw prijorità, u l-Gvern kellu aktar viżibilità ta' x'qed jitolbu minnu l-imsieħba soċjali.

Irrid insemmi l-Bord Nazzjonali tal-Produttività, li huwa presedut miċ-Chairperson tal-MCESD u li għandu rwol ċentrali fl-analiżi tal-produttività u l-kompetittività f'pajjiżna. Fil-fatt issir analiżi li tinkludi aspetti taż-Żona Ewro u tal-Unjoni Ewropea, li tindirizza fost oħrajn l-innovazzjoni, il-kapaċità ta' pajjiżna li jattira l-investiment, in-negozju u l-kapital uman. Irrid insemmi l-Low Wage Commission li tant għamlet xogħol tajjeb matul din is-sena u li r-remit tagħha se jibqa' għaddej biex nibqgħu naġġornaw, jekk hemm bżonn, il-paga minima, minkejja li se tibqa' tiġi aġġornata għall-erba' snin li ġejjin.

Hekk kif nirriflettu fuq il-kisbiet u s-suċċessi tas-sena li għaddiet, irridu nħarsu wkoll 'il quddiem lejn il-futur tal-MCESD. L-MCESD huwa impenjat li jevolvi anke fl-isfond tal-bidliet soċjali u ekonomiċi kontinwi f'pajjiżna. Fix-xhur li ġejjin se nkunu qegħdin naraw li l-MCESD ikompli jissaħħaħ. Fil-fatt, din is-sena l-Kunsill ingħata l-akbar għotja ta' fondi biex ikun jista' jitmexxa. Bħala Gvern se nkunu qegħdin insaħħu l-MCESD b'riorganizzazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-operat tiegħu. Kif diġà ħabbart ftit tal-ġranet ilu, se nwaqqfu entità ġdida, li ma smajt lil ħadd min-naħa tal-Oppożizzjoni jitkellem dwarha, li se tkun qed tieħu ħsieb il-konsultazzjoni pubblika li diġà kienet issir b'mod tajjeb.

Fil-fatt hemm dipartiment dedikat għal dan il-għan. Però l-għan huwa li jinġabar kollox taħt entità waħda biex tkun tista' tevalwa dak li qed isir fuq livell tal-Unjoni Ewropea, imbagħad flimkien mal-istakeholders tanalizza r-rispons u tmur għand l-MCESD sabiex l-imsieħba soċjali jkollhom aktar sapport anke f'dik li hi riċerka.

Din l-awtorità se tkun qed taħdem id f'id mal-MCESD.

Sur President, dan il-Baġit huwa verament tan-nies. Però, biex dan kien possibbli ridna naraw li ssir konsultazzjoni. Hawnhekk fejn infaħħar il-ħidma tal-MCESD u tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg. Bħala Gvern ikkonsultajna, xtarrejna l-pariri tal-imsieħba soċjali, imma ma waqafniex hemm, għax rajna li nimplimentaw ukoll. Hekk għamilna fuq il-paga minima. Hekk għamilna fuq il-liġi tal-ħaddiema tal-pjattaforma diġitali. Hekk għamilna llum fuq l-aġenziji tax-xogħol, li jinkludu, fost oħrajn, it-temping agencies. (Onor. Membri: Hear, hear)

Hekk se nagħmlu wkoll fuq il-konċett tal-equal pay for work of equal value. Fil-fatt, hekk kif tidħol fis-seħħ din il-liġi se nkomplu mill-ewwel bid-diskussjonijiet. Naqbel mal-Onor. Castillo li din il-liġi teżisti. Fis-settur pubbliku teżisti żgur. Fejn hemm l-abbuż, dan mhux se jiġi ttollerat. Dan huwa Gvern Soċjalista. Qalbna tinsab maż-żgħir u mal-klassi medja. Però min iħaddem se jkollu wkoll lilna bħala spalla. Għalhekk qegħdin hawnhekk, preċiżament biex noħolqu Malta Ġusta għal kulħadd. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Skada l-ħin fil-Kumitat ta' Provvista. Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru hija konkluża u l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa huma posposti għat-18 ta' Diċembru 2023 skont kif indikat min-naħa tal-Gvern fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

*Il-Kamra rriżumiet u s-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali rrapporta li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru ġiet konkluża, u li l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa ġew posposti għat-18 ta' Diċembru 2023 skont kif indikat min-naħa tal-Gvern fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.*

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Sar il-ħin. Is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul jekk jogħġbu, iressaq l-Aġġornament.

## AĠĠORNAMENT

**ONOR. ANDY ELLUL:** Sur President, nipproponi l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tnejn, 27 ta' Novembru 2023, fid-9.00 a.m. b'din l-aġenda:

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

Estimi Ġenerali 2024 - Kumitat ta' Provvista

**L-Erbatax-il Seduta Stabbilita - Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol**

Vot 35 – Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol
Vot 36 – Politika Ekonomika
Vot 37 – Teżor
Vot 39 – Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta
Vot 40 – Kuntratti
Vot XVII – Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol – Kapital

Jew xi aġenda oħra li tiġi kkomunikata aktar tard.

Ninforma lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-voti tal-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol għandha tieħu mhux aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Ninforma wkoll lill-Kamra li din is-seduta għandha tkun mingħajr mistoqsijiet, u li l-ħin tal-Aġġornament ma jitteħidx.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Il-Kamra hija aġġornata għal nhar it-Tnejn, 27 ta' Novembru 2023 fid-9.00 a.m. bl-aġenda kif ikkomunikata mis-Segretarju Parlamentari.

*Fis-7.35 p.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023.*

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB

### ĊITAZZJONIJIET FUQ SCOOTERS

**11413. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ċitazzjoni nħarġet fuq scooters f'Lulju 2023? Jista' jgħid ukoll għal liema raġuni nħarġu dawn iċ-ċitazzjonijiet u minn liema lokalitajiet?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

### ĊITAZZJONIJIET FUQ SCOOTERS

**11414. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ċitazzjoni nħarġet fuq scooters f'Awwissu 2023? Jista' jgħid ukoll għal liema raġuni nħarġu dawn iċ-ċitazzjonijiet u minn liema lokalitajiet?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

### TAS-SLIEMA, IL-GŻIRA, SAN ĠILJAN – DIPARTIMENT TAS-SANITÀ

**11415. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il ġurdien mejjet inġabar mid-Dipartiment tas-Sanità minn tas-Sliema, San Ġiljan u l-Gżira, rispettivament għal kull lokalità, f'Jannar 2023?

**ONOR. CHRIS FEARNE (Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa):** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

### TAS-SLIEMA, IL-GŻIRA, SAN ĠILJAN - DIPARTIMENT TAS-SANITÀ

**11416. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il ġurdien mejjet inġabar mid-Dipartiment tas-Sanità minn tas-Sliema, San Ġiljan u l-Gżira, rispettivament għal kull lokalità, fi Frar 2023?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

### TAS-SLIEMA, IL-GŻIRA, SAN ĠILJAN - DIPARTIMENT TAS-SANITÀ

**11417. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il ġurdien mejjet inġabar mid-Dipartiment tas-Sanità minn tas-Sliema, San Ġiljan u l-Gżira, rispettivament għal kull lokalità, f'Marzu 2023?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

### BARRANIN LI QEGĦDIN FUQ IR-REĠISTRU TAX-XOGĦOL

**11500. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm barranin minn pajjiżi tal-Unjoni Ewropea u terzi li qegħdin fuq ir-Reġistru tax-Xogħol, parti 1, parti 2 u parti 3 u minn liema pajjiżi ġejjin?

**ONOR. CLYDE CARUANA (Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol):** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti. L-aħħar ċifri ppubblikati huma ta' Awwissu 2023.

### KAŻIJIET TA' SUWIĊIDJU

**11531. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm suwiċidji minn Mejju 2023 sal-ġurnata li

fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll kemm kienu rġiel u nisa u x'kienet l-età tagħhom?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Minn Mejju 2023 sad-9 ta' Novembru 2023 kien hemm 18-il każ ta' suwiċidju reġistrati mal-Pulizija. Dettalji oħra kif mitluba mill-Onor. Membru huma inklużi fit-tabella riprodotta hawn taħt.

| **Sena 2023** | **Każi ta' suwiċidji** | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Xahar** | **F** | **Età** | **M** | **Età** | **Total** |
| Mejju | 1 | 37 Sena | 3 | 78 Sena<br>54 Sena<br>19 Sena | 4 |
| Ġunju | 0 | | 2 | 66 Sena<br>44 Sena | 2 |
| Lulju | 0 | | 2 | 24 Sena<br>27 Sena | 2 |
| Awwissu | 0 | | 2 | 16 Sena<br>42 Sena | 2 |
| Settembru | 0 | | 4 | 40 Sena<br>27 Sena<br>17 Sena<br>28 Sena | 4 |
| Ottubru | 0 | | 4 | 54 Sena<br>59 Sena<br>38 Sena<br>55 Sena | 4 |
| Novembru sad-9/11/23 | 0 | | 0 | - | 0 |
| **Total** | **1** | | **17** | | **18** |

## Ħ'ATTARD U MOSTA – STUDENTI BARRANIN FL-ISKEJJEL PRIMARJI

**11613. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm studenti barranin fl-iskejjel primarji ta' Ħ'Attard u l-Mosta? Jista' jgħid ukoll kemm hemm studenti b'kollox u mil-liema pajjiżi ġejjin?

**ONOR. CLIFTON GRIMA (Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni):** It-total ta' studenti fl-iskejjel imsemmija huwa ta' 1,349 student. Minn dawn, 212 huma studenti barranin filwaqt li seba' studenti oħra għandhom dual citizenship.

## APPLIKAZZJONI GĦAL CARER ALLOWANCE

**11614. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-mara tal-missier tistax tapplika għall-Carer Allowance biex tieħu ħsieb lil ulied żewġha adulti, li għandhom diżabiltà severa, peress li mhux l-omm naturali tagħhom minkejja li jgħixu lkoll fl-istess dar?

**ONOR. MICHAEL FALZON (Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal):** Jekk ikun hemm żwieġ jew unjoni ċivili bejn il-koppja u sintendi jkunu jgħixu flimkien, mhix f'impjieg u l-wild b'diżabilità qiegħed jirċievi l-Assistenza Miżjuda għal Diżabilità Severa, hija tingħata l-Carer's Grant daqslikieku kien binha jew bintha. Mill-banda l-oħra, jekk il-missier naturali ma jkunx f'impieg, dan il-grant jingħata lilu u mhux lil mara.

## MALTA FILM COMMISSION 2023 - NEFQA

**11626. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm swew flus iż-żjarat li l-Malta Film Commission organizzat fl-2023, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, inklużi dawk ta' Frar u ta' Awwissu għall-membri tal-Ġudikatura inklużi t-tours, ikliet u rigali mogħtija? Jista' jgħid ukoll għalfejn mhux il-membri tal-Ġudikatura kollha kienu mistiedna?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO (Ministru għat-Turiżmu):** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11440.

## JUDICIAL STUDIES COMMITTEE - STEDINIET

**11627. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid fuq liema bażi min imexxi l-Judicial Studies Committee (JSC), u ċjoè l-persuna li d-dettalji tagħha qed jintbagħtu separatament, tagħżel liema membri tal-Ġudikatura jkunu mistiedna jattendu safar u żjarat, bħal tal-Film Commission darbtejn fl-2023? Dan peress li mhux kollha kienu mistiedna, inkluż għall-ġita fl-Albanija ta' ġimgħa fis-sajf 2023?

**ONOR. JONATHAN ATTARD (Ministru għall-Ġustizzja):** Waqt li nispeċifika li l-persuna li d-dettalji tagħha ngħataw separatament ma tmexxix il-Judicial Studies Committee iżda tagħti sapport lil dan il-kumitat, nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11440.

### BELT VALLETTA: TRIQ IN-NOFSINHAR - TISWIJIET FIĊ-ĊANGATURA

**12949. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11148, jista' l-Ministru jgħid liema huma l-entitajiet konċernati peress li s-sitwazzjoni fi Triq in-Nofsinhar, fil-Belt Valletta, mhijiex waħda feliċi?

**ONOR. OWEN BONNICI (Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali):** Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ikkomunika dwar din it-triq ma' Infrastructure Malta.

### IŻ-ŻEJTUN: KAPPELLA TA' SAN KLEMENT - XOGĦLIJIET TA' RESTAWR

**12950. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11290, jista' l-Ministru jgħid kemm hija prevista li se tkun in-nefqa fuq ix-xogħlijiet li ser isiru fil-Kappella ta' San Klement fiż-Żejtun?

**ONOR. OWEN BONNICI:** In-nefqa prevista għax-xogħlijiet ta' restawr fuq il-Kappella ta' San Klement tammonta għal madwar €68,000. Din il-figura tkopri l-ispejjeż ta' xiri tal-materjal u l-pagi tal-ħaddiema tad-Dipartiment tar-Restawr u l-Preservazzjoni involuti fil-proġett.

### PERSUNI REĠISTRATI BĦALA NEET

**12951. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11292, jista' l-Ministru jgħid x'passi u miżuri qed jittieħdu sabiex it-3,471 persuna NEET jinġiebu lura biex jaħdmu jew jistudjaw?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li l-Gvern, permezz ta' Jobsplus, ser ikompli joffri lill-persuni bejn l-età ta' 15 sa 29 sena l-iskema Garanzija għaż-Żgħażagħ. Permezz ta' din l-iskema, iż-żgħażagħ li la qegħdin f'impjieg u lanqas fl-edukazzjoni u żgħażagħ li huma f'riskju li jaqgħu fil-kategorija NEET huma pprovduti b'servizzi mfassla apposta biex jiggwidawhom biex ikomplu bl-edukazzjoni tagħhom jew jidħlu f'impjieg bi qligħ. Biex tgħin fl-integrazzjoni tan-NEETs fis-suq tax-xogħol, Jobsplus toffri wkoll inċentivi finanzjarji lil min iħaddem permezz tal-Iskema tal-'Access to Employment' fejn min iħaddem jirċievi assistenza ta' €110.93 (full-time) jew €55.47(part-time) meta jimpjega kwalunkwe persuna bla xogħol ta' bejn il-15 u l-24 sena li qabel ipparteċipat u lestiet l-iskema tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u tkun ingaġġata għall-ewwel darba.

Jobsplus tamministra wkoll il-proġett INTERCEPT li huwa mmirat biex joħroġ il-potenzjal tan-NEETs bejn il-25 u d-29 fis-settur ekoloġiku. Il-proġett wettaq riċerka dwar in-NEETS u l-kumpaniji ħodor, fejn ġew identifikati l-ħtiġijiet u l-opportunitajiet f'dan il-qasam. Dan il-proġett jinkludi taħriġ u placement fuq il-post tax-xogħol fis-settur ekoloġiku.

Apparti dawn il programmi, Jobsplus toffri servizzi ta' konsulenza dwar ix-xogħol sabiex tassisti liż-żgħażagħ li huma mħajra jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Jobsplus tikkollabora wkoll ma' entitajiet edukattivi sabiex toffri gwida dwar is-suq tax-xogħol, il-ħiliet u l-opportunitajiet eżistenti.

Barra minn hekk, Jobsplus hija involuta f'numru ta' inizjattivi ta' riċerka, bl-għan li jkollha iżjed informazzjoni dwar iż-żgħażagħ u kif jistgħu jiġu megħjuna jilħqu l-aspirazzjonijiet tagħhom.

### IL-BELT VALLETTA: TRIQ SAN ĠWANN – TISWIJIET TAĊ-ĊANGATURA

**12952. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsijiet parlamentari 7954, 9172 u 11145 jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex possibbli li x-xogħlijiet ta' tiswija fi Triq San Ġwann, ġewwa l-Belt Valletta, isiru b'mod aktar urġenti?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI (Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar):** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12953.

## IL-BELT VALLETTA: TRIQ SAN ĠWANN – TISWIJIET TAĊ-ĊANGATURA

**12953. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 7954, 9172 u 11145, jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex possibbli li x-xogħlijiet ta' tiswija fi Triq San Ġwann l-Belt Valletta jsiru, billi bl-użu frekwenti qed isiru iktar urġenti?

**ONOR. AARON FARRUGIA (Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali):** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għaddejjin diskussjonijiet biex isir l-aħjar intervent f'dawn l-akkwati.

## MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - IMPLIMENTAZZJONI TA' DIRETTIVI TAL-UE

**12954. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid x'direttivi tal-Unjoni Ewropea ġew implimentati mill-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali matul is-sena 2023 u liema huma dawk li għadhom pendenti?

**ONOR. ANTON REFALO (Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali):** L-informazzjoni qed tinġabar u se tingħata f'xi seduta oħra.

## IR-RABAT GĦAWDEX - KONSERVAZZJONI TAL-AKWADOTT

**13131. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jipprovdi iktar informazzjoni dwar il-proġett ta' konsolidazzjoni strutturali tal-pedamenti u l-konservazzjoni tal-akwadott fir-Rabat, Għawdex, li ilu jiġi mwiegħed f'diversi baġits f'dawn l-aħħar snin? Jista' jgħid jekk inħarġitx sejħa għal xogħol ta' konsolidazzjoni strutturali tal-pedamenti u l-konservazzjoni tal-akwadott u jekk ġietx awarded? Jista' jgħid ukoll, bejn wieħed u ieħor, meta hu ppjanat li jinbeda x-xogħol?

**ONOR. CLINT CAMILLERI (Ministru għal Għawdex):** Is-sejħa għall-offerti, referenza: 'CT3042/2023 Tender for the structural consolidation and conservation of the aqueduct in Triq Papa Ġwanni Pawlu II, Rabat, Gozo using environmentally friendly measures' ġiet ippubblikata u se tagħlaq fit-12 ta' Diċembru.

## IR-RABAT GĦAWDEX: ĊIMITERJU TA' SANTA MARTA - MANUTENZJONI

**13132. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid x'tip ta' manutenzjoni u xogħol ieħor sar fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marta fir-Rabat f'dawn l-aħħar sitt snin, maqsuma sena b'sena u kemm ġie jiswa? Jista' jgħid ukoll x'hemm ippjanat bħala manutenzjoni u xogħol ieħor li jsir minn issa sal-aħħar tas-sena 2024 f'dan iċ-ċimiterju u kemm hi ppjanata li tkun l-ispiża?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Matul din is-sena (2023) saru spezzjonijiet f'dan iċ-ċimiterju u ser jibdew studji dwar ix-xogħol ta' manutenzjoni u restawr li jeħtieġ li jsiru.

## IX-XEWKIJA: TRIQ TA' ĦAMET - ZEBRA CROSSING

**13133. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid għaliex għaddew diversi xhur u fi Triq Ta' Ħamet, ix-Xewkija (it-triq prinċipali ħdejn il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu) għadha ma saritx zebra crossing kif kien hemm qabel ma' din it-triq ġiet asfaltata? Fid-dawl li dan in-nuqqas serju issa ilu diversi xhur u hemm periklu kbir għal min irid jaqsam f'din l-imsemmija triq, jista' l-Ministru jgħid min min-naħa tal-Ministeru ser jerfa' r-responsabbiltà jekk iseħħ inċident?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Id-dipartiment responsabbli qiegħed f'diskussjoni ma' Transport Malta sabiex jinstab l-aħjar post fejn tista' ssir zebra crossing li tkun koperta bil-permessi meħtieġa.

## GĦAWDEX - SKEJJEL PRIMARJI TAL-GVERN, TAL-KNISJA U INDIPENDENTI

**13134. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm skejjel primarji f'Għawdex, kemm dawk tal-Gvern, kemm dawk tal-Knisja kif ukoll dawk Indipendenti u fejn jinsabu? Jista' jgħid ukoll kemm kien hemm studenti f'kull skola fl-aħħar ta' Ottubru 2023 u kemm minn dawn kienu ta' nazzjonalità barranija? Jista' jgħid kemm kien in-numru ta' għalliema f'kull skola primarja kif ukoll in-numru ta' LSAs f'kull skola?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** L-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella li tinsab fl-aħħar ta' dan id-dokument.

## MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - APPLIKAZZJONIJIET GĦALL FONDI MILL-UNJONI EWROPEA

**13135. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid liema kienu dawk l-entitajiet, dipartimenti jew awtoritajiet fid-dekasteru tiegħu li applikaw għal xi forma ta' fondi mill-Unjoni Ewropea matul l-ewwel għaxar xhur tas-sena 2023? Jista' jgħid ukoll għal liema fondi applikaw u x'kien l-eżitu?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jagħmel referenza għall-informazzjoni li ngħatat fil-mistoqsija parlamentari 12691.

## GĦAWDEX - KINDERGARTEN EDUCATORS

**13136. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm Kindergarten Educators (KGE) Għawdxin li jaħdmu fi skejjel primarji, ġewwa Malta maqsuma sena b'sena mit-8 ta' Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll f'liema lokalità (lokalità b'lokalità) u x'etajiet għandhom dawn il-ħaddiema, u kemm ilhom snin jaħdmu ġo skejjel primarji ġewwa Malta? Jista' jgħid kemm minnhom huma relievers, f'liema skola huma relievers u kemm ilhom?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

## MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA

**13256. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li kellhom jiġu minfuqa matul l-2020, 2021 u 2022 u ma ntefqux? Jista' jgħid ukoll liema kienu u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. RODERICK GALDES (Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli):** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

## MINISTERU GĦALL-EKONOMIIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA

**13257. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li kellhom jiġu minfuqa matul l-2020, 2021 u 2022 u ma ntefqux? Jista' jgħid ukoll liema kienu u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI (Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet):** Matul is-snin 2020-2022, il-fondi Ewropej ġew assorbiti kollha.

## MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA

**13258. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li kellhom jiġu minfuqa matul l-2020, 2021 u 2022 u ma ntefqux? Tista' tgħid ukoll liema kienu u tagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI (Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur):** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

## MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA

**13259. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li kellhom jiġu minfuqa matul l-2020, 2021 u 2022 u ma ntefqux? Jista' jgħid ukoll liema kienu u jagħti break down tagħhom?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

## MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA

**13260. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li kellhom jiġu minfuqa matul l-2020, 2021 u 2022 u ma ntefqux? Jista' jgħid ukoll liema kienu u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

## MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA

**13261. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li kellhom jiġu minfuqa matul l-2020, 2021 u 2022 u ma ntefqux? Jista' jgħid ukoll liema kienu u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

## KUMPENS *EX GRATIA* MOGĦTI MILL-GVERN MALTI

**13406. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12362, jista' l-Ministru jgħid kemm-il kumpens *ex gratia* ġie mogħti mill-Gvern Malti mis-sena 2013, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u ċjoè x'pagamenti saru mill-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol u/jew l-entitajiet kollha li jaqgħu taħtu għal danni u/jew pretensjonijiet mingħajr ma tiġi rikonoxxuta, dikjarata jew assunta xi forma ta' responsabbiltà daparti tal-istess Gvern Malti?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Mis-sena 2013 'l hawn inħarġu 491 ċekkijiet bħala kumpens *ex gratia* mill-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol, li jammontaw għal total ta' €6,331,737.27.

## FINANCIAL ORGANISED CRIME AGENCY

**13407. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid meta ser tiġi mwaqqfa l-Financial Organised Crime Agency li ġiet imħabbra mill-predeċessur tiegħu waqt konferenza tal-aħbarijiet u permezz ta' stqarrija nhar is-27 ta' Ġunju 2019 u li t-twaqqif tagħha ġie diskuss u approvat mill-Kabinett?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ma hemm l-ebda ħsieb li tiġi mwaqqfa l-Financial Organised Crime Agency minħabba li dawn il-funzjonijiet qed jiġu moqdija permezz tal-entitajiet preżenti.

## GĦOTI TA' KUMPENSI *EX GRATIA*

**13408. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12360 u 12834 u jagħti rendikont tal-kumpens *ex gratia* li ġew mogħtija mill-Gvern Malti mis-sena 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Tabella b'informazzjoni skont l-informazzjoni li għandu d-Dipartiment tal-Ġustizzja li jkopru biss dawk it-talbiet imressqa quddiem il-Kabinett mill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti. Mhux eskluż illi talbiet simili setgħu tressqu wkoll minn Ministri oħra, però dawn ma ġewx proċessati mill-Ministeru għall-Ġustizzja. L-informazzjoni disponibbli hi minn meta ġie ffurmat id-Dipartiment tal-Ġustizzja, ċjoè mill-2015.

**BELT VALLETTA: BINI TAL-QORTI - XOGĦLIJIET**

**13409. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12366 u jagħti data definittiva meta ser jitlestew ix-xogħlijiet li qegħdin isiru fid-dħul tal-bini tal-Qorti fil-Belt Valletta?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ix-xogħol fid-dħul tal-bini tal-Qorti fil-Belt Valletta għaddej u l-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati qed tara li jitlesta mill-aktar fis.

**BAĠIT 2024 – STALLAZJONI AWDJOVIŻIVA FI PJAZZA TRITONI**

**13411. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti rendikont sħiħ u dettaljat tan-nefqa li saret b'rabta mal-istallazzjoni awdjoviżiva dwar il-Baġit 2024 fi Pjazza Tritoni? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' kwalunkwe fattura, rendikont u/jew talba għal ħlas dwar l-imsemmija installazzjoni awdjoviżiva?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**KUNSILL NAZZJONALI TAL-ĦILIET - GĦODOD**

**13441. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid liema għodod taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) qed juża l-Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** L-għodod kollha li tuża Cedefop huma għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri Ewropej permezz tal-pjattaforma elettronika tagħhom. Sal-lum, il-Kunsill Nazzjonali għall-Ħiliet ħadem ħafna fuq ir-ReferNet u CareersNet, flimkien mal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni – networks fuq it-tisħiħ u l-iżvilupp tal-edukazzjoni vokazzjonali u għal karrieri, kif ukoll fuq l-iskills intelligence platform, skills forecasting u skills ovate fejn issir analiżi tal-ħiliet l-aktar meħtieġa fis-snin li ġejjin, id-domanda għax-xogħol fil-preżent u s-setturi li ser jaraw l-aktar tkabbir.

**OPERAZZJONI TA' KIRURĠIJA PLASTIKA – LISTA TA' STENNIJA**

**13457. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm individwi fuq il-lista ta' stennija għall-operazzjoni relatata ma' kirurġija plastika?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Hemm 147 pazjent li qed jistennew operazzjoni relatata mal-kirurġija plastika għal żmien aktar minn dak stipulat fil-Patient Charter.

**OPERAZZJONI TA' NEWROKIRURĠIJA – LISTA TA' STENNIJA**

**13458. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm individwi fuq il-lista ta' stennija għall-operazzjoni relatata ma' newrokirurġija?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Hemm 43 pazjent li qed jistennew operazzjoni relatata ma' newrokirurġija għal żmien aktar minn dak stipulat fil-Patient Charter.

**RAĦAL ĠDID: SOUTHERN REGIONAL HUB - XOGĦLIJIET**

**13459. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta se jitlesta x-xogħol fil-medical services Southern Regional hub, f'Raħal Ġdid?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ix-xogħlijiet fuq Vincent Moran Paola Regional Hub jinsabu fl-aħħar stadji u mistenni li jkun miftuħ għall-pubbliku s-sena d-dieħla.

**RAĦAL ĠDID: SOUTHERN REGIONAL HUB - SPIŻA**

**13460. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm se jiġi jiswa l-proġett tal-Medical Services, Southern Regional Hub, f'Raħal Ġdid?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** L-istima tan-nefqa għall-proġett li semma hu hi ta' €44 miljun.

**BELT VALLETTA - PERMESSI GĦAL IMWEJJED U SIĠĠIJIET GĦALL-ĦWIENET KUMMERĊJALI**

**13490. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm, f'metri kwadri, huma ż-żoni permessibbli li fihom l-entitajiet kummerċjali rispettivi fil-Belt Valletta għandhom il-permess li joħorġu l-imwejjed u s-siġġijiet fi spazji, bankini, pjazez u toroq pubbliċi? Jista' jipprovdi din l-informazzjoni maqsuma entità entità?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sabiex entità kummerċjali tikkwalifika għall-permess tal-imwejjed u siġġijiet trid tagħmel dan permezz ta' applikazzjoni online minn fuq is-sit tal-istess Awtorità. Kif tidħol din l-applikazzjoni, l-Awtorità tibda proċess sabiex tara jekk din it-talba tistax tiġi akkomodata. Għalhekk ma teżistix xi żona fissa fejn fiha hu permessibbli jew le li entità kummerċjali jista' jkollha spazju għall-imwejjed u siġġijiet.

**SINDKI LI HUMA IMPJEGATI MAL-GVERN JEW ENTITAJIET PARASTATALI**

**13491. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm Sindki li huma impjegati mal-Gvern jew entitajiet parastatali f'dawn l-aħħar għaxar snin?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Hemm tmienja u għoxrin (28) Sindku li huma impjegati mal-Gvern jew ma' entitajiet parastatali.

**KLABB 3-16 – ATTENDENZA**

**13531. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu n-numru, maqsum skola skola, ta' studenti li qed jattendu Klabb 3-16?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** L-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| Lokalità | Total ta' studenti |
|---|---|
| Ħ'Attard | 211 |
| Birkirkara | 230 |
| Birżebbuġa | 105 |
| Fgura | 243 |
| Għargħur | 45 |
| Gudja | 53 |
| Gżira | 109 |
| Ħamrun | 170 |
| Luqa | 114 |
| Marsaskala - St Anne | 179 |
| Marsaskala - St Joachim | 198 |
| Mellieħa | 203 |
| Mġarr | 125 |
| Mosta Annex | 77 |
| Mosta | 189 |
| Mqabba | 79 |
| Naxxar | 219 |
| Paola | 129 |
| Pembroke | 164 |
| Qawra | 425 |
| Qormi San Bastjan | 150 |
| Rabat B | 109 |
| San Ġiljan | 110 |
| San Ġwann | 204 |
| Siġġiewi | 161 |
| Sliema | 190 |
| St. Pauls Bay | 188 |

| | |
|---|---|
| St. Venera | 194 |
| Tarxien | 76 |
| Żabbar A | 163 |
| Żabbar B | 101 |
| Żebbuġ - Malta | 161 |
| Żejtun | 178 |
| Żurrieq | 197 |
| Victoria - Gozo | 92 |

**SAN PAWL IL-BAĦAR - PERSUNI ARRESTATI MINĦABBA ĠLIED**

**13532. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' persuni li ġew arrestati minħabba ġlied li nqala' fl-inħawi ta' San Pawl il-Baħar matul din is-sena, maqsuma xahar b'xahar? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawk arrestati kienu Maltin u kemm kienu barranin?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Kien hemm 22 persuna arrestati li minnhom 7 persuni kienu Maltin u 15-il persuna kienu barranin.

**IL-MELLIEĦA, IN-NAXXAR U SAN PAWL IL-BAĦAR: AKKOMODAZZJONI TURISTIKA - APPLIKAZZJONIJIET APPROVATI**

**13533. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' applikazzjonijiet għal lukandi, guest houses, jew faċilitajiet turistiċi simili, fl-inħawi tal-Mellieħa, in-Naxxar u San Pawl il-Baħar, li ġew approvati mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu matul din is-sena? Jista' jgħid ukoll kemm hu n-numru ta' sodod li mistenni li jipprovdu dawn il-faċilitajiet?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** In-numru ta' lukandi, guest houses jew faċilitajiet turistiċi simili li ġew approvati matul din is-sena fl-inħawi tal-Mellieħa, Naxxar u San Pawl il-Baħar huma s-segwenti:

| | **Mellieħa** | **Naxxar** | **San Pawl il-Baħar** |
|---|---|---|---|
| Lukandi | 0 | 0 | 0 |
| Guest Houses | 1<br>(24 sodda) | 0 | 0 |
| Hostels | 0 | 0 | 0 |

**IL-MELLIEĦA, IN-NAXXAR U SAN PAWL IL-BAĦAR: STABBILIMENTI TAL-CATERING - APPLIKAZZJONIJIET APPROVATI**

**13534. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm stabbilimenti tal-catering ġew approvati mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu matul din is-sena fil-Mellieħa, in-Naxxar, u San Pawl il-Baħar? Jista' jgħid ukoll f'liema kategoriji ta' catering ġew approvati dawn l-istabbilimenti?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** In-numru ta' liċenzji ta' stabbilimenti tal-catering li ġew approvati matul din is-sena fl-inħawi tal-Mellieħa, in-Naxxar u San Pawl il-Baħar huwa kif ġej:

| | **Mellieħa** | **Naxxar** | **San Pawl il-Baħar** |
|---|---|---|---|
| Ristoranti | 1 | 1 | 3 |
| Snack Bars | 0 | 1 | 4 |
| Take-Aways | 2 | 1 | 1 |

**SKEMA 'KOMUNITAJIET IKTAR SIGURI U ORGANIZZATI' - KUNSILLI LI APPLIKAW**

**13535. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid liema kienu l-Kunsilli Lokali li applikaw għall-iskema 'Komunitajiet iktar siguri u organizzati' li kienet varata mill-Ministeru? Jista' jgħid ukoll liema minn dawk il-kunsilli li applikaw kellhom it-talba tagħhom milqugħa u x'kienu l-inizjattivi approvati?

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

| **Kunsill Lokali** | **X'kienet l-inizjattiva li ġiet approvata għal din l-Iskema?** |
|---|---|
| Birkirkara | CCTV cameras - Ċentru Ċiviku |
| Ħal Lija | CCTV cameras - Ġnien Ċentru Rikreattiv |
| Pembroke | CCTV cameras fi Triq Alamein, Triq Giorgio Mitrovich u Triq Suffolk. Kampanja edukattiva |
| Swieqi | Sezzjonijiet Informattivi - Dealing with substance users (parents) and security at home |

| | |
|---|---|
| Il-Belt Valletta | CCTV cameras u fence fi Ġnien Hastings |
| Il-Birgu (Città Vittoriosa) | CCTV cameras f'diversi toroq u bollards |
| Fgura | 2 e-bikes għall-użu tal-Pulizija tal-Komunità |
| Ħal Tarxien | CCTV cameras ġo diversi ġonna |
| Ħal Għaxaq | CCTV cameras ġo diversi toroq |
| Ħamrun | Kampanja ta' għarfien - pjattaformi diġitali |
| Santa Luċija | CCTV cameras fi Ġnien is-Serenità |
| Santa Venera | Tneħħija ta' oġġetti u irmunkar ta' vetturi |
| Ħaż-Żebbuġ (Città Rohan) | CCTV cameras & 2 e-bikes |
| Is-Siġġiewi (Città Ferdinand) | Xiri ta' scooters elettriċi |
| Ħad-Dingli | CCTV Cameras f'diversi spazji miftuħa |
| Il-Qrendi | CCTV Cameras fi Triq it-Tempesta u Misraħ San Mattew |
| Ir-Rabat | CCTV Cameras u tqassim ta' safety gadgets |
| Ħal Safi | CCTV Cameras fi Triq Menqa u Triq l-iskola |
| Ir-Rabat (Città Vittoria) | CCTV Cameras f'diversi toroq u spazji miftuħa |
| Il-Fontana | CCTV Cameras f'diversi toroq u spazji miftuħa |
| Għajnsielem | CCTV Cameras f'diversi toroq u spazji miftuħa |
| L-Għarb | CCTV cameras u boom barriers |
| L-Għasri | CCTV Cameras f'diversi toroq u spazji miftuħa |
| Ta' Kerċem/ Santa Luċija | CCTV Cameras f'diversi toroq u spazji miftuħa |
| Il-Munxar/ Xlendi | CCTV Cameras f'diversi toroq u spazji miftuħa |
| In-Nadur | CCTV Cameras f'ġonna u playingfield |
| Il-Qala | CCTV Cameras f'diversi toroq u spazji miftuħa |
| San Lawrenz | CCTV Cameras f'diversi toroq u spazji miftuħa |
| Ta' Sannat | CCTV Cameras f'diversi toroq u spazji miftuħa |
| Ix-Xewkija | CCTV Cameras f'diversi toroq u spazji miftuħa |
| Iż-Żebbuġ | CCTV Cameras f'diversi toroq u spazji miftuħa u tabelli multilingwali |
| San Gwann | CCTV cameras f'diversi zoni, e-bikes, leaflets u outdoor signs fuq l-ġbir ta' skart |
| Ħ'Attard | CCTV cameras f'diversi ġonna |
| Ħal Balzan | CCTV cameras f'diversi toroq |
| Il-Mellieħa | CCTV cameras f'diversi toroq |
| L-Imġarr | CCTV cameras, e-bikes, tqassim ta' gadgets u twaħħil ta' barriers |
| Il-Mosta | Safety barriers u e-bike |

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR – NEFQA FUQ REKLAMAR**

**13542. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12859 u jgħid, xahar b'xahar, minn nhar is-27 ta' Marzu 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kienet in-nefqa mill-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar u mill-entitajiet kollha li jaqgħu taħtu, f'reklamar fuq is-sit soċjali *Facebook*? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-imsemmija reklami?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Tabella li turi n-nefqiet tal-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar u l-entitajiet li jaqgħu taħtu f'reklamar fuq *Facebook* mis-27 ta' Marzu 2022 sal-lum tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin ta' Tqegħid ta' Karti.

**BENEFIĊĊJI SOĊJALI – FONDI RKUPRATI**

**13548. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 13179 u 13180 li oriġinarjament saru lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza u lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol rispettivament, jista' l-Prim Ministru jgħid kemm fondi ġew irkuprati lura minn dawk li nstabu ħatja mill-Qorti b'rabta mal-abbuż fl-għoti tal-Benefiċċji ta' Diżabilità Severa, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

## BENEFIĊĊJI SOĊJALI – FONDI RKUPRATI

**13549. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 13179 u 13180 li oriġinarjament saru lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza u lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol rispettivament, jista' l-Ministru jgħid kemm fondi ġew irkuprati lura minn dawk li nstabu ħatja mill-Qorti b'rabta mal-abbuż fl-għoti tal-Benefiċċji ta' Diżabilità Severa, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi mill ammont li ġew assessjati fuq każijiet li ntalbu rifużjoni tal-ħlasijiet li saru, sa issa ġew irkuprati €626,653.87.

## FAĊILITÀ SAN VINĊENZ DE PAUL - KLINIKA TAL-ĠINEKOLOĠIJA

**13583. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu n-numru ta' nisa li użaw is-servizz tal-ġinekoloġija fil-klinika li ġiet inawgurata din is-sena fil-Faċilità San Vinċenz de Paul? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom kienu jirrisjedu fl-istess Faċilità u kemm minnhom kienu mill-komunità?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA (Ministru għall-Anzjanità Attiva):** S'issa 50 resident ta' San Vinċenz de Paul u 67 anzjani mill-komunità użaw dan is-servizz.

## FAĊILITÀ SAN VINĊENZ DE PAUL - KLINIKA TAL-ĠINEKOLOĠIJA - SERVIZZI

**13584. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma s-servizzi li qed jingħataw fil-Klinika tal-Ġinekoloġija ġewwa l-Faċilità San Vinċenz de Paul?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Hemm diversi servizzi li jingħataw f'din il-klinika, servizzi ġenerali ta' ġinekoloġija u tas-saħħa tal-mara u servizzi relatati ma' post-menopause, servizzi ta' ultrasound kemm taż-żaqq kif ukoll transvaginal scans.

Barra minn hekk, isiru proċeduri mediċi żgħar bħal biopsies, smear tests, change of pessaries, Prolapse assessment, post-menopausal bleeding assessment, Post D and C assessment, Vulvar lesion/Ca Endometrium surveillance, Abdominal mass and vaginal pain assessment.

## FAĊILITÀ SAN VINĊENZ DE PAUL - PERSUNI LI JAĦDMU FIL-KLINIKA TAL-ĠINEKOLOĠIJA

**13585. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni jaħdmu fil-Klinika tal-Ġinekoloġija ġewwa l-Faċilità San Vinċenz de Paul? Jista' jgħid ukoll x'inhu l-grad ta' kull persuna u jekk humiex impjegati full-time jew part-time?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Il-kliniċi li jinsabu fiċ-Ċentru tal-Kura Ġerjatrika huma mmexxija minn staff nurse. Jattendi wkoll tabib tal-ġinekoloġija mill-Isptar Mater Dei.

## FAĊILITÀ SAN VINĊENZ DE PAUL - KLINIKA GĦALL-MONITORAĠĠ TAL-KANĊER FIL-PULMUN

**13586. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-persuni li sal-lum użaw il-klinika għall-monitoraġġ tal-kanċer fil-pulmun ġewwa l-Faċilità San Vinċenz de Paul, kemm minnhom kienu jirrisjedu fl-istess Faċilità u kemm minnhom kienu mill-komunità? Jista' jgħid ukoll x'inhuma s-servizzi kollha li jingħataw minn din il-klinika?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Sal-lum, 236 pazjenti mill-komunità użaw dan is-servizz. Dawn huma anzjani mill-komunità. Residenti ta' San Vinċenz de Paul sa issa ma ġewx bżonn dan is-servizz.

**FAĊILITÀ SAN VINĊENZ DE PAUL – PERSUNI LI JAĦDMU FIL-KLINIKA GĦALL-MONITORAĠĠ TAL-KANĊER FIL-PULMUN**

**13587. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni jaħdmu fil-klinika għall-monitoraġġ tal-kanċer fil-pulmun ġewwa l-Faċilità San Vinċenz de Paul, x'inhu l-grad ta' kull persuna u jekk jaħdmux full time jew part time?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Din hija out-patient clinic li tikkonċentra fuq follow-ups ta' wara interventi u sorveljanza. Noffru wkoll servizzi ta' radjoloġija u bloodletting. In-nurse u l-clerk huma impjegati full-time ġewwa San Vinċenz de Paul. It-tabib/konsulent jiġi mill-Isptar Mater Dei.

**SAN VINĊENZ DE PAUL - KUMITAT**

**13588. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri tal-Kumitat ta' San Vinċenz de Paul u r-rwol rispettiv tagħhom? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx remunerazzjoni marbuta mar-rwol tagħhom u, jekk iva, x'inhi r-remunerazzjoni għal kull membru?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jispeċifika għal liema kumitat qed jirreferi.

**INVESTIMENT BIEX JIŻDIEDU L-FAĊILITAJIET FIL-BAJJIET**

**13595. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid f'liema bajjiet hu mistenni li jsir investiment fihom matul is-sena 2024 biex jiżdiedu iktar faċilitajiet fl-istess bajjiet? Jista' jgħid ukoll għal liema xogħol diġà ġew sottomessi applikazzjonijiet ta' żvilupp jekk tali permessi huma meħtieġa?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

*Din it-tabella hija annessa ma' mistoqsija parlamentari numru 13134 ta' Seduta Nru 178.

| **Skola (Primarja)** | **Studenti Maltin** | **Studenti Barranin** | **Total ta' Studenti** | **Numru ta' Għalliema** | **LSEs** |
|---|---|---|---|---|---|
| Gozo College Għajnsielem Primary | 165 | 23 | 188 | 8 | 17 |
| Gozo College Għarb Primary | 102 | 13 | 115 | 5 | 9 |
| Gozo College Kerċem Primary | 105 | 4 | 109 | 6 | 6 |
| Gozo College Nadur Primary | 192 | 33 | 225 | 11 | 20 |
| Gozo College Qala Primary | 94 | 22 | 116 | 6 | 7 |
| Gozo College Rabat Primary | 262 | 55 | 317 | 16 | 32 |
| Gozo College San Lawrenz Primary | 25 | 10 | 35 | 5 | 6 |
| Gozo College Sannat Primary | 201 | 21 | 222 | 9 | 42 |
| Gozo College Xagħra Primary | 227 | 31 | 258 | 12 | 32 |
| Gozo College Xewkija Primary | 124 | 29 | 153 | 7 | 13 |
| Gozo College Żebbuġ Primary | 61 | 49 | 110 | 6 | 7 |

| **Skola (Knisja)** | **Studenti Maltin** | **Studenti Barranin** | **Total ta' Studenti** | **Numru ta' Għalliema** | **LSEs** |
|---|---|---|---|---|---|
| Bishop's Conservatory Junior School – Victoria Gozo | 199 | 2 | 201 | 11 | 12 |
| Laura Vicuna School – Għasri Gozo | 196 | 2 | 198 | 7 | 12 |
| St Francis School – Victoria Gozo | 196 | / | 196 | 8 | 13 |
| St Theresa school – Ta' Kerċem Gozo | 190 | 1 | 191 | 7 | 14 |